# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa speċjali LXXXVII 2014

# Il-Malti
Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA SPEĊJALI
LXXXVII
2014

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Olvin Vella

*Membri*: David Agius Muscat

Joseph P. Borg

Maurice Mifsud Bonnici

Thomas Pace

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2014 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-503-9

# Werrej

L-editorjal
*Olvin Vella* ....................1

Don Brandano Caxario u l-għejun primarji – xi punti ta' riflessjoni
*Joan Abela* ....................3

Ħarsa ġdida lejn ir-rakkont tal-Ħimjari dwar Malta
*Michael Cooperson*....................39

"*hemme ard bayda v hemme ard seude et hamyra*": kif il-Ġeografija tgħinna nifhmu l-Kantilena
*John A. Schembri* ....................55

Il-versi Għarbin tal-poeti Medjevali Għarab-Maltin: ħarsa mill-ġdid
*Martin R. Zammit* ....................70

Analiżi ta' prietki bit-Taljan minn awturi Maltin tas-sekli sbatax-dsatax
*Stephen Zammit* ....................95

# L-editorjal

Olvin Vella

Bi pjaċir qed nippreżentaw din l-edizzjoni speċjali b'ġabra ta' studji marbutin ma' testi qodma. Fiha nsibu żewġ studji fuq żmien l-Għarab, tnejn oħra fuq il-Kantilena u ieħor fuq il-prietki bikrin.

Joan Abela (storika) għandha l-mertu li studjat dokumenti magħrufin u oħrajn ġodda li jinsabu fl-Arkivju Notarili u fit-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni biex iżżid dettalji bijografiċi fuq Brandanu Caxaro. Hija tikxef kif fl-atti nutarili tiegħu hemm referenzi għal Erażmu ta' Rotterdam, l-awtur li kien għal qalb l-Umanisti u li fi żmienu kien ikkundannat mill-Knisja. Il-perspettiva storika tagħha titfa' d-dawl fuq it-tiġrib li għadda minnu Brandanu u toffrilna possibiltà oħra għala seta' kkopja l-Kantilena. Mertu ieħor tal-awtriċi huwa l-interpretazzjoni ġdida tad-daħla għall-għanja ta' Caxaro.

John A. Schembri (ġeografu) kiteb ukoll fuq il-Kantilena, imma jargumenta li t-tiġrif tad-dar seta' ma kien allegorija xejn. Wara li juri l-kwalitajiet differenti tal-blat li jsawwar pajjiżna, u l-kuluri differenti tiegħu – u li jissemmew fil-Kantilena – ifisser kif dar mibnija fuq il-qawwi ta' fuq tista' tiġġarraf wara x-xita minħabba li t-tafal ta' taħt jirtab u jiżloga l-blat ta' fuqu.

L-istudju ta' Michael Cooperson (Arabista u traduttur) fuq it-test tal-Ħimjari jissuġġerixxi qari ġdid ta' xi frażijiet li jistgħu jipprovdu tagħrif fuq in-nisel tal-Maltin. L-istħarriġ filoloġiku tal-awtur għandu jkompli jsaħħaħ idejn l-istoriċi huma u jiddiskutu dan il-perjodu misterjuż minħabba l-ftit evidenza miktuba u arkeoloġika li għandna. Skont il-qari ġdid ta' Cooperson, meta l-Għarab ħakmu

Malta l-ewwel darba, ġarrew skjavi iktar milli kienu jifilħu. U fir-rakkont tal-ġrajja tal-1048, Cooperson jargumenta li l-iskjavi kienu Misilmin, mhux Insara. Uħud minnhom, ikompli l-awtur tagħna, jekk napplikaw dak li l-Bakri kiteb fil-każ tal-Marokk, setgħu kienu ġejjin mill-Ewropa ta' fuq. Cooperson iżid li, fi żmien l-Għarab, barra l-Misilma u l-iskjavi jista' jkun li kien hemm il-bdiewa, li l-Bakri jagħżilhom għalihom meta jitkellem fuq x'kien ġara l-Marokk.

L-istudju ta' Martin Zammit (Arabista u traduttur) fuq il-poeżiji miktuba minn poeti Għarab-Maltin ta' żmien is-sultan Ruġġier II jinkludi għall-ewwel darba t-traduzzjoni mill-oriġinal għall-Malti. Bil-għarfien tal-prosodija Għarbija huwa jipprovdi qari ġdid. Barra minn hekk, bis-saħħa ta' datazzjoni ġdida tal-poeżiji, Zammit jissuġġerixxi li l-kapulavur ta' arloġġ li nbena f'Malta u li jissemma mill-poeti Għarbin-Maltin hu l-istess wieħed mogħti lis-sultan Ruġġier II f'Palermo.

L-istudju ta' Stephen Zammit (speċjalista tat-Taljan) hu kontribut ewlieni fuq il-ġeneru tal-prietki. Minnu li, kif jistqarr l-awtur, il-prietki tas-sekli XVII-XIX mhumiex magħrufa għall-valur estetiku. Madanakollu, l-elokwenza spettakolari, l-istil iperboliku u l-elementi drammatiċi u teatrali jagħżlu dan il-ġeneru għalih. Kif juru x-xbihat riprodotti f'dan l-istudju, il-prietka ġieli kienet tieħu s-sura ta' rappreżentazzjoni teatrali quddiem udjenza sajma mit-tagħlim. Zammit jiddedika parti kbira mill-istudju tiegħu biex jagħmel ġustizzja ma' xi predikaturi tal-imgħoddi li paxxew lil min semagħhom bis-saħħa tat-tħaddim tal-figuri retoriċi. Minn dan l-istudju toħroġ ċara l-influwenza tal-elokwenza reliġjuża Taljana fuq dik Maltija, tant li nistgħu ngħidu li hemm rabta, kultant intima, bejniethom.

# Don Brandano Caxario u l-għejun primarji – xi punti ta' riflessjoni

Joan Abela[1]

L-għan ewlieni ta' dan l-artiklu huwa li joffri xi punti ta' riflessjoni fuq il-ħajja tan-nutar Don Brandano Caxario li nsibu ħjilijiet tagħha fl-għejun primarji tas-seklu sittax.[2] B'hekk inkunu nistgħu nifhmu aħjar għaliex Brandano kien imqanqal li jittraskrivi l-Kantilena għall-posterità, u kemm l-espressjoni poetika tagħha sabet xebh u milja fl-esperjenzi personali ta' dan in-nutar. Joħroġ sabiħ ukoll l-impatt li l-miġja tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann kellha fuq l-infiltrazzjoni tal-ideat Luterani f'komunità iżolana li ħafna storiċi dejjem iddeskrivewha arkajka u Medjevali. Il-ħeffa tat-tixrid tal-ħsieb Riformista fl-ewwel nofs tas-seklu sittax, speċjalment fost nies letterati bħal Brandano, tagħti lok għal riflessjonijiet oħra fuq x'timbri nagħtu lis-soċjetà Maltija f'dan il-perjodu delikat ta' tranżizzjoni. Biex isir dan l-istudju ġew ikkonsultati bosta dokumenti li fil-parti l-kbira tagħhom huma mniżżla fil-kitbiet ta' Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni.[3] Dan l-istudju se jibda billi jiddiskuti l-għejun primarji misjuba fl-Arkivju Notarili li jesprimu l-aħħar xewqat ta' Brandano, imbagħad se jgħaddi biex jesplora d-dokumenti tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni li jgħinuna biex inħarsu lejn dan in-nutar b'mod aktar uman, għalkemm b'ħafna riservi. Fid-depożizzjonijiet mistura ġo dan l-arkivju, il-karattri li nsibu fl-atti notarili flimkien ma' oħrajn li kienu jifformaw parti mis-soċjetà li trabba u għex fiha Brandano, jingħataw il-ħajja permezz tal-interrogazzjonijiet. Fl-aħħar ta' dan l-artiklu se jitqajmu xi punti ta' riflessjoni bil-għan li jgħinuna nifhmu aħjar x'setgħet fissret il-Kantilena għal Brandano Caxario.

**L-aħħar xewqat tan-nutar Brandano**

L-aħbar tas-sejba tal-eqdem kitba bil-Malti fis-snin sittin issorprendiet mhux ftit. In-nies stagħġbet għaliex ħadd ma basar li xi ħadd intellettwali li kien ġie deskritt bħala poeta, filosfu u oratur kien se jieħu l-inkarigu biex "ibaxxi" lilu nnifsu u jikteb bil-lingwa tal-kotra.[4] U dan aktar u aktar meta wieħed iqis li din il-kitba, li hija minsuġa b'versi retoriċi u allegoriċi, kienet tesprimi b'sengħa mħaddma tajjeb sentimenti mħallta ta' diqa u tama u għalhekk donnha nkitbet f'mument meta l-awtur kien għaddej minn żmien ta' tiġrib.[5]

Il-kobor u l-importanza tas-sejba tal-Kantilena jixhidhom il-fatt li din il-poeżija għadha tqajjem interess u għatx għal aktar analiżi. Mhux ta' b'xejn għalhekk li meta wieħed ikun qed iqalleb il-folji tar-reġistri notarili l-isem "Caxaro", fil-forom varji tiegħu, iqajjem kurżità. Il-wirt letterarju li ħalla dan il-kunjom huwa kbir wisq u jħalli 'l kulħadd għatxan għal tagħrif ieħor, u għaliex le, forsi anke s-sejba ta' aktar kitbiet bil-Malti fost il-gzuz ta' dokumenti li għadhom ma ġewx miflija peress li qatt ma kienu aċċessibbli għar-riċerkatur. Kien f'mument ta' kurżità simili li ġibidli l-attenzjoni l-isem ta' Brandano Caxario[6] f'volum numru disgħa tal-atti tan-nutar Bartolomeo Axisa.[7] In-nutar Axisa huwa diġà msemmi fil-kitbiet ta' Wettinger u Fsadni, li rreferew għall-ftuħ u l-qari tat-testment solenni ta' Brandano Caxario, miktub fis-17 ta' Settembru 1565.[8] Il-kurżità kompliet tikber meta, ftit folji wara l-kopja tat-testment, tfaċċa kuntratt ikkategorizzat bħala "*Inventarium Bonorum Venerabilis Brandanus Caxario*" li ma kien xejn ħlief lista tal-affarijiet mobbli, immobbli, annimali u introjtu ieħor li ħalla warajh dan il-qassis/nutar.[9] Tiftix ieħor żvela kif Brandano Caxario kien għamel għall-inqas testment ieħor qabel dak tas-17 ta' Settembru 1565. Dan jirriżulta minn kopja ta' kodiċilli[10] li tinsab fir-reġistri tan-nutar Juliano Muscat u li ġġib id-data 13 ta' Marzu 1563, fejn hemm referenza għal testment li kien inkiteb minn idejn l-istess Caxario u li kien ġie kkonservat min-nutar Muscat[11] (ara Appendiċi I).

Importanti li wieħed isemmi li kienet teżisti battalja antika bejn in-nobbli u l-qassisin għall-pussess ta' riżorsi ekkleżjastiċi u mhumiex.[12] Qassis li kien membru tal-kleru kien jinħtieġlu dispensa mill-Papa biex ikun jista' jagħmel testment, u fin-nuqqas ta' din, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kellhom dritt għall-eredità tiegħu.[13] Fil-fatt, fil-kodiċilli Brandano jsemmi li huwa kellu dan il-permess appostoliku[14] u għalhekk ħassar żewġ legati ta' għaxar ewwieq[15] il-wieħed biex dak li qabel kien imħolli lin-nobbli Gerolamo de Inguanes[16] u lin-nobbli Vincenzo Cagege[17] issa ġie mħolli lil Laura Bonello, it-tifla ta'

Tommaso Bonello.[18] Interessanti ngħidu li f'dan il-perjodu kienet użanza fost in-nutara li fil-kodiċilli jdaħħlu xi kwotazzjoni magħrufa li b'xi mod tiġġustifika l-bidla tal-ħsieb tat-testatur. F'dan il-każ, Caxario, wara li jtenni li l-volontà umana hija mutabbli u għalhekk tista' tinbidel sal-mewt *(voluntas hominum ambulatoria est usque ad mortem)*[19] ikompli billi jikkwota[20] preċiżament mill-Ktieb ta' Ġob: "jgħid Ġob, il-bniedem imwieled mill-mara u qatt ma jibqa' fl-istess stat permanenti tiegħu" *(dicente Job homo natus de muliere nunquam in eodem statu permanent)*.[21]

Kif ser jiġi spjegat 'il quddiem, meta wieħed jifli sew u jaqra b'mod sħiħ din is-silta meħuda mill-Bibbja, ma jistax ma jinnotax ix-xebh kbir li hemm fis-sinifikat bejn il-kitba ta' Ġob u l-Kantilena, kif ukoll kemm dawn iż-żewġ kitbiet jorbtu tajjeb mal-ġrajjiet li sawru ħajjet Brandano Caxario. Iżda għalissa ejja nkomplu ngħarblu d-dokumenti.

**Il-maħbubin ta' Brandano u t-tfal tagħhom**

Il-pass li kien imiss kien li jiġu studjati kemm it-testment kif ukoll l-inventarju tal-beni ta' Brandano, u dan sabiex wieħed jipprova jislet tagħrif personali fuq in-nutar. L-istess bħat-testmenti, l-inventarji huma għajn ewlenija ta' tagħrif u jgħinu biex ipoġġu persuna li tkun għexet mijiet ta' snin qabel f'soċjetà u f'kuntest li huma aljeni għalkollox minn tal-lum. Infatti joħorġu bosta punti interessanti mill-qari tat-tnejn. Bħalma diġà ntqal, l-aħħar testment ta' Caxario nkiteb fis-17 ta' Settembru 1565, ftit jiem wara li spiċċa l-Assedju l-Kbir u ftit ġranet, jekk mhux sigħat, qabel ma miet.[22] Fil-ftuħ tat-testment jingħad li dan kien inkiteb minn id Ferdinando Chiappara[23] (sic) peress li Caxario kien dgħajjef u marid imma tajjeb minn moħħu.[24]

F'dan it-testment Brandano ħalla bħala werriet universali tiegħu lin-nutar Juliano Muscat.[25] Interessanti l-fatt li ma jissemmew la Katarina Aczopardo, li kienet il-konkubina ta' Brandano għal aktar minn għoxrin sena, u lanqas uliedhom is-subien.[26] Hawn ta' min jagħmel parenteżi ċkejkna u jiġbed l-attenzjoni li tul ħajtu Brandano darbtejn kellu l-inkwiet mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi fl-1546 u fl-1563, peress li ġie mixli li kien qiegħed ixerred ideat Luterani li kienu jmorru kontra t-tagħlim tal-Knisja, fosthom li l-qassisin ma kellhomx bżonn id-dispensa tal-Papa biex jiżżewġu.[27] Għalhekk, għalkemm il-konkubinaġġ tiegħu kien magħruf sew fost dawk li kienu jafuh, huwa ma setax jagħraf lis-sieħba tiegħu u lil uliedu b'mod formali u legali.[28]

Madanakollu, l-aktar ħaġa li tolqot l-għajn f'dan it-testment kienet l-inklużjoni ta' ċerta Clara, *sciava manumissa de Catania* (l-ilsira meħlusa ta' Katanja) u wliedha f'post prominenti fost il-werrieta partikolari. Infatti, kemm Clara kif ukoll uliedha bniet u subien[29] isibu posthom eżatt wara li jissemma l-Isqof u s-sehem li Caxario kien ħalla lill-Knisja u l-membri l-oħra tal-kleru.[30] B'ġest hekk imsejjaħ "ta' mħabba", kif ukoll għall-maħfra ta' dnubietu, lil Clara u lil uliedha Brandano ħallielhom għaxar ewwieq li kellhom jingħatawlhom mill-werrieta fi żmien sena wara mewtu. Wieħed għalhekk awtomatikament jistaqsi: min kienet din Clara u x'sehem kellha hi u wliedha fil-ħajja ta' Brandano? Tgħid waħda minn uliedha l-bniet kienet dik li f'Awwissu 1549 għammdet tifla bl-isem ta' Mariola u li tniżżlet fir-reġistri tal-knisja tan-Naxxar sempliċiment bħala *la figlastra di Notaro Brandano Caxar di Mosta*?[31]



Fig. 1. Il-parti fit-testment ta' Brandano Caxario fejn qed iħalli werrieta lil Clara u wliedha.

*Item p(re)fat(us) testator legavit et jure legati r(e)liq(ui)t o(mni)b(us) filijs vtri(us)(que) sexus clara manumisse de catania vnc(ias) decem p(onderis) g(eneralis) sibi dandas et (con)signandas in pecunia vel in vna partita vnc(ias) decem p(er) suum datam iux(ta) formam bull(a)e ad rati(onibus) decem p(ro) centenario ad election(em) infra(script)i sui her(e)dis infra termin(um) anni vni(us) enumerandi a()die mortis dicti testatoris in (antea ?) et hoc amore Dei et p(ro) r(e)missione suor(um) peccator(um).*

ANV, R 32/9, f. 3v (22.ix.1565) (Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt Valletta)

Traduzzjoni: Ukoll 'il fuq imsemmi testatur ħalla legat u b'titlu ta' legat [ħalla] lit-tfal kollha, subien u bniet, ta' Clara *manumissa de Catania* għaxar ewwieq ta' valur tajjeb li għandhom jiġu mogħtija u kkonsenjati lilhom fi flus jew f'parti ta' għaxar ewwieq skont il-*formam bullae* bir-rata ta' għaxra fil-mija fi żmien sena mill-mewt tal-imsemmi testatur u dan għall-imħabba t'Alla u għall-maħfra ta' dnubietu.[32] (Traskrizzjoni u traduzzjoni tal-awtriċi).

Sfortunatament s' issa l-għejun primarji għadhom ma tefgħux dawl ieħor biex jgħinuna nirrispondu dawn il-mistoqsijiet, anzi bil-kontra l-għaliex f'Lulju 1563 waqt il-ġuri ta' Caxario, Lorenzo Falzon stqarr quddiem l-Inkwiżitur Cubelles li Brandano kellu konkubina li kienet magħrufa bħala *figlia di Preicio* (it-tifla ta' Preicio) u li minnha kellu ħamest itfal (ara isfel).

***Int[errogatu]s:*** *Q[uo]d scit de vita fama co[n]versatione et morib[us] dicti do[n]ni Brandani*

***R[espon]dit:*** *Che da circa vinti anni in qua decto do[n] Brandano ha tenuto ordinariame[n]te per sua co[n][cubi]na una app[ella]ta figlia di preicio co[n] la q[ua]le ha procreato cinq[ue] figli che sapia esso testi[mon]io quale co[n] cubina la teni fin al p[rese]nte et che solea conversar co[n] li sudecti heretici.*[33]

AIM Processi Vol. 2 No. 9, 'Contra donnum Brandanum de Caxario' f. 31v (1.vii.1563)

**Mistoqsi:** X'taf fuq il-ħajja, il-fama, il-konverżazzjonijiet u d-drawwiet tal-imsemmi Sinjur Brandano(?)

**Irrisponda:** Li minn madwar għoxrin sena 'l hawn l-imsemmi don Brandano żamm bħala konkubina tiegħu waħda msejħa t-tifla ta' Preicio li magħha nissel ħamest itfal, sa fejn jaf dan ix-xhud, u din il-konkubina għadu jżommha sal-ġurnata tal-lum, u li spiss jiddiskuti mal-eretiċi msemmija hawn fuq. (Traskrizzjoni u traduzzjoni tal-awtriċi)

Ftit jiem qabel, fit-28 ta' Ġunju 1563, Nicola Xerri wkoll xehed quddiem l-Inkwiżitur u stqarr li Brandano kellu konkubina u li "kienu jgħidu" li minnha kellu "*piu di cinque figloli*"(aktar minn ħamest itfal) però ma semma la l-ismijiet u lanqas kinux subien jew bniet.[34] Min-naħa tiegħu, Brandano, meta ġie mistoqsi kemm kellu tfal wieġeb li kellu tliet subien.[35] Jista' jagħti l-każ li huwa stqarr hekk minħabba li kien maħkum mill-biża' u ma riedx ikompli jgħarraq is-sitwazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet. Dan aktar u aktar meta wieħed jiftakar li l-Inkwiżitur Cubelles ma kellux relazzjonijiet tajba wisq mal-kleru Malti peress li xi snin qabel dawn kienu xlewh quddiem il-Papa b'abbuż ta' poter.[36]

Dawn it-tliet stqarrijiet kontemporanji jqajmu kurżità għaliex skont l-arblu tar-razza ppubblikat minn Wettinger u Fsadni, Katrina Aczopardo kellha tal-anqas seba' subien li b'xi mod jew ieħor huma ddokumentati fl-għejun primarji.[37] Jista' dejjem jagħti l-każ li "t-tifla ta' Preicio" kien il-laqam ta' Katarina Aczopardo u li ż-żewġ xhieda ma kinux jafu eżatt kemm kellu tfal Brandano, għalkemm Falzon żgur li kien midħla sew ta' Brandano peress li l-laqgħat sigrieti tar-Riformisti Luterani li kien jattendi Brandano kienu jsiru għand missier Falzon.[38] Jista' jkun ukoll li "t-tifla ta' Preicio" ma kienet ħadd ħlief xi konkubina oħra ta' Caxaro (forsi Clara?) u li minnha kellu ħamest itfal filwaqt li minn Katarina kellu mill-anqas seba' subien. Fin-nuqqas ta' provi konkreti, kull ipoteżi hija possibbli.

Ngħaddu issa għall-inventarju tal-beni ta' Caxario fejn jerġa' jingħad li n-nutar Juliano Muscat kien il-werriet universali ta' Caxario[39] (ara Appendiċi II),[40] kif ukoll jingħata dettall tal-introjtu li Brandano kellu mill-artijiet u xi flejjes li kellu jagħti u jirċievi.[41] Xi kurżitajiet li wieħed jiltaqa' magħhom tul din il-lista huma li Brandano kellu:

- xi djar, imsaqqfa u mhumiex, ir-Rabat in-naħa ta' Santa Margerita
- senduq tal-ġilda bil-għatu
- saqqu mimli bis-suf
- par lożor
- farsata (biċċa drapp magħmula mis-suf) bajda[42]
- żewġ siġġijiet, wieħed tal-ġilda u l-ieħor tal-injam[43]
- mejda tal-ikel
- żewġ mantelli
- spellizza
- libsa biex iqaddes
- brevjar u missalin
- *traverseri* (imħadda)[44] mimlija bis-suf
- *pavigluni*[45] u l-aċċessorji tiegħu li kienu meħuda minn Joannello Maczara bħala erarju tal-Kurja tal-Isqof, mid-dar ta' Antonio Caxaro, id-dar li fiha Don Brandano kien jinsab marid u fejn miet
- mantell ieħor ġdid li kien jinsab għand il-manifku Hieronimo Inguanes
- biċċtejn art fejn xulxin li kienu jinsabu l-Wardija (*la Guardia)* in-naħa ta' San Termo (Sant'Iermu?) jew inkella tal-Latmija
- ħmar li kien investa f'xirka għall-valur ta' wqitejn u għoxrin irbiegħi, ħmar li laħaq miet
- bank tal-injam li kien jinsab fid-dar ta' Antonio Caxaro[46]

- ktieb li kien jismu *Li capituli dilo regno* li kien ġie misluf lil Bartolomeo Bonellu u li kien għadu għandu
- uqitejn u tmienja u għoxrin irbiegħi li kien ħa mingħand Don Francesco di Alagona biex għamel it-testment tal-mejjet Alvaro de Nava u li kienu ġew imħallsa lill-Onor. Katerina Aczupard bħala parti mis-somma ta' tliet ewwieq u tmintax irbiegħi li din l-istess Katerina kienet sellfet lill-mejjet Caxario
- baqra u erħa li kien investa f'xirka ma' Simuni Calleia bir-rata ta' sitt ewwieq u ħmistax irbiegħi
- baqra oħra li kien investa f'xirka ma' Paulo Mifsud minn *Casali Gadirburdi* bir-rata ta' sitt ewwieq.

Meta wieħed jifli l-kodiċilli msemmi aktar 'il fuq jinnota li f'Marzu tal-1563, jiġifieri sentejn u nofs qabel ma Brandano għamel l-aħħar testment, Brandano kien diġà ġie deskritt bħala marid fis-sodda: *prefatus reverendus donnus Brandanus de Caxaro jacens in lecto infirmus corpore*.[47] Min-naħa l-oħra fl-inventarju jingħad li Brandanu kien jinsab marid u saħansitra miet fid-dar ta' Antonio Caxaro li kien ibnu minn Katarina Aczopardo.[48] Fis-7 ta' Settembru 1583 l-istess Antonio niżżel nota fl-aħħar reġistru notarili ta' missieru, jiġifieri dak tal-1563, u ddikjara li huwa kien il-konservatur tal-atti ta' Brandano Caxaro (sic). B'hekk nistgħu ngħidu li l-Kantilena sabet postha mar-reġistri notarili ta' dan in-nutar.[49]

## Brandano u l-Inkwiżizzjoni

Biex inkomplu dan it-tagħrif fuq il-ħajja ta' Brandano Caxario, tajjeb li wieħed jerġa' jmur lura għaż-żmien meta Brandano kien għaddej minn perjodu diffiċli għalih u għall-familja tiegħu. Qed nirreferu għall-ġuri li kellu quddiem l-Inkwiżitur fl-1563, meta s-saħħa ta' Brandano żgur kompliet sejra lura meta għat-tieni darba f'għoxrin sena ġie mixli quddiem l-Inkwiżitur Domenico Cubelles li kien qed ixerred tagħlim qarrieqi li kien imur kontra d-domma tal-Knisja Kattolika. Infatti, ħarsa ħafifa lejn il-kitba tiegħu fuq id-dokumenti tal-Inkwiżizzjoni tixhed id li ma hi xejn soda fil-kitba (ara Fig. 2). Tajjeb li nibdew biex naraw x'kien il-kuntest li fih għex il-protagonista tagħna, b'hekk inkunu nistgħu nifhmu aħjar x'wassal għall-arrest tiegħu u ta' bosta minn sħabu fl-1563.

Bla dubju, il-wasla tal-Kavallieri f'dawn il-gżejjer fl-1530 ħalliet impatt soċjali u ekonomiku kbir u fetħet il-bibien beraħ għall-influss kontinwu ta' ideat, drawwiet u tradizzjonijiet li ħolqu ambjent kożmopolitan. Bosta minn dawn l-ideat sabu art għammiela fejn irabbu l-għeruq u jikbru, u dan għaliex sa minn qabel il-wasla tal-Kavallieri, f'Malta kien hawn faxxa tas-soċjetà li kienet mhux biss letterata imma anke kolta. Sa nofs is-seklu sittax, il-moviment umanistiku kien fl-aqwa tiegħu fl-Ewropa, u Malta ma baqgħetx lura.[51] Ewlenin fost dawk li kienu jħaddnu, jgħallmu u jxerrdu dawn l-ideat Riformisti li l-Knisja Kattolika kienet tqis bħala ereżijiet kien hemm Don Andrea Axac u Don Francesco Gesualdo li kienu jmexxu żewġ skejjel tal-grammatika fl-Imdina u fil-Birgu. Dawn kellhom influwenza kbira fuq it-tfal ta' nies influwenti li kienu jużaw is-servizzi tagħhom. Gesualdo kien ukoll responsabbli għat-twaqqif tal-*Confrateria dei Buoni Christiani,* li kienet tħaddan u xxerred twemmin Luteran.[52]

Mix-xhieda li ngħatat waqt każijiet diversi fit-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni joħroġ ċar li fil-laqgħat tagħhom dawn ir-Riformisti kienu jaqraw u jiddiskutu l-Iskrittura Mqaddsa, kif ukoll diversi xogħlijiet projbiti, bħal dawk ta' Luteru, Melanchton u Erażmu.[53] Sa mill-aħħar snin tas-seklu ħmistax fl-Ewropa l-kotba ta' Erażmu, speċjalment il-*Colloquia*[54] jew "Djalogi" bdew jintużaw bħala kotba tat-tagħlim u tal-eżerċizzju għall-istudenti. Sal-1533 kienu ġa ħarġu madwar tnax-il sensiela ġdida minn dawn id-Djalogi sakemm eventwalment telgħu għal madwar ħamsin. Malta wkoll ifformat parti minn dan it-tixrid ta' tagħlim ġdid u dan nafuh mid-depożizzjonijiet ta' diversi xhieda quddiem l-Inkwiżitur li stqarrew li dawn il-kotba kienu jinqraw fl-iskejjel tal-grammatika, kif ukoll jiġu diskussi f'laqgħat sigrieti li kienu jsiru għal dan il-għan.[55] Dan it-tagħlim ġdid kien joffri spiritwalità ġdida li kienet tressaq il-bniedem lejn Alla permezz tal-filosofija ta' Kristu.[56] Kemm dawn l-ideat influwenzaw lil Caxario nistgħu narawh mill-volumi notarili tiegħu fejn ta' kultant kien iniżżel xi vers minn dawn il-kotba, bħalma per eżempju għamel fil-volum notarili tal-1541 fejn niżżel għall-posterità vers mill-ktieb *Colloquia*: *Amaracus ait abstine sus non tibi spiro*, jiġifieri "l-merqtux jgħid, warrab ħanżira, jien ma nfuħx għalik".[57] Għalfejn niżżel propju dan il-vers Brandano? Kellu xi sitwazzjoni partikolari f'moħħu? Seta' l-merqtux li jfewwaħ il-ġonna u jpaxxi l-palat jirrappreżenta t-tagħlim il-ġdid? Setgħet il-ħanżira, li kienet tistkerrah din ir-riħa, tirrappreżenta l-Knisja Kattolika li riedet teqred dan it-tagħlim?[58] Min jaf?

Dak li hu żgur huwa li fl-aħħar sitt xhur tas-sena 1563 tressqu quddiem l-Inkwiżitur u ġew ikkundannati xejn anqas minn sittax-il ruħ, fosthom żewġ



Fig. 2 Il-firma ta' Don Brandano Caxario (l-ewwel linja fuq nett), waqt li qed tikkonferma kulma ntqal quddiem l-Inkwiżitur Cubelles, tixhed il-kitba ta' id xejn soda. AIM Processi Vol. 2 No. 9, 'Contra donnum Brandanum de Caxario', f. 37v (1563) (Ħajr lill-Arkivju tal-Katidral, l-Imdina)

persuni li diġà ltqajna magħhom f'dan l-istudju, in-nutar Bartolomeo Axisa u Tumas Bonello li kien in-neputi ta' Brandano.[59] Id-dokumenti tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni joffru lill-qarrej il-possibiltà li jħossu preżenti u jassisti għal dak li kważi jista' jitqies bħala dramm imtella' ġo sala tal-Qorti fis-seklu sittax. Dramm li huwa artikulat mid-depożizzjonijiet u l-interrogazzjonijiet tax-xhieda u tal-akkużat, u f'każijiet partikolari anke mill-krib tal-vittmi tat-tortura.[60] Dramm li jilħaq il-qofol tiegħu fl-għoti tal-verdett finali, u fil-każ ta' Brandano fl-umiljazzjoni pubblika u s-sottomissjoni totali tal-ħati għas-sentenza finali.

Brandano Caxario kien ingħata tlett ijiem ċans biex jirrifletti fuq l-azzjonijiet tiegħu u jindem eżatt wara li ġie arrestat. Nistgħu ngħidu li huwa minnufih stqarr li kien sogħobbih għall-aġir tiegħu u anke talli ħaddan u xerred bosta mit-tagħlim Luteran. Il-ħeffa ta' Brandano li jammetti ħtijietu ma tiġix bħala sorpriża. Biżżejjed wieħed iqis li, sena biss qabel, il-ħbieb tiegħu Don Andrea Axaq u Don Francesco Gesualdo pprovaw jaħarbu minn taħt id l-Inkwiżitur Cubelles billi ħarbu lejn l-Italja, iżda dan xorta baqa' jippersegwitahom u fil-fatt dehru quddiem il-ġustizzja f'Ruma. Gesualdo baqa' sħiħ fit-twemmin tiegħu u spiċċa maħruq fil-pjazza tal-Birgu xi żmien wara Ġunju 1563.[61] Axac min-naħa l-oħra nidem però tneħħietlu l-liċenzja biex ikun jista' jgħallem u tneżża' minn qassis għal xi żmien. Huwa kellu jabjura[62] darbtejn, l-ewwel darba f'Marzu tal-1562 fil-knisja ta' *Santa Maria Sopra Minerva*, Ruma, u

mar-ritorn tiegħu Malta quddiem kongregazzjoni sħiħa magħmula mill-Gran Mastru, l-Isqof u l-kleru.[63]

L-ereżija issa kienet ferrxet l-għeruq sew ġol-ibliet, u l-Knisja Kattolika kienet determinata li tgħaddi l-messaġġ li ma kienx se jkun hemm ħniena għar-Riformisti Luterani. Brandano kien jaf sew x'kien qed jistennieh li kieku baqa' sod f'fehmtu, u għalhekk ma tilifx ħin biex jitlob maħfra u jwiegħed li kien ser jimxi fuq it-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Fis-16 ta' Lulju nqatgħetlu sentenza ħarxa u l-għada kien meħud fl-*Aula Secreta* biex din tinqara lilu mill-Isqof Cubelles innifsu. Brandano kien imġiegħel jabjura fil-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu, fil-ġurnata tal-Ħadd jew f'xi festa kmandata.[64] Din is-sentenza neżżgħetu minn bosta privileġġi fosthom l-introjtu mill-benefiċċji ekkleżjastiċi kollha. Huwa ġie mċaħħad ukoll milli jaqdi dmirijietu ta' qassis u ta' nutar.[65] Ikun interessanti li wieħed isemmi xi wħud mill-kastigi spiritwali, hekk imsejħa "mediċinali",[66] li kienu maħsuba biex ifejqulu ruħu, u dawk korporali li kienu mogħtija bħala tpattija tal-aġir eretku tiegħu. (Ara Appendiċi III).

Biex nibdew, tajjeb li ngħidu li Brandano kellu jisma' l-qari tas-sentenza għarkopptejh quddiem l-Inkwiżitur bħala sinjal ta' rassenjazzjoni u ubbidjenza




Fig. 3 Vers mill-*Colloquia* ta' Erażmu ġol-volum notarili ta' Brandano Caxario ANV, R 175/8, f. 1 (1541) (Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt Valletta)

totali lejn il-Knisja Kattolika u t-tagħlim tagħha. Din fiha nfisha kienet umiljazzjoni kbira meta wieħed jiftakar li Cubelles ma tantx kien igawdi minn stima kbira mill-kleru Malti. Brandano kellu wkoll:

- jiġi maqful il-ħabs għat-tul ta' żmien li jiġi deċiż mit-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni
- jilbes il-libsa tal-mistħija bis-salib aħmar, il-"*patientia salva*",[67] fuq il-ħwejjeġ kollha tiegħu u ma jneħħiha qatt ħlief biex jorqod
- darba fix-xahar imur jirrapporta għand l-Isqof "*al suo ordinario*"
- għal xahar sħiħ jassisti fuq l-artal maġġur tal-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu, fil-Ħdud u l-festi kmandati u x-xahar ta' wara jagħmel l-istess fil-Katidral tal-Imdina
- għal tliet snin jagħti kontribuzzjoni għall-bżonnijiet tal-erwieħ
- iqerr għand il-konfessur li jagħżillu l-Isqof jew inkella l-Vigarju kull nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati, u ried ukoll jitqarben
- fl-ewwel okkażjoni li l-Isqof ikun fil-Katidral tal-Imdina, ibuslu siequ kif ukoll ibus idejn ir-Reverendi qassisin bħala sinjal ta' ubbidjenza lejn il-Knisja li kien inġurja[68]
- jobdi l-liġijiet tal-Knisja u l-indulġenzi
- iżomm fil-kamra tiegħu xi xbihat ta' Ġesù Kristu u tal-qaddisin
- għal sena sħiħa, darba fix-xahar iqerr f'post fejn jarawh in-nies
- għal sentejn, kull nhar ta' Ġimgħa jsum u, jekk ikun ma jiflaħx, jagħti l-karità, u kull nhar ta' Ġimgħa jgħid is-salm penitenzjarju għarkopptejh
- iħallas ħamsin skut lill-Uffiċċju tal-Inkwiżizzjoni.

Din is-sentenza reġgħet inqrat pubblikament nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju 1563 fl-għaxra ta' filgħodu fil-knisja tal-Lunzjata, il-Birgu, minn Alexandro Abela, in-nutar tal-Inkwiżizzjoni.[69] Wieħed hawn jista' biss jimmaġina l-umiljazzjoni li sofra Caxario fl-aħħar snin ta' ħajtu. Minn bniedem imfittex sew kemm għas-servizzi reliġjużi kif ukoll għal dawk legali, huwa spiċċa prattikament ħabsi ġo daru, mingħajr introjtu u mingħajr ma jista' jaqla' x'jiekol b'ħidmietu.

Fid-dehriet pubbliċi tiegħu l-ilbies tal-penitenza kien jagħżlu bħala l-midneb tas-soċjetà. Ried jidher f'postijiet fejn il-miġemgħa kienet kbira. Min jaf x'kien iħoss hekk kif ħarset in-nies kienet taqa' fuqu u l-ilsna jibdew itaqtqu? Bħal bniedem imniġġes ried jagħżel ruħu mill-kumplament tas-soċjetà, dik l-istess soċjetà li min jaf kemm-il darba qeda u kemm-il darba ħafrilha dnubietha. Iżda, filwaqt li dnubietha riedu jibqgħu mistura għandu, dnubietu riedu jiġu mxandra, ried jiġi mkażbar u redikolat. Kien biss f'Jannar 1564 li Brandano



Fig. 4. Il-libsa tal-mistħija bis-salib aħmar - il-"*patientia salva*"

tħalla jerġa' jibda jipprattika ta' nutar u tmien xhur wara ngħatalu l-permess li jerġa' jibda jqaddes u jdaħħal il-flus mill-benefizzji.[70a]

**Brandano u l-politika lokali**

Ta' min jistħarreġ ukoll jekk fil-volumi ta' Brandano hemmx xi ħjilijiet li jistgħu jitfgħu dawl fuq is-sitwazzjoni politika lokali fi żmien li huwa tant nieqes minn dokumentazzjoni li tirrifletti l-attwalità tal-ġurnata. Biex isir dan huwa importanti li wieħed jifhem sew it-tifsira ta' kull kelma jew frażi, li ġo volum legali żgur ma kinitx titniżżel b'kapriċċ. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota referenza li tinstab ġo volum notarili tal-1538, fejn Brandano juża l-istess verb *aspiro* (li jidher imsemmi f'Fig. 3) bħala talba biex l-Ispirtu qaddis jillumina l-bniedem,[70b] u dan partikolarment qabel ma n-nutar niżżel l-ismijiet ta' dawk li kienu fit-tmun tat-tmexxija tal-pajjiż.[70c] Dettall importanti li joħroġ mill-qari ta' dawn l-ismijiet huwa fejn Brandano mhux biss isemmi lir-Re ta' Spanja



Fig. 5. Permezz tal-kitba tiegħu, Brandano Caxaro jipproponilna li l-Università
kienet temmen li ser tiggverna f'dijarkija mal-Kavallieri.
ANV, R 175/3, f.162v (1538)
(Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt Valletta)

Karlu V (1519-1556) u l-Kavallieri ta' Malta, li dak iż-żmien kienu taħt it-tmexxija ta' Juan D'Homedes (1536-1553), iżda fl-istess livell ta' importanza jpoġġi l-ismijiet tal-membri tal-kunsill muniċipali, magħruf bħala l-Università. Lil dawn tal-aħħar isejħilhom Patres Conscripti, li prattikament huwa l-istess titlu mogħti f'Ruma tal-Qedem meta kienu jirreferu għall-membri tas-Senat. B'hekk f'dan iż-żmien bikri tat-tmexxija tal-Ordni permezz tal-kitba tiegħu huwa qiegħed jipproponilna li hemm xi forma ta' dijarkija fit-tmexxija, fejn l-Università kienet għadha temmen li kienet se tmexxi id f'id mal-Kavallieri u li l-privileġġi tagħha ma kinux se jiġu mittiekla, ħaġa li l-istorja għallmitna li ma seħħitx. Din l-ipoteżi tissaħħaħ bl-użu tal-verb *rego* (*regnante* u *regantibus*) meta jirreferi għat-tmexxija tal-kotra taċ-ċittadini mhux biss minn Karlu V u l-Ordni imma wkoll mill-amministrazzjoni lokali.

## Brandano u l-Kantilena – Punti ta' riflessjoni

L-istudju ta' dawn id-dokumenti jqajjem ħafna punti ta' riflessjoni. L-ewwel nett ta' min jgħid li lil Brandano ma nistgħux nippruvaw nifhmuh jekk mhux fil-kuntest tar-riformi kbar li kienu qed jiżviluppaw fi żmienu, u li kienu qed iqajmu mistoqsijiet ġodda dwar il-kwalità tal-ħajja tal-bniedem u l-potenzjal tiegħu. Mistoqsijiet li għalkemm kellhom sfond reliġjuż, kienu qed ifittxu tweġibiet li kienu jxejnu l-ħsieb Medjevali u jipproponu soluzzjonijiet li kienu jwasslu għal serħan tal-moħħ.[71] Fost oħrajn, ix-xogħlijiet ta' Erażmu, li Brandano kien tant jiddiskuti ma' sħabu,[72] kienu jipproponu li biex bniedem ikollu kuxjenza safja jinħtieġlu jfittex il-qdusija fih innifsu u jagħmel paċi ma' Alla. Din il-paċi kienet tiġi billi wieħed ikollu moħħu miftuħ għall-pjaċiri tat-tagħlim, tal-istudju u tal-kitba letterarja.[73]

Forsi l-aktar ħsieb li jnawwar ġo moħħ l-istudjuż meta jgħarbel il-ħajja ta' Brandano Caxario jirrigwarda r-rabta li kellu mal-Kantilena. X'kien dak li ġiegħlu jiktibha – in-niket, il-ferħ, it-tama jew sempliċiment is-sbuħija letterarja tagħha? Fid-daħla għall-poeżija, Brandano jgħid li kien:

> Daqsxejn ferħan bit-tifkira tal-għanja minsuġa żmien ilu minn qaribi, il-mejjet Pietro de Caxaro, filosfu, poeta u oratur, li dwaru darba kien intqal: "Onfoħ il-qasba lil Caxaro, nitolbok, ja nisel magħruf: ħalli jixtiquk in-Ninfi, ħadet ħsiebek il-Muża tiegħek," liema (għanja) qed inżidha hawn bl-ilsien Malti.

Din id-daħla turina li Brandano Caxario kien tassew bniedem kolt u profond fi ħsiebu, nistgħu ngħidu prodott tal-Umaniżmu ta' żmienu.[74] Fl-introduzzjoni għall-Kantilena Brandano ried ifakkar lin-nisel Malti l-kliem ta' tifħir li kien intqal fuq wild denn ta' dan il-ġens, Pietru Caxaro. Interessanti li l-kliem li jintuża biex jiddeskrivi 'l Pietru jidher li hu mnebbaħ minn xogħlijiet klassiċi tal-letteratura Griega, ħaġa li kienet komuni għal daż-żmien ta' tiġdid meta r-riskoperta tax-xogħlijiet klassiċi Latini u Griegi, flimkien mal-valuri varji tagħhom, kienu jiġu applikati fil-letteratura u l-morali.[75] Hawnhekk Brandano qed itenni dan il-kliem biex jistieden lin-nisel Malti joħroġ il-qasba u jibda jdoqq għall-poeżija ta' Pietru.[76] L-għażla ta' "qasba" bħala strument mużikali, b'differenza ta' "pinna" li rreferew għaliha Wettinger u Fsadni,[77] qed issir peress li tintuża l-kelma "onfoħ" (*confla*)[78] qabel "qasba" (*calamum*).[79] Il-qasba u l-konnessjoni mal-mużika tista' tirreferi għall-istejjer mitoloġiċi Griegi, bħal dik tal-alla Pan u l-oriġini tal-flawt.[80] Brandano jfakkar ukoll li l-kliem tal-Kantilena kien miktub b'sengħa poetika hekk tajba li anke n-ninfi setgħu jixtiquh. Fil-mitoloġija Griega, in-ninfi kienu jirrappreżentaw xbejbiet sbieħ li kellhom għal qalbhom il-mużika u ż-żfin.[81] Il-mużi min-naħa l-oħra kienu magħrufa li jħaddnu s-setgħa li jnebbħu lill-bniedem jikteb il-poeżija.[82] Meta



Fig. 6 *Sapientissimum Tempus* – Żmien Wisq Għaref
ANV, R 175/10, f. 1, 1542 (Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt Valletta)

Brandano jtenni li n-ninfi, li kif għidna huma l-prodott ta' kultura letterarja Griega tant rikka, setgħu jixtiequ din il-poeżija, u li l-muża ħadet ħsieb l-ispirazzjoni poetika ta' Pietru, kien qed jiddikjara l-kobor tal-ħsieb miktub minn Malti. Dan il-kliem jieħu tifsira akbar meta wieħed iqis li din id-dikjarazzjoni, li ġiet ikkwotata minnu fl-introduzzjoni, inkitbet xi żmien bejn nofs is-seklu ħmistax u l-ewwel nofs tas-seklu sittax.

Brandano jinformana wkoll li din il-poeżija kienet qed tiġi mniżżla bl-ilsien Malti. Għalfejn jagħti din l-informazzjoni? Forsi l-Kantilena ta' Pietru nkitbet bil-Latin jew bit-Taljan u Brandano ttraduċieha[83]– ħila li nafu li n-nutara ried ikollhom peress li kienu marbuta bil-liġi li jittraduċu l-atti notarili kelma b'kelma mil-Latin għall-vernakular meta tinqala' l-ħtieġa?[84] Għalfejn min faħħar lil Pietru Caxaro faħħru bil-Latin għal biċċa xogħol bil-Malti, li ma kinetx il-lingwa tal-għorrief? Jista' jkun li Pietru kitibha b'aktar minn lingwa waħda biex jilħaq udjenza akbar, u Brandano għażel dik bil-Malti?

Kif jgħidilna Wettinger, il-kultura f'Malta sa nofs is-seklu sittax kienet kważi kollha orali.[85] Wieħed allura bilfors jistaqsi: il-Kantilena f'liema sura waslet għand Brandano, miktuba jew orali? Jekk waslet oralment kważi mitt sena wara, kemm kienet fidila lejn il-verżjoni oriġinali? Nistgħu ngħidu definittivament li l-fonoloġija tal-Kantilena hija waħda li tirrifletti fedelment il-Malti Medjevali ta' nofs is-seklu ħmistax?[86] Sakemm jintefa' dawl ġdid fuqhom dawn il-mistoqsijiet jibqgħu mhux imwieġba definittivament, u huwa propju dan is-sabiħ tal-arkivji, li jippermettulna nittamaw li fihom għad xi darba nsibu xi ftit minn dawn it-tweġibiet.

Iżda x'kien eżatt dak li ġiegħel lil Brandano jniżżel din il-poeżija ġol-volum notarili tiegħu? Il-fatt li l-poeżija ta' Pietru Caxaro kienet miktuba f'volum iddatat 1533-1536 ma jfissirx li din bilfors inkitbet fil-perjodu li fih inkitbu dawn l-atti. Brandano seta' faċilment kitibha snin wara u għażel li jniżżilha fl-ewwel volum tiegħu. Huwa jiftaħ l-introduzzjoni għall-kantilena bil-kliem "Daqsxejn ferħan". Xi jfisser? Li kien imdejjaq u li din l-għanja farrġitu?[87] Tgħid Brandano kkopja din il-poeżija wara xi wieħed mill-każijiet li kellu hu, jew xi wieħed minn sħabu, quddiem l-inkwiżitur, biex jesprimi d-diqa tas-sitwazzjoni u fl-istess ħin irabbi kuraġġ quddiem dawn id-diffikultajiet? Jista' jkun li l-għanja ta' Pietru Caxaro, bl-allegorija kollha tagħha, kienet tesprimi eżattament dak li kienu għaddejjin minnu Brandano u sħabu r-Riformisti?

Kif diġà rajna, id-dokumenti juru li Brandano kien bniedem tal-ħsieb u kellu l-aspirazzjonijiet, l-aspettattivi u l-ideali tiegħu. Aspirazzjonijiet u ideali li kienu joħolmu b'dinja li tkun maħkuma anqas mill-influwenza tal-Knisja,




Fig. 7. Wiċċ kurjuż impinġi ġol-kelma "NOS" (aħna) f'wieħed mill-volumi ta' Brandano Caxario. Forsi wiċċ Brandano?
ANV, R 175/42, f. 400 (1554-55)
(Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt)



Dettall

Fig. 8. Ħajr lil Daniel Cilia talli ġibidli l-attenzjoni għal din it-tpinġija
ANV, R 175 Indiċi vol. 1
(Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt)

dinja li fiha l-ħsieb seta' jimraħ liberament u l-bniedem ikun aktar ħieles biex iħobb u jirrifletti. Xhieda ta' kemm Brandano kien tassew jemmen li kien qed jgħix fi żmien imdawwal minn tagħlim ġdid li kien qed ibiddel lid-dinja ta' madwaru huwa l-użu tal-kliem *Sapientissimum Tempus,* jew "Żmien Wisq Għaref", imħażżeż minn id Vincenzo Cagege[88] taħt is-*signum*[89] tiegħu fil-volum notarili tal-1542.[90]

Iżda dan it-tagħlim imdawwal mill-għerf li kienu tant jiddiskutu bejniethom Brandano u r-Riformisti sħabu, x'ġara minnu? Spiċċa mġarraf bħad-dar ta' qaribu Pietru? It-tafal merħi ta' Brandano kien forsi n-nuqqas ta' kuraġġ li wrew hu u bosta minn sħabu l-Luterani meta ġew biex jiddefendu dak li kienu jemmnu fih? L-imgħallmin li ma kellhomx ħtija għal Brandano kienu nies bħal Gesualdo li għalkemm taw ħajjithom għal dak li kienu jemmu fih, ma rnexxilhomx jibnu pedamenti sodi fid-dixxipli tagħhom? Il-qalb ta' ebda rażan kienet dik tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, li tefgħu lil Brandano u sħabu f'niket kbir meta ġegħluhom jiċħdu twemminhom? Il-kliem b'ton ta' tama li jagħlaq din il-poeżija, kemm kien jagħtih kuraġġ lil Brandano biex jittama f'ġejjieni aħjar? Ovvjament, ma jista' qatt ikollna risposti definittivi għal dawn il-mistoqsijiet, iżda x-xebh ta' dawn is-sitwazzjonijiet mal-allegorija retorika tal-Kantilena hija tema li tqajjem lok għal dibattitu.

## Brandano, il-Bibbja u l-Kantilena

Fl-aħħar nett ejja mmorru lura fl-1563, meta Brandano kiteb il-kodiċilli tiegħu, u fih ikkwota xi versi mill-Ktieb ta' Ġob.[91] Xi nsibu meta niflu sew is-silta, li hija lament fuq ħajjet il-bniedem? (Ara Appendiċi III). Kważi kważi meta wieħed jaqra din is-silta, li min jaf kemm-il darba nqrat mill-istess Brandano, jibda jistħajjel li Brandano, permezz tagħha, sab is-serħan bħalma forsi sab fil-Kantilena. Sab mezz kif jixli lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi li moħħhom kien biss biex isusu fuq in-nies u jkunu pronti biex jakkużawhom, u dan meta huma nfushom kienu mċappsa bid-dnub:

(Ġob: 14:3-4) U fuq dan jixraqlek iżżomm għajnejk miftuħa u ssejjaħlu quddiemek għall-ħaqq? Xi ħadd, mela, jista' jislet is-safi mill-imniġġes? Ħadd!



Fig. 9. Taħżiż ieħor li nsibu fil-volumi ta' Brandano Caxario
ANV, R 175 Indici vol. 3 Ħajr lil Daniel Cilia talli ġibidli l-attenzjoni għal din it-tpinġija
(Ħajr lill-Arkivju Notarili, il-Belt Valletta)

U fl-istess ħin qed jitlobhom biex iħallu bniedem ikkundannat, marid u dgħajjef (bħalma kien hu fl-1563) itemm ħajtu bil-kwiet:

(Ġob: 14:5-6) Ladarba jiemu magħdudin, ladarba l-għadd tax-xhur qiegħed f'idejk, u ħażżiżtlu tarf li ma jistax jaqbżu, warrab għajnejk minn fuqu, u ħallih itemm il-jum tiegħu bħal ħaddiem mikri.

Jista' jagħti l-każ li fil-Kantilena Brandano seta' jara mezz ta' kif jaħrab mid-dinja u mill-problemi permezz tal-mewt:

Bir imgħammiq irmietni, b'turġien muħsula,
Fejn, ħajran għall-għarqa, ninżel f'tiraġ minżeli.[92]

Din l-istess xewqa setgħet ukoll sabet espressjoni fis-silta ta' Ġob:

(Ġob: 14:13) Mhux li kont taħbini f'Art l-Imwiet fejn nistkenn sa ma tibred il-korla tiegħek u tiffissali żmien li tiftakar fija.

Il-versi ta' tama li jinsabu fil-Kantilena ta' Pietru Caxaro joffru ferm aktar sens ta' kuraġġ mill-kitba ta' Ġob.

U hekk waqgħet hi, imrammti! W erġa' ibniha!
Biddillha inti l-imkien illi jewtiha
Min ibiddel l-imkien ibiddel il-vintura.[93]

Min-naħa l-oħra, fis-silta biblika nsibu sitwazzjoni li tirrappreżenta stat ta' bniedem li għalkemm kien għatxan għall-bidla għall-aħjar, issa spiċċa deluż minn dak kollu li kienet tagħti l-ħajja, u għalhekk qata' qalbu.

(Ġob: 14:14-19) Li kien jista' bniedem imut u jerġa' għall-ħajja, iż-żmien kollu tas-servizz tiegħi kont nissaporti sa ma jasal il-waqt tal-bidla tiegħi. Kont tgħajjatli u jiena nwieġbek, kont titgħaxxaq bl-opra ta' jdejk. Ma kontx tgħoddli l-passi tiegħi, lanqas tgħassisli għal dnubieti, kont tissiġilla f'sorra l-ħtija tiegħi, u tiksi bil-ġir il-ħżunija tiegħi. Bħalma tittiekel muntanja u tiġġarraf u jitqanqal minn postu l-blat, bħalma jiekol l-ilma l-ġebel, u jiknes l-għargħar il-ħamrija, hekk int ixxejjen it-tama tal-bniedem.

**Konklużjoni**

Mhux faċli li wieħed jipprova jibni l-ħajja ta' bniedem li għex madwar erba' mija u ħamsin sena ilu, u jkun żball li ngħidu li mid-dokumentazzjoni eżistenti nistgħu b'xi mod nagħtu stampa ċara u eżatta tal-ħajja ta' persuna kumplessa bħalma kien Brandano Caxario. Numru ta' intoppi jfixklu triqitna. Għalkemm id-dokumenti legali li ġew ikkonsultati jiftħu twieqi żgħar fuq ħajjet il-kopista tal-Kantilena, dawn żgur li qatt ma nkitbu bl-intenzjoni li minnhom tinbena bijografija. Eżempju ċar huma l-manuskritti tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni. Għalkemm dawn joffru stampa mlewna tal-ħajja soċjali Maltija, wieħed għandu joqgħod attent u jikkonsidra l-limitazzjonijiet tal-għodda li għandu f'idu. Id-depożizzjonijiet tax-xhieda u tal-akkużati ħafna drabi huma mibnija fuq ċirkustanza partikulari, u għalhekk, bosta dettalji importanti setgħu ma nqabdux fix-xibka tat-Tribunal b'konsegwenza li qatt ma waslu għandna. Dan ifisser li l-istudjuż għandu jagħraf li l-konklużjonijiet li jasal għalihom huma miftuħa għal aktar studju u dibattitu li maż-żmien jista' jkun imnebbaħ minn aktar skoperti relatati mas-suġġett. Nistgħu ngħidu b'ċertezza però li Brandano kien bniedem li għadda ħajtu jaqdef kontra l-kurrent u kontra l-prinċipji stabbiliti u imposti fuq soċjetà li fil-maġġor parti tagħha kienet illitterata. Jidher li fl-aħħar ta' ħajtu huwa rema l-ankri u ċeda għall-pressjoni tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Għal familtu, qrabatu u ħbiebu kien eroj jew midneb, min jaf? Li hu żgur hu li, għalina l-Maltin, l-akbar opra ta' Brandano kienet li niżżel għall-posterità dik li sa issa hija l-eqdem poeżija bil-Malti.

*It-taħdita organizzatha l-Akkademja fis-16 ta' April 2014.*

**APPENDIĊI I**

ANV, in-nutar Juliano Muscat, R376/44 Vol. 1 (1562-1563)

[f. 438v] *Die xiii Martii vi Indictionis 1562*
*In Dei nomine amen*

*Patet Reverendum donnum Brandanum de Caxaro civem civitatis Melite suum condidisse testamentum sollemne et in scriptis scriptum tam manu propria ipsius Reverendi donni Brandani quam manu aliena mandato ipsius donni Brandani conservatum penes me notarium infrascriptum die etc et in eo instituisse eius heredem vniversalem personam in eodem testamento mentionatam et nonnullas alias depositiones fecisse pro vt latius in dicto testamento continetur et apparet ad*

*quod in omnibus et per omnia se refert et non aliter nec alio modo et quia voluntas hominum ambulatoria est usque ad mortem dicente Job homo natus de muliere nunquam in eodem statu permanent idcirco hodie praesenti die pretitulato prefatus reverendus donnus Brandanus de Caxaro jacens in lecto infirmus corpore sanus tamen Dei gratia mente et intellectu eiusque proprie rationis benecompos existens praesens coram nobis auctoritate testandi sibi atributa de sede apostolica pro vt in literis apostolicis asseritur contineri et apparere volens aliqua ex dicto testamento mutare et aliqua minuere et addere suos sub notato modo condidit atque fecit codicillos quos valere jussit et obtinere voluit omnimodum roboris firmi-tatem etc.*

*In primis ex quo in dicto testamento sollemni et in scriptis legaverat quoddam legatum magnifico Hyeronimo de Inguanes eius nepoti ex sorore et similiter legaverat quoddam legatum nobili Vincentio Cagege seu verius nobili domine Hysa-belle uxori ipsius nob. Vincentii nepti ex fratre ipsius reverendi donni Brandani pro vt latius in dicto testamento apparet dixit ad quod se refert vt supra propterea prefatus Reverendus donnus Brandanus de Caxaro codicillator per presentes codicillos ademit et adimit a predictis duobus legatis vncias viginti* [f. 439] *ponderis generalis videlicet vncias decem a legato relicto et facto eidem magnifico Hyeronimo de Inguanes et alias vncias decem a dicto legato relicto et facto eidem nobili Vincentio Cagege seu verius eidem donne Hysa-belle eiusdem de Cagege uxori: quas vncias viginti ademptas et elevatas ex dictis duobus legatis vt supra ipse reverendus donnus Brandanus codicillator legavit et jure legati reliquit nobili Lauree Bonello filie legitime et naturali nobilis Thome Bonello pronepoti ipsius reverendi codicillatoris que vncie viginti eidem Lauree legate vt supra voluit et mandavit ipse reverendus donnus Brand-anus que intelligantur eidem Lauree legate sub omnibus et sin-gulis illis pactis legibus obligationibus conditionibus clausulis et aliis contentis in legato ipsius Lauree contento in dicto testa-mento sollemne et non aliter nec alio modo*

*In ceteris autem omnibus et singulis dictum suum testamentum confirmavit et confirmat.*

*Testes rogati venerablis donnus Josephus Ingomes nob. Josephus Beczine nobilis Jacobus Callus nobilis Fabritius Czammit et nobilis Joannes condam Constantii de Noto.*

## APPENDIĊI II

ANV In-nutar Bartholomeo Axisa, R32/9

[f. 17v] //*Inventarium bonorum quondam domini Brandani de Caxario*\\

*Die sexto Decembris viiii Indictionis 1565*

*In Dei nomine Amen.*

*Cum condam venerabilis donnus Brandanus de Caxaro civis Notabilis civitatis Melite sicut*

*Domino placuit mortuus et defunctus fuisset diebus praeteritis condito prius{prius}per eum testamento sollemni et in scriptis in actis meis infrascripti notarii die etc/ aperti deinde ac publicati die etc*

*In quo instituisset eius heredem vniversalem nobilem et egregium notarium Julianum de Muscato eius concivem pro vt latius praemissa et alia patent in dicto testamento ad quod relatio habeatur et non aliter nec alio modo/*

*Id circo hodie praesenti die praetitulato praefatus nobilis et egregius notarius Julianus de Muscato vniversalis heres volens se hereditati dicti condam de Caxario defuncti inmiscere ipsamque hereditatem capere et [?] non inconsulti sed consulti et cum beneficio legis junctaris ne vltra vires hereditarias eredi-toribus et legatariis dicti condam si qui forent deducto aere alieno de proprio teneret et vt jus falcidi et quarte trabellianice et alia beneficia ac legibus introducto civem heredi serventur illesa moxque* [f. 18] *potuit infra legitima tempora ac legibus statuta praesens inventarium hereditarium facere procuravit et facit in praesentia magnifici donni Bartholomei Bonello, judicis literati Curie Causarum civilium Notabilis Civitatis et Insule Melite instantis anni pro tribunali sedentis et suam juditiariam auctoritatem pariter et decretum seu verius dicte Curie prestantis et tribunalis praesens inventarium et omnibus et singulis supra dictis et infrascriptis ante prandium in banca Juris dicti notarii Juliani heredis vniversalis primo creditoribus et legatariis dictis condam defuncti vt si qui forent comparere deberent in confictione praesentis inventarij per cedulam redaptam in actis dicte Curie heri et per eius consimilem affixam in locis solitis et consuetis dicte Civitatis et per publicum proclama voce per conia emissum quoque in locis solitis et consuetis dicte civitatis pro vt in dicta cedula sit mentio, et comparente honorabile magnifico Laurentio Saura et allegante se fuisse et esse creditorem dicti condam defuncti et hereditatis praedicte in tarenis viginti septem ponderis generalis ratione praesentis certi panni et nemine alio comparente assumptis loco ipsorum vocatorum et non comparendum Joanne Vassallo Junior V.I.D et Nobile Simone Xichluna civibus dicte Civitatis Melite probis viris substantiam possidentibus dictumque de servitum et eius facultates cognoscentibus proposito prius venerabile signo Sancte + Crucis manu ipsius heredis omni malignitate sublata et juravit et dixit ipse heres in hereditate praedicta invenisse bona infrascripta quae posuit et ponit cum praesentia protestatione quod si et [?] in praesenti inventario describerentur aliqua bona que de jure poni et describbi non debuissent nec deberent quod [?] non appositis nec descriptis habeantur et ex converso si in ipsa hereditate invenirentur et essent aliqua* [f. 18v] *bona que descripta non invenirentur in praesenti inventario et de sui describi et inventariari debuissent ac deberent perhabeantur pro appositis et descriptis que quidem protestatio intelligatur et sit in omni partita in sita a ponenda descripta et describenda repetita ac etiam sub praevia protestatione omnium et singulorum jurium et actionum isdem heredi competentium et competiturorum et non aliter nec alio modo/*

*In primis vno loco di casi coperti et scoperti sito et posito in lo rabato di quista cita in quarterio sancte Margarite/*

*Item vna caxa seu cofino cuperta di coiro/*

*Item vno mataracio pieno di lana/*

*Item vno paro di linsola/*

*Item vna farsata blanca/*

*Item vno paro di segi vno di coiro et laltro di ligno/*

*Item vna tavula di mangiari/*

*Item dui manti del dicto condam defuncto vno di panno[l] nigro e laltro luppino minati/*

*Item vna supelliera/*

*Item vno vestimento di missa/*

*Item vno breviari et vno missali/*

*Item vno traverseri pieno di lana/*

*Item vno coppo di paviglliuni li quali cosi et robbi vt asseritur foro presi per lo hon. Joannello Maczara herario dila curti episcopali dila casa del nobile Antonio Caxaro in qua dictus condam nobile donnus Brandanus jacebat infirmus et mortuus fuit/*

[f.19] *Item vno manto di mini novo quali era del dicti quondam defuncto in putir del magnifico Hieronimo Inguanes/*

*Item tari novi di rendita ai raxuni di dechi per cento divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Micheli Burg como appari in li acti publici sive tari 9*

*Item tari quatro et grani dudichi divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Julio Cachie seu li soi heredi in la pligiria di Matheu Farruge como apari a li acti publici sive tari 4.12*

*Item tari quindichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Petro figlo di Laurenzio Churmi cum la pligiria di Danezo Burg condam Mathei si como appari a li acti publici sive tari 15*

*Item tari sej di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Salvaturi Burg como appari per acti publici sive tari 6*

*Item tari dudichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Damiano Bortelli o sua matri? como apari a li acti publici sive tari 12*

*Item tari tri di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Stephano Micalleff o versu li soi heredi cum pligiria di Paulo Bortelli restanti di tari novi di rendita si como apari in acti publici sive tari 3*

*Item tari vinti quatro divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Joanni figlo di Luca Aczuppard si como apari a li acti publici sivi tari 24*

*Item tari dudichi grani dui divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Juseppi Chilia et sua mugleri si como appari in li acti publici sive tari 12.2*

[f. 19v] *Item tari novi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Micheli Caruana et Blasi Schembri in solidum como appari in li acti publichi* *tari 9*

*Item tari dechisecti et grani secti divuti quolibet anno iuxat formam bulle per Brancato Burg et Peruna sua matri como appari in li acti publici sive* *tari 17.7*

*Item vncza vna tari vno grano sidichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per li condam Salvaturi di Cachi et sua mogle, o vero per loro heredi si como appari in li acti publici sivi* *vncza 1.1.16*

*Item vnczi quatro tari vinti grani dechi secti ponderis generalis divuti per li dicti condam de Cachi o per loro heredi del resto di certi interusurii si como appari in li acti publici*

*Item tari vinti vno di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Salvu Mifsud de casali Birchircara si como appari in li acti publici sivi* *tari 21*

*Item tari dechi grani octo di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Micheli Galdessi como appari in li acti publici sive* *tari 10.8*

*Item vnczi dui tari dudichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per lo nobile Cola Caxaro dila cita seu per li soi heredi si como appari a li acti mei sive* *uncza 2.12*

*Item tari sei di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Damiano Bezini de casali Gregori si como appari a li acti publici sive* *tari 6*

*Item tari sei di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Dominica Bezini di casali Gregori como appari a li acti publici sive* *tari 6*

[f. 20] *Item tari tri grana dudichi di rendita divuti quo libet anno iuxta formam bulle per Gregorio figlo di Laurentio Churmi si como aparii in li acti publici sive* *tari 3.12*

*Item tari quindichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Blasio figlo di Paulo Burg si como apari in li acti publici sive* *tari 15*

*Item tari quindichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Leonardo figlo di Micheli Vella et Petro Vella insoldium si como appari in li acti publici sive* *tari 15*

*Item tari quindichi di renidita divuti quolibet anno iuxta fromam bulle per lo quondam magnifico Salvo Falson seu per li soi heredi si como apari in li acti publici sive* *tari 15*

*Item tari vinti vno di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Silvestri Burg di casali Birchircara como appari per dui contracti celebrati in acti publici sive* *tari 21*

*Item tari sei di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Dominico Gauchi et sua matri del Naxaro si como appari in li acti publici sive* *tari 6*

*Item tari dudichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Dominico Burg figlo di Salvaturi cum la pligiria di Micheli suo frati como apari in li acti publicj sive* *tari 12*

*Item tarj dudichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Hieronimo Balczano di casali Sigehuj como appari in li actj publici sive* *tari 12*

*Item tarj dechj et octo di rendita divuti quolitet anno iuxta formam bulle per Antoni et Gregorj Galdes patri et figlo in solidum di casali Curmi como appari in li acti publici sive* *tari 18*

[f. 20v] *Item tarj vinti duj grani dechj divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Georgi Micalleff et sua muglerj si como appari in li acti publici sive* *tari 22.10*

*Item tarj dudichj di incenso divuti quolibet anno supra la vignia di maestro Dimitri Xuereb et Antonio Haius li quali tarj dudichj di rendita jus census el dicto quondam de Caxaro haveva comprato dal honorabile Matheio Calleia di li quali tari dudichj di renditi ab praesens divi pagari tari sei quolibet anno Georgi Minceti si como appari in li acti publici a li quali si referixi sive* *tari 12*

*Item tarj dudichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle ad isso condam de Caxario como cession-nario di Antonio Zirenzo per maestro Fr. Antonio Xichlune si como appari in li acti publici a li quail si referixi sive* *tari 12*

*Item vncza vna tari sectj grani quatro di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Bendo Micalleff di casali Birchircara si como appari a li acti publici sive* *vncza 1 tari 7 gr 4*

*Item tari octo di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Martino Zarb di casali Balczano si como apari a li acti publici sive* *tari 8*

*Item tarj dechj et octo di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Domino Jacobo Calleia si como aparj in li acti publici sive* *tari 18*

*Item tari vinti quatro di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Luca Schembrj si como appari per dui contracti in li acti publici sive* *tari 24*

*Item tari quindichi di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Filippo Sanct como apari a li acti publici sive* *tari 15*

*Item tari vinti vno grani dechi et octo di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Marco Xerri et Simuni Calleia como apari in acti publici sive* *tari 21.18*

[f. 21] *Item vncza vna di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Jacobo Sammut si como appari in li acti publici sive* *vncza 1*

*Item tari dechi et octo di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Andria Bartolo del Naxaro et per lo praedicto Simuni Calleia di la Musta si como appari in li acti publici sive* *tari 18*

*Item tari sei di rendita divuti quolibet anno iuxta formam bulle per Bendo Xeberras di casali Balczano si como appari in li acti publici sive* *tari 6*

*Item certi residui di interusurii divuti per li prenominati persuni seu per alteri di quelli di li quali isso hereda non sa la summa ne la quantita.*

*Item dui clausuri di terra coniuncti siti et positi in contrata di la Guardia appellati di San Termo seu ta latmia dati ad incenso per lo dicto condam de Caxaro a Dominico Grect et Gregroio Galdes insolidum di casali Curmi per anni dechi ai raxuni di uncza dui tari 24 et vno agnello di valuta di tari sei quolibet anno si como appari per virtu di vn contracto celebrato in li acti del egregio notario Vincenzio Cagege die xxvii Septembris vii Indizione 1564*

*Item vnczi dui tari 24 et vno agnello di valuta di tari sei divuti per li condam dicti Dominico Grect et Gregorio Galdes insolidum per incenso di la prima annata*

*Item vna somera la quali dicto quondam de Caxario havia dato in Compagnia sua a soccida ai raxuni di vnczi dui et tari vinti quatro a Zacchari Cachie di casali Dingli si como appari a li acti del predicto de Cagege die vii Septemre vii Indizione 1563 la quali somera si dichi esseri stata morta*

[f. 21v] *Item vn banco di sedri in casa di nobile Antonio Caxaro*

*Item vno libro chiamato li capituli dilo regno alias imprestato per lo dicto quondam defuncto al magnifico Bartholemeo Bonellu et al presenti si trova in putir del dicto magnifico de Bonello*

*Item tari sei consignati a lo dicto hereda per Georgio Manchino*

*Item tari secti grani sidichi consignati a lo dicto hereda per Jacobo Calleia*

*Item vnczi dui tari vinti octo havuti per mano del magnifico don Francesco di Alagona per la factura di lo testamento del condam magnifico Alvaro de Nava li quali per lo dicto hereda foro consignati et pagati a la honorabili Caterina Aczupard a complimento di vnczi tri tari 18 quali la dicta Catarina havia imprestato al dicto condam defuncto*

*Item certi interusurii divuti per li heredi del condam Joan Raimundo Zammit di li quali interusuri isso hereda non sa la summa*

*Item certi interusurii divuti per li heredi del condam magnifico Fiderico Calava hereda del quondam magnificom Petro Calava suo patri di li quali interusurii isso hereda non sa la summa*

*Item certi interusurii divuti per Dominico et Gregorio Mifsud patri et figlo di li quali interusurii isso hereda non sa la summa*

*Item certo debito divuto per Marco Xerri di lo quali non sa la summa per raxuni di gabella*

*Item certo debito divuto per li heredi del condam Lancza Burg per raxuni de la gabello sive incenso de lo quali debito non sa la summa*

[f. 22] *Item vna vacca et vna vitella dati al compagnia a Simuni Calleia ar raxuni di vnczi secz tari quindichi como appari in li acti publici*

*Item certo debito divuto per Antonio condam Jacobi Haius di casali Birchircara per raxuni di gabella sive incenso como appari a li acti publici*

*Item certo debito divuto per Mariano Busuttil di casali Tarxen per raxuni di gabella como appari a li acti publici*

*Item certo debito divuto per maestro Paulo Parnis del Goczo per raxuni di gabella como appari a li acti publici*

*Item vna vacca la quali havia dato el dicto quondam defuncto a compagnia a Paulo Mifsud di casali Gadirburdi ai raxuni di vnczi sei como appari in li acti publici*

[f. 22v] *Quod quidem spatium et*

[f. 23] *Volensque praedictus notarius et egregius notarius Julianus de Muscato heres hodie die vltimo Januariis None Indictionis 1565 omnibus et singulis supra scriptis et inventariatis finem imponere dictusque dictumque inventarium supra legitima tempora complere et expedire se ipsum manu propria subscripsit modo infrascripto*

*Ego notarius Julianus de Muscato heres universalis presens inventarium hereditarium mox quam potius infra legitima tempora ac legibus introducta facere et expedire procurari et in eo non dolo nec fraude nec malignitate aliqua usus fui sed omni bona fide me gessisse intestans et reservans quod si in futurum de aliquibus bonis spectantibus ad dictam hereditatis scientiam et notitiam habuerim pro illa possum addere in proximo vacuo dimisso et non postea ponere et non ponenda auferre et sit me manum mea propria me subscripsi*

*Quod quidem inventarium modo et forma quibus supra lectum publicatum et conpletum fuit et est die predicto vltimo Januaris viiij Indictionis 1565 cum protestationibus supradictis etc*

[f. 23v] *superius narratis videlicet quod si in futurum conti-gerit inseriri aliqua bona spectantia ad dictam hereditatem quod illa possint describbi et addi in proximo spatio dimisso et non posita ponere et non ponenda auferrri et non aliter nec alio modo(.) Et hoc coram magnificis Bartholomeo Bonello V.I. professore predicto magnifico Joanne Vassallo Juniore V.I.D. et honorabile Simone Xichluna assumptis loco creditorum vocatorum et non comparentum nobile Julio Cumbo Jacobo Cumbo et Ferdinando Chiappara protestibus/*

*Ego Bartholomeus Bonellus Judex qui supra interfui ac meam Juditiariam auctoritatem creditoribus et testor*

*Ego Joanne Vassallo Junior adhibitus loco credi-torum praemissis omnibus interfui et testor*

*Ego Simon Xichlune adhibitus loco creditorum praemissis omnibus interfui et testor*

*Ego Julius Cumbo testis quod interfui hic me subscripsi et testor*

*Ego Jacobo Cumbo testis qui et interfui hic me subscripsi et testor*

*Ego Ferdinandus Chiappara testis qui supra interfui hic me subscripsi et testor*

**APPENDIĊI III**

Ġob, 14:1 sa 14:22: "Qosor ħajjet il-bniedem"

"Il-bniedem imwieled minn mara għandu ħajja qasira, imma tbatija għandu biżżejjed. Bħal warda, jiftaħ u mbagħad jidbiel, u jaħrab bħal dell li ma jiqafx. Jintemm bħal għuda msewsa, bħal ilbies mikul mill-kamla. U fuq dan jixraqlek iżżomm għajnejk miftuħa u ssejjaħlu quddiemek għall-ħaqq? Xi ħadd, mela, jista' jislet is-safi mill-imniġġes? Ħadd! Ladarba jiemu magħdudin, ladarba l-għadd tax-xhur qiegħed f'idejk, u ħażżiżtlu tarf li ma jistax jaqbżu, warrab għajnejk minn fuqu, u ħallih itemm il-jum tiegħu bħal ħaddiem mikri. Siġra għall-inqas għandha tama, li jekk tinqata' terġa' ttella', u ma jiġux nieqsa ż-żraġen tagħha. Imqar jixjieħu fl-art għeruqha, u jinxef fit-trab iz-zokk tagħha, kif tħoss l-ilma terġa' tarmi, u tagħmel il-friegħi bħal xitla ġdida. Iżda l-bniedem imut u jispiċċa; xħin toħroġ ruħu fejn ikun? Bħalma jinxtorob l-ilma mill-baħar, jew tinxef xmara u titqaxqax, hekk il-bniedem li jmut, ma jqumx aktar, sa ma jintemmu s-smewwiet ma jistenbaħx, le, ma jqumx mir-raqda tiegħu. Mhux li kont taħbini f'Art l-Imwiet fejn nistkenn sa ma tibred il-korla tiegħek u tiffissali żmien li tiftakar fija. Li kien jista' bniedem imut u jerġa' għall-ħajja, iż-żmien kollu tas-servizz tiegħi kont nissaporti sa ma jasal il-waqt tal-bidla tiegħi. Kont tgħajjatli u jiena nwieġbek, kont titgħaxxaq bl-opra ta' jdejk. Ma kontx tgħoddli l-passi tiegħi, lanqas tgħassisli għal dnubieti, kont tissiġilla f'sorra l-ħtija tiegħi, u tiksi bil-ġir il-ħżunija tiegħi. Bħalma tittiekel muntanja u tiġġarraf u jitqanqal minn postu l-blat, bħalma jiekol l-ilma l-ġebel, u jiknes l-għargħar il-ħamrija, hekk int ixxejjen it-tama tal-bniedem. Int iżżarmah u hu jitlaq għalkollox, tħassarlu surtu u tibagħtu. Jekk jiksbu ġieħ uliedu, hu ma jkunx jaf, jekk jaqgħu fl-għajb, lanqas jintebaħ. Għalih biss ibati ġismu, għalih waħdu titniehed ruħu."

## Noti

1 Dan l-artiklu ma kienx ikun possibbli kieku mhux għall-għajnuna ta' Victor Bonnici li għen fit-traskrizzjonijiet u t-traduzzjonijiet tal-Latin u ħa sehem f'bosta diskussjonijiet li segwew. Nirringrazzja lil Olvin Vella li inkoraġġieni biex niktbu u lil Charles Dalli li qrah u għadda kummenti siewja. Żbalji jew ineżattezzi li setgħu saru huma kollha responsabiltà tal-awtriċi.

2 Il-kunjom Caxaro jinsab miktub fid-dokumenti primarji bħala Caxario, Caxaru u Caxar. F'dan l-istudju ser tintuża l-forma Caxario, kif iffirma n-nutar innifsu fid-dokumenti tal-Inkwiżizzjoni. A(rkivju) tal-I(nkwiżizzjoni) M(dina) Proc. Vol. 2 No. 9, 'Contra donnum Brandanum de Caxario', f. 37v (1563) kif ukoll fl-atti notarili tiegħu li jinstabu fl-A(rkivju) N(utarili) V(alletta), R(eġistru) 175/1-68 flimkien ma' tliet indiċijiet u żewġ volumi oriġinali MS 719/1-2.

3 Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni, *L-Għanja ta' Pietru Caxaru, Poeżija bil-Malti Medjevali* (Malta, 1983).

4 Fuq il-kitba bil-Malti u r-rabta mad-drawwa tal-għanjiet fiż-Żmien Nofsani ara Wettinger u Fsadni 41.

5 Fuq it-tifsira tal-Kantilena ara Wettinger u Fsadni, kif ukoll intervista lill-Prof. Joseph Brincat fuq il-Kantilena minn Maria Kristina Sammut, https://www.youtube.com/watch?v=ELqfhpJS2zA (aċċessat fit-13 ta' Diċembru 2013).

6 Brandano Caxario twieled fl-1508. Wettinger u Fsadni 17. Ġie ordnat qassis qabel l-1529. Mis-sena 1531 sal-1533 kien *Mastro Notaro* fil-Kurja tal-Imdina. Beda jipprattika ta' Nutar Pubbliku fl-1533 u r-reġistri notarili tiegħu jibqgħu għaddejjin sal-1563. Caxario kiseb l-awtorizzazzjoni appostolika biex jipprattika ta' Nutar Pubbliku fl-1537. Fl-1561 inħatar erarju tas-Segrezja Maġisterjali u kien ukoll in-nutar tal-Kapitlu tal-Katidral. Vincent Borg, *Melita Sacra II: The Maltese Diocese during the Sixteenth Century*, Vol. 2 (Malta, 2009) 260-261.

7 ANV, in-nutar Bartolomeo Axisa, R 32/9 (1565-1566).

8 ANV, R 32/9, ff. 2-6v (22.ix.1565), *Resignatio Testamenti Solenni quondam Ven. Donni Brandani de Caxario'*. Ir-referenza mogħtija minn Wettinger u Fsadni għal dan l-att legali trid tinqara bħal fuq u mhux ANV, R 32/17, f. 2 'il quddiem, bħalma ġiet imniżżla mill-awturi. Fil-fatt in-nutar Axisa lanqas għandu reġistru bin-numru sbatax. Wettinger u Fsadni 20 n. 47.

9 ANV, R 32/9, ff. 17v-22v (6.xii.1565).

10 "Kodiċilli"tfisser kitba supplimentari għal testment li tkun intenzjonata biex tissupplimenta jew timmodifika parti mit-testment preċedenti jew id-dispożizzjonijiet kollha tiegħu. Ħajr lin-nutar Paul Callus, mill-Uffiċċju tan-Nutar Ewlieni tal-Gvern, ta' din id-definizzjoni mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2013.

11 ANV, in-nutar Juliano Muscat, R 376/44 Vol. 1, ff. 438v-439 (13.iii.1562 ab. inc.). "*Patet Reverendum donnum Brandanum de Caxaro civem civitatis Melite suum condidisse testamentum sollemne et in scriptis scriptum tam manu propria ipsius Reverendi donni Brandani quam manu aliena mandato ipsius donni Brandani conservatum penes me notarium infrascriptum die etc et in eo instituisse eius heredem universalem personam in eodem testamento mentionatam et nonnullas alias depositiones fecisse...*" Bil-Malti: "Huwa żvelat li r-Reverendu Don Brandano de Caxaro, ċittadin tal-belt ta' Malta (l-Imdina), kiteb it-testment solenni tiegħu stess, u li (dan it-testment) kitbu b'idejh l-istess Reverendu Don Brandano u wkoll b'id oħra kif talab l-istess Brandano, preservat għandi, in-nutar hawn taħt imsemmi, fil-ġurnata eċċ., u li fih kien ħatar werriet universali tiegħu persuna msemmija fl-istess testment, kif ukoll kien għamel xi dispożizzjonijiet oħra..." (Fit-traduzzjonijiet

kollha, fejn ma kienx hemm biża' ta' possibiltà ta' telf mis-sinifikat tal-kitba oriġinali ntuża kliem li jispjega b'mod aktar sempliċi l-kitba legali).

12 Charles Dalli, *Iż-Żmien Nofsani Malti* (Malta, 2002) 193.

13 F'Diċembru tal-1545 il-kleru Malti fetaħ kawża kontra l-Isqof Cubelles u xlieh li kien qiegħed jaħtaf il-proprjetà ta' bosta membri tal-kleru wara mewthom. Kien tqabbad il-Kanonku Malti Jacobus Bondino li kien residenti f'Sirakuża biex jieħu ħsieb il-każ, iżda dan miet fl-1546 u għalhekk minfloku nħatar Don Josephus Manduca. Din id-deċiżjoni tniżżlet fl-atti ta' Brandano Caxaro taħt l-4 ta' Awwissu 1546. Kien biss fis-17 ta' Jannar 1566 li l-Papa Piju V ta s-setgħa lill-membri tal-kleru Malti li jiddisponu mill-beni tagħhom mingħajr bżonn ta' dispensa. Borg 22-28. L-Isqof Domenico Cubelles kien l-aħħar Pro-Inkwiżitur (1540-1562) u l-ewwel Inkwiżitur ta' Malta (1562-1566). Alexander Bonnici, *Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta*, Vol. 1 (Malta, 1990) 33-49.

14 Anke b'dawn l-Ittri Appostoliċi, sal-bidu tal-1566 membru tal-kleru seta' jiddisponi biss minn żewġ terzi tal-propjetà tiegħu u t-terz l-ieħor kellu jmur għand l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Borg 27.

15 L-uqija *(oncia)* kienet tiswa żewġ skuti u nofs jew tletin irbiegħi *(tarì)*. Meta fl-1886 l-Ingliżi neħħew l-iskut dan kien jiswa xelin u seba' soldi, però għadu qatt ma sar studju rigward il-muniti u l-ekwivalenza tas-saħħa tagħhom fis-snin differenti għall-kuntest Malti.

16 Dan kien in-neputi ta' Brandano min-naħa ta' oħtu Agata. ANV, R 376/44 Vol. 1, f. 438 (13.iii.1562 ab.inc.).

17 Dan kien ir-raġel ta' Isabella, in-neputija ta' Brandano min-naħa ta' ħuh Luqa. ANV, R 376/44 Vol. 1, f. 438 (13.iii.1562 ab. inc.). Ara wkoll l-arblu tar-razza tal-familja Caxaro, f'Wettinger u Fsadni. Ta' min iżid ukoll li ċertu Matheus de Caxario, li kien imħallef fil-Ġemgħa tal-Imdina flimkien ma' Pietru Caxaru, mhuwiex imniżżel ġo dan l-arblu tar-razza. Vincenzo Bonavita, *Dissertazioni Storico Legali su Malta e Gozo*, Arkivju tal-Katidral, Misc. 273, ff. 167, 184.

18 Tumas Bonello kien in-neputi ta' Brandano, u wkoll ħu Isabella Cagege. ANV, R 376/44 Vol. 1, f. 438 (13.iii.1562 ab. inc.). Ara wkoll l-arblu tar-razza tal-familja Caxaro u n-noti korrispondenti mal-ismijiet f'Wettinger u Fsadni.

19 ANV, R 376/44 Vol. 1, f. 438v (13.iii.1562 ab. inc.) Linja 10 sa 11 tal-ewwel paragrafu tal-att notarili. Ara http://legal-dictionary.thefreedictionary.com/Voluntas+testatoris+ambulatoria+est+usque+ad+mortem (aċċessat: 29 ta' Jannar 2014).

20 ANV, R 376/44 Vol. 1, f. 438v (13.iii.1562 ab. Inc.). Linja 11 sa 13 tal-ewwel paragrafu tal-att notarili. Grazzi lil Victor Bonnici talli ġibidli l-attenzjoni għal din is-silta fil-5 ta' Diċembru 2013.

21 Din il-linja tirreferi għal Ġob 14, 1-2 *Homo natus de muliere, brevi vivens tempore, repletur multis miseriis. Qui quasi flos egreditur et conteritur et fugit velut umbra, et numquam in eodem statu permanent*. Ara http://www.newadvent.org/bible/job014.htm (aċċessat 29 ta' Jannar 2014). ("Il-bniedem imwieled minn mara, jgħix ħajja qasira u kollha tbatija. Jiftaħ bħal fjura u jidbiel, jgħaddi malajr bħal dell u qatt ma jibqa' fl-istess stat permanenti tiegħu.") (Traduzzjoni tal-awtriċi.)

22 Vincent Borg jikteb li Brandano Caxaro (sic) miet fid-9 ta' Settembru 1565, iżda dan ma setax ikun peress li t-testment tiegħu jġib id-data tas-17 ta' Settembru 1565. Meta sar tiftix għar-referenza li jagħti Borg, jiġifieri, l-Arkivju tal-Katidral l-Imdina, *Giuliana II*, 706, ma nstab xejn rigward il-mewt ta' Brandano Caxario taħt din ir-referenza. Borg 262 n. 40.

23 L-atti notarili ta' Ferdinando Ciappara jkopru s-snin 1573-1610. Baqa' volum wieħed biss oriġinali ta' dan in-nutar, MS 735, filwaqt li għandu 57 reġistru (kopji awtentiċi tal-oriġinali), taħt ir-referenza R 185, li għadhom jeżistu. Wisq probabbli meta kiteb it-testment ta' Brandano Caxario kien għadu nutar-apprentist.

24 ANV, R 32/9, f. 2 (22.ix.1565).

25 ANV, R 32/9, f. 4v (22.ix.1565).

26 Wettinger u Fsadni 19.

27 Wettinger u Fsadni 18-19; Borg 260-262.

28 Wettinger u Fsadni 19.

29 It-tfal ta' Clara huma msemmija kollettivament bħala t-tfal bniet u subien. ANV, R 9/32, f. 3v (22.ix.1565).

30 Lill-Isqof Brandano Caxario ħallielu 3 ewwieq. Wisq probabbli dan kien parti mit-terz tal-beni li kien ordnat mill-Papa li kellu jmur għand l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Borg 27.

31 Stanley Fiorini, "Il-Kantilena ta' Pietru Caxaru: bejn lingwa u storja", *Il-Malti,* LXXXII (2011) 37-44.

32 L-għaxra fil-mija skont il-*formam bullae* tirreferi għad-digrieti Papali [Martinu V *Regimini*, 1425, Nikola V, *Sollicitudo Pastoralis*, 1452 u Calixtus III, *Regimini*, 1455] li kienu japplikaw dak iż-żmien u fejn fost ħwejjeġ oħra kienu jgħidu li ma setax ikun hemm dħul annwali ta' aktar minn għaxra fil-mija tal-valur tal-propjetà. Ara John Munro, "Usury, Calvinism and Credit in Protestant England: from the Sixteenth Century to the Industrial Revolution", fi Francesco Ammannati (ed.), *Religion and Religious Institutions in the European Economy 1000-1800* (Firenze, 2012) 182.

33 AIM Proc. Vol. 2 No. 9, 'Contra donnum Brandanum de Caxario' f. 31v

34 AIM Proc. Vol. 2 No. 9, 'Contra donnum Brandanum de Caxario' f. 31.

35 Wettinger u Fsadni 19.

36 Ara nota 13.

37 Wettinger u Fsadni 19.

38 Borg 30.

39 Il-werriet seta' jiddeċiedi li jirrifjuta l-wirt jew inkella jaċċettah jew jirrinunzjah bil-benefiċċju tal-inventarju. Meta ssir din it-talba lill-qorti, l-inventarju kien isir ftit żmien wara l-mewt tat-testatur u dan sabiex jitniżżlu l-beni flimkien mal-kredituri u d-debituri tat-testatur. Kien ikun jaf ukoll jekk ikollux jagħmel tajjeb għal xi djun mill-propjetà tiegħu stess *intra vires* jew jekk jaddottax dik li kienet imsejħa *ultra vires* jew *cum viribus hereditatis* li kienet tipproteġilu l-proprjetà tiegħu u huwa kien jagħmel tajjeb biss bl-eredità mħollija mit-testatur. Lorenzo Cavalaglio, "Accettazione con beneficio d'inventario" f'Vincenzo Cuffaro u Francesco Delfini (ed.) *Delle Successioni* 259-262. https://www.academia.edu/5880934/Cavalaglio_Lorenzo_Accettazione_con_beneficio_dinventario (aċċessat fl-14 ta' Frar 2014).

40 ANV R32/9, ff.17v-23 (6.xii.1565).

41 Brandano kellu mill-anqas ħmistax-il benefiċċju. Ara Borg 260. Fit-8 ta' Lulju 1563 quddiem l-Isqof Cubelles stqarr li kellu tnax-il benefiċċju f'Malta u Għawdex li minnhom kellu dħul ta' 39 skut u 6 irbajja'. Wettinger u Fsadni 17 n. 30. Fl-inventarju hemm imniżżla s-somma ta' aktar minn sebat ewwieq u 39 skut li Brandano kellu jiġbor fil-parti l-kbira tagħhom bħala renditi mill-artijiet. ANV R32/9, ff. 9-11 (6.xii.1565). Bħala paragun tal-valur attwali ta' din is-somma wieħed jista' jsemmi li s-salarju annwali ta' furnar fl-1564 kien kwotat bħala 8 skuti, filwaqt li fl-1558, aromatarju jew spiżjar kien jaqla' madwar 16-il skut fis-sena flimkien mal-ikel, sodda u ħwejjeġ. ANV, in-nutar Giuseppe de Guevara R 224/23, f. 1197-1198 (8.iii.1564) u ANV, in-nutar Placido Abela R 4/1, f. 147v-148 (6.ix.1558).

42 Ara Fiorini (ed.), *Documentary Sources of Maltese History, Part I Notarial Documents, No. 3,* 254.

43 Interessanti li jissemmew is-siġġijiet peress li f'dan il-perjodu l-użu tas-siġġijiet ma tantx kien mifrux peress li n-nies kienet tpoġġi aktar fuq bankijiet jew fuq imħaded li kienu jintefgħu fuq l-istess bankijiet jew inkella mal-art. Fernand Braudel, *Civilization & Capitalism 15th-18th century, The Structures of Everyday Life,* Vol. 1 (California, 1992) 292. Ara wkoll Anthony Luttrell (ed.), *Ħal Millieri: A Maltese Casale, its Churches and Paintings* (Malta, 1976).

44 Ara Fiorini (ed.), *Documentary Sources of Maltese History, Part I Notarial Documents, No. 1, Notary Giacomo Zabbara R494/1(I): 1486-1488* (Malta, 1996) 346.

45 Dan kien aċċessorju tas-sodda magħmul mid-drapp li kien jiġi mwaħħal 'il fuq mis-sodda b'tali mod li jdawwar is-sodda u jgħin biex iwarrab l-insetti. V. Mortillaro, *Nuovo Dizionario Siciliano-Italiano* (2ni ed., Palermo, 1853) 635.

46 Dan seta' kien il-bank li kien iservi ta' skrivanija għal Brandano waqt xogħlu.

47 ANV, R 376/44 No. 1, f. 438v (13.iii.1563). "L-imsemmi Reverendu Don Brandano Caxaro jinsab mixħut fis-sodda marid".

48 ANV R 32/9, f. 18v (6.xii.1565). Antonio Caxaro kien iservi ta' nutar pubbliku u l-atti notarili tiegħu li baqgħu jeżistu huma MS 718/1 u R 174 Vol 1-3 (1577-1584). Ara wkoll l-arblu tar-razza tal-familja Caxaro u n-noti korrispondenti mal-ismijiet f'Wettinger u Fsadni.

49 ANV, R 175/68 Vol. II (1563), (nota addizzjonali 7.ix.1583) f. 737.

50 *Io Don brandano caxario [con]fermo ut supra manu p[ro]p[r]ia* (Jien Don Brandano Caxario nikkonferma dak (li hu mniżżel) hawn fuq b'idi stess). AIM Proc. Vol. 2 No. 9, 'Contra donnum Brandanum de Caxario' f. 37v (1563).

51 Peter Burke, *The Renaissance* (Londra, 1987) 39.

52 Borg 31-37. Carmel Cassar, *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta* (Malta, 2000) 162; Cassar, *The Reformation and Malta* 59.

53 Cassar, *The Reformation and Malta* 62, 66-67.

54 Dan kien xogħol li jirrappreżenta diversi djalogi bejn persuni fuq suġġetti differenti maħsuba biex jesploraw ir-reazzjoni tal-bniedem għall-konverżazzjonijiet u raġunamenti diversi. Desiderius Erasmus, *Colloquies of Erasmus*, Vol. I (Mitbugħ mill-ġdid minn Tredition Classics, il-Ġermanja, 2011).

55 Cassar (1988) 61-62.

56 H. G. Koengsberger, George L Mosse, G. Q. Bowler, *Europe in the sixteenth century* (2ni ed., Londra, 1989) 148-155.

57 Ara Johann G. Stallbaum (ed.), *Desiderii Erasmi*, *Colloquia* (Leipzig, 1828) 67. Grazzi lil Theresa Zammit Lupi talli ġibditli l-attenzjoni għal din it-tpinġija.

58 F'Lulju tal-1523 ġew maħruqa l-ewwel żewġ vittmi tar-Riforma fi Brussell. Dawn u oħrajn li segwew kienu meqjusa bħala martri minn sħabhom. Brad. S. Gregory, *Salvation at Stake, Christian Martyrdom in Early Modern Europe* (Cambridge, Massachusetts u Londra, 1999) 1, *passim*.

59 Borg 38.

60 Joan Abela, "Who was Georgio Scala?", f'Dionisius A. Agius (ed.) *Georgio Scala and the Moorish slaves: The Inquisition Malta 1598* (Malta, 2013) 213-234 u Appendiċi E 477-479.

61 Carmel Cassar, "The First Decades of the Inquisition 1546-1581" f'*Hyphen*, Vol. IV Nru. 6 (1985). Każ ieħor li nafu bih huwa ta' Fra Thomas Petit li skont Borg ġie maħruq fil-Birgu xi żmien qabel l-1560. Borg 32-33.

62 Jiġifieri jiċħad l-ereżijiet li kien mixli bihom u jistqarr pubblikament id-dispjaċir tiegħu.

63 Cassar (1985) 208.

64 Jiġifieri l-abjurja kellha ssir meta l-knisja kienet tkun mimlija bil-fidili.

65 Wettinger u Fsadni 19-20. L-aħħar att notarili tiegħu jġib id-data 22 ta' Ġunju 1563, ANV, R 68/175.

66 Bonnici 79-81.

67 Fuq l-oriġini ta' dan il-kastig, ara S. Alfassa, "The Origins and Stigma of the Iberian Garment of Shame, the 'San Benito'" https://www.academia.edu/257984/Origins_and_Stigma_of_the_Iberian_Garment_of_Shame_the_San_Benito (aċċessat fl-20 ta' Diċembru 2013).

68 Forsi minn hawn ħarġet l-espressjoni "busli sieqi".

69 Fuq Alexandro Abela ara Cassar (1985) 213; Joan Abela, "A window on the acts of a Maltese sixteenth century notary – Placido Abela", f' Joseph Grima (ed), *60th Anniversary of the Malta Historical Society: A Commemoration* (Malta, 2010) 207-235.

70a Wettinger u Fsadni 19-20.

70b Brandano jikteb hekk: *aspiretque N(?)ibus* jew *M(?)ibus*. Il-qari ta' din l-aħħar abbrevjazzjoni huwa diskutibbli għax jista' jfisser *N(ation)ibus*, *M(elitens)ibus* jew *N(at)ibus* fost l-oħrajn, għalhekk għażilt li npoġġi l-kelma "bniedem" li toqgħod għal diversi interpretazzjonijiet. Aktar studju hu meħtieġ f'dan ir-rigward.

70c ANV, R 175/3, f. 162v (1538). Nirringrazzja lil Victor Bonnici talli ġibidli l-attenzjoni għal din ir-referenza u kif ukoll iddiskuta l-importanza tagħha fil-kuntest storiku.

71 Koengsberger, et al. 145.

72 AIM Proc 3B Każ 34.

73 Koengsberger, et al. 150.

74 Il-terminu 'umaniżmu' ġie addottat fis-seklu dsatax biex jirrifletti l-attitudni tal-bniedem li, bħala parti mir-Rinaxximent Taljan, kien ipoġġi d-dinjità tal-bniedem fiċ-ċentru tal-ħsieb. L-umanisti ma kinux kontra l-Knisja iżda kontra l-abbużi tal-Knisja Kattolika. Koengsberger, et al. 145-155.

75 Koengsberger, et al. 145.

76 Strumenti mużikali bħall-betbut, iż-żummara u l-flejguta huma kollha tal-qasab. Mikiel Anton Vassalli jsemmi *Zummara – Fistula pastoralis, seu instr. pastorale musicum constans ex pluribus calamis seu avenis imparibus cera aliove compactis*. (Qasba li juża r-ragħaj, jew strument mużikali tar-ragħajja magħmul minn bosta qasab ta' qisien differenti midmumin flimkien bix-xemgħa jew b'xi mod ieħor). Vassalli, *Ktyb yl Klym Malti* (Ruma, 1796) 681. Ħajr lil Anna Borg Cardona ta' din l-informazzjoni mogħtija b'korrispondenza elettronika fis-26 ta' Frar 2014.

77 Wettinger u Fsadni 16.

78 Verb tat-tieni persuna singular preżent imperattiv attiv.

79 Nom singular maskil akkużattiv.

80 Robin Hard, *The Routledge Handbook of Greek Mythology* (Londra u New York, 2004) 216.

81 Hard 209-212; Richard Buxton, *The Complete World of Greek Mythology* (Londra 2004) 184-185.

82 Hard 204-207; Buxton 85-86.

83 Wettinger u Fsadni jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex ma jaħsbux li kien hekk. Wettinger u Fsadni 16.

84 Ara pereżempju ANV, in-nutar Placido Abela, MS 514/1, n.f. (16.vii.1558) fejn in-nutar niżżel nota li l-kuntratt kien inqara *de verbo ad verbum prout iacet in materna lingua per me notarenum* ("kelma b'kelma kif inhu mniżżel fil-lingwa materna minni n-nutar"). Ara wkoll Monica Borg, "The case of Georgio Scala 1598: The story of a slave, a notary, and a palimpsest translation", f'Agius (ed.) *Georgio Scala and the Moorish slaves* 199-211; Fiorini (ed.), *Documentary Sources of Maltese History, Part I Notarial Documents, No. 3*, introduzzjoni xxxii.

85 Godfrey Wettinger, "Tagħrif ieħor fuq il-kultura orali f'Malta qabel ma wasal l-Ordni", *Il-Malti*, LXXXII (2011) 7-11.

86 Waqt it-taħdita li fiha ġie ppreżentat dan l-artiklu, Bernard Micallef ġibidli l-attenzjoni li minn studju li sar fuq għanjiet u ballati Maltin antiki nstab li dawn kienu baqgħu fidili ħafna għall-verżjoni oriġinali u għalhekk kien hemm possibiltà kbira li l-Kantilena baqgħet iżżomm l-istess fonoloġija Medjevali.

87 Wettinger u Fsadni 16.

88 Wisq probabbli li n-nutar Vincentio Cagege kien għadu apprentist ma' Caxario f'dan il-perjodu peress li l-volumi notarili tiegħu jkopru s-snin 1562-1590, ANV, R 111/1-21.

89 Kull nutar kellu s-*signum* tiegħu u dan kien jagħti saħħa legali lid-dokumenti. Għall-bidu s-*signa* kienu jkunu mpinġija, bħal fil-każ ta' Brandano Caxaro, però fi żmien Brandano stess kien hemm nutara li kellhom timbru apposta, bħal pereżempju n-nutar Placido Abela ANV, MS 515 u R 4 u n-nutar Vincenzo Bonaventura de Bonetiis ANV, R 206.

90 Grazzi lil Lisa Camilleri talli ġibditli l-attenzjoni għal din it-tpinġija.

91 Dan il-ktieb li hu mibni minn kapitli f'forma mill-isbaħ ta' letteratura Lhudija, u jittratta għala l-bniedem għandu jbati, u aktar ma jkun tajjeb, aktar ibati. Ara *Il-Bibbja: Il-Kotba Mqaddsa miġjuba bil-Malti mill-ilsna oriġinali, il-Lhudi u l-Grieg, mill-Għaqda Biblika Maltija* (Malta, 1996).

92 Wettinger u Fsadni 48.

93 Wettinger u Fsadni 48.

# Ħarsa ġdida lejn ir-rakkont tal-Ħimjari dwar Malta

Michael Cooperson

It-test tal-Ħimjari hu deskrizzjoni ta' Malta miktub, abbażi ta' rapporti minn għejun eqdem,[1] mill-ġeografu Għarbi l-Ħimjari,[2] li aktarx li miet fis-seklu erbatax.[3] It-test kritiku tax-xogħol tiegħu ġie ppubblikat mill-erudit Libaniż Iħsan Abbas fl-1975.[4] Imbagħad it-test inġieb għall-attenzjoni tar-riċerkaturi fl-istudji Maltin bil-ħidma ta' Joseph Brincat, li ppubblikah fl-1995, flimkien ma' traduzzjoni Ingliża ta' Manwel Mifsud.[5] Godfrey Wettinger ippubblika dan l-aħħar partijiet tar-rakkont maqlubin għall-Ingliż, u l-istess siltiet qalibhom għall-Malti f'verżjoni Maltija illi donnha għadha mhix ippubblikata.[6]

I. Għad li naqbel ma' Wettinger u Anthony Luttrell meta saħqu fuq il-bżonn ta' aktar xogħol dwar il-manuskritti u l-għejun tal-Ħimjari,[7] għandi nistqarr li m'għandix iżjed xi nżid max-xogħol li għamel Brincat fuq din it-tema. Naqbel ukoll ma' Charles Dalli meta jesprimi ċertu dubju rigward il-mod li bih l-istorja ta' Malta sfat mifhuma bħala sensiela ta' konkwisti, a skapitu tal-istudjar tal-iżvilupp fit-tul.[8] Imma peress li ħafna minn dawk li jiktbu fuq ġrajjiet Malta fiż-Żmien Nofsani ilhom u għadhom jiddependu mid-dettalji tar-rakkont tal-Ħimjari, u billi t-traduzzjonijiet tar-rakkont għadhom inisslu xi diżgwid, ta' min jerġa' jiflih b'attenzjoni speċjali lejn il-għeliem lingwistiċi tiegħu. F'dan l-istudju, se nipprova nirrispondi tliet mistoqsijiet li ġew imqajma minn riċerkaturi oħra, fuq bażi ta' ħarsa iktar mill-qrib lejn id-deskrizzjoni ta' Malta bħala test Għarbi taż-Żmien Nofsani.[9]

II. L-ewwel kwestjoni hi dik imqajma minn Charles Dalli dwar il-*madīnah*, jiġifieri l-belt ta' Malta. Fil-bidu tas-silta, il-Ħimjari jiddikjara li f'Malta hemm belt qadima li nbniet qabel il-miġja tal-Misilmin:[10] *wa-fihā madīnatun min bunyāni l-awwali wa kāna yaskunuha r-Rūm* "and in it there is an ancient city, and it was inhabited by the Byzantines".[11] Iktar tard, imma, jiddikjara li l-Misilmin kienu huma li bnew il-*madīnah*: *fa-lamma kāna baʿda l-arbaʿīna wa l-arbaʿimiʾati mina l-hijrati ʿammarahā l-muslimūna wa-banaw madīnataha:* "After the year 440 AH [1048-49 AD] the Muslims peopled it and they built its city". Kif jgħid Dalli, mela, "hemm kontradizzjoni mal-istqarrija tal-bidu, fejn jgħodd il-*madīnah* ta' Malta fost l-eqdem bliet".[12]

Ħalli nipprovaw insolvu din il-kontradizzjoni. Nibdew billi ninnutaw li s-sentenza Għarbija tagħna tqajjem problema ta' grammatika. Fl-Għarbi, meta nużaw xi nom ma' xi aġġettiv f'xi frażi definita, it-tnejn li huma għandhom jieħdu l-artiklu, pereżempju *al-ṭarīq al-ṭawīl* "it-triq twila" jew "it-triq it-twila". Mill-banda l-oħra, meta l-frażi tkun indefinita, m'hemm artiklu mkien, pereżempju *ṭarīq ṭawīl* "(xi) triq twila". Jiġifieri, frażijiet bħal "Triq il-Kbira", b'nom indefinit u aġġettiv definit, huma impossibbli fl-Għarbi (jew fl-Għarbi Klassiku almenu).[13]

Mela kif naqraw il-frażi *bunyānu l-awwali* fejn hemm nom indefinit u aġġettiv definit? Fil-verità m'hemmx mod. Pjuttost għandna naqraw il-frażi mhux bħala nom u aġġettiv, iżda bħala nom u nom, jiġifieri bħala kostrutt: ossija, mhux "l-ewwel bini", iżda "l-bini tal-ewlieni". Jekk nittraduċuha hekk, il-frażi żgur li ma tagħmilx ħafna sens. Ħalli nerġgħu nħarsu mela lejn il-kelma "ewwel". Bl-Għarbi tinkiteb bi tliet ittri konsonantali: *alif wāw lām*. Normalment din il-kelma naqrawha *awwal*. Anki Iḥsān ʿAbbās, l-editur tal-Ħimjari, ivvokalizzaha hekk. Imma l-kelma tista' tinqara mod ieħor: *uwal*. Din hi l-plural ta' *awwal*, jiġifieri "l-ewlenin". Dan il-plural hu forma relattivament rara, imma jintuża f'kuntesti partikolari, fosthom meta jirreferi għal popli antiki. Huwa jintuża pereżempju minn Ibn Khaldūn[14] kif ukoll fit-titlu tal-ktieb tal-istoriku al-Qaramānī (m. 1611): *Kitāb akhbāru l-duwali wa-āthāri l-uwali*, jiġifieri "L-istejjer tad-dinastiji u tar-relikwi tal-antiki".[15]

Allura, fil-kuntest tagħna, hi din il-kelma li tagħtina traduzzjoni li tagħmel sens grammatikali, jiġifieri, "il-bini tal-antiki" jew "dak li nbena mill-antiki". Wieħed jista' jissopponi li dawk l-antiki huma l-Biżantini. Iżda hemm problema oħra: kieku kienet it-tieni parti tas-sentenza (*wa-kāna yaskunuhā r-Rūmu* "u fiha kienu jgħixu l-Biżantini") tirreferi għall-belt, ma kienx ikun hemm "*wa-*" (li tfisser "u"). Nafu dan għax il-klawżola relattiva bl-Għarbi, meta tirreferi

għal xi nom indefinit, bħal *madīnah* f'din is-silta, tiġi espressa bla konġunzjoni. Fi kliem ieħor, kieku kienet it-tifsira "fiha hemm belt mibnija mill-antiki fejn kienu jgħixu l-Biżantini", il-frażi kienet tkun *fihā madīnatun min bunyāni l-uwali kāna yaskunuha r-Rūm,* bla *wa-* qabel *kāna*. Imma s-sentenza tagħna fiha *wa-*. U għalhekk m'hemmx għażla: il-klawżola relattiva tirreferi mhux għall-belt iżda għal dak li ġie qabel, ċoè, Malta stess: "fiha (= Malta) hemm belt mibnija mill-antiki, u fiha (= Malta) wkoll kienu jgħixu l-Biżantini". Hekk allura l-kwistjoni għadha hemm: min huma dawk l-antiki li bnew xi belt hawn Malta?

Kif rajna, is-sentenza tal-Ħimjari tagħti l-impressjoni li dawk l-antiki huma xi nies oħra barra mill-Biżantini. Dażgur li l-Ħimjari ma setax ikun jaf li r-Rumani, il-Feniċi, u l-Kartaġiniżi bnew kolonji f'Malta. Minkejja dan, hu possibbli li kienu waslulu xi rapporti fuq l-eżistenza ta' rovini antiki fuq is-sit tal-Imdina. Peress li l-Imdina reġgħet ġiet mibnija mill-Misilmin u, wara ħafna tibdil waqt iż-Żmien Nofsani, darba oħra mill-Kavallieri, ma fadalx ħjiel dirett tal-għamla tal-belt li kienet teżisti qabel il-miġja tal-Misilmin (apparti r-rovini Rumani ta' barra l-Imdina). Imma hemm xhieda letterarja tal-eżistenza ta' bini fuq is-sit, u hemm ukoll evidenza li l-*madīnah* Misilma nbniet direttament fuq il-belt Feniko-Rumana.[16] Għalhekk m'għandniex niddubitaw li l-Ħimjari meta semma "l-belt mibnija mill-antiki" seta' kellu f'moħħu s-sostrat ta' qabel il-Misilmin. Hu x'inhu l-każ, dik il-parti tat-traduzzjoni ta' Mifsud għadha bażikament korretta: "*and in it there is an ancient city*". Imma dik il-belt antika setgħet ma kinitx l-Imdina li l-Ħimjari jsemmi iktar tard, iżda belt oħra eqdem minnha. Hekk almenu tindika l-grammatika tas-sentenza fit-test.

III. Wara li jiddeskrivi l-gżira ta' Malta, il-Ħimjari jitkellem dwar il-konkwista Musulmana tas-seklu disgħa. Kif jgħidilna Charles Dalli, "il-Musulmani rnexxielhom jaħtfu l-fortizza ta' Malta u jieħdu l-mexxej tagħha ... priġunier. Il-fortizza nqerdet, u saret ħerba sħiħa: serq u sakkeġġar".[17] Is-silta li tinteressana ttraduċieha Mifsud kif ġej: "[*The invaders*] *demolished its fortress, and they looted, and desecrated* (SBW?) *whatever they could not carry*".[18] Il-verżjoni Maltija ta' Wettinger hi kemxejn differenti: "[Q]erdu l-fortizza ta' Malta, u ħadu u serqu kulma ġie għal idejhom u li setgħu jieħdu magħhom".[19]

Nixtieq nirringrazzja lil Mifsud talli żied dak il-punt ta' domanda mal-kelma SBW biex jiġbed l-attenzjoni lejn din il-parti tas-sentenza. Ħalli naraw x'inhi l-problema. Is-sentenza fl-Għarbi hi *wa-SBW mā ʿajazū ʿan ḥamlihi* "u SBW dak li ma setgħux iġorru". L-ittri SBW jindikaw verb fil-plural fit-tielet

persuna kkonjugat fil-passat. Imma l-kelma tista' tinqara b'żewġ modi: *sabaw* (għerq: *s b w*) "jassru (= għamlu lil xi ħadd ilsir)" jew inkella *sabbū* (għerq: *s b b*): "seħtu". Jekk inpoġġu kull verb minn dawn lura fis-sentenza, ikollna żewġ għażliet:

| | |
|---|---|
| *wa-sabaw mā ʿajazū ʿan ḥamlihi* | "u jassru dak li ma setgħux iġorru" |
| *wa-sabbū mā ʿajazū ʿan ḥamlihi* | "u seħtu dak li ma setgħux iġorru" |

Fit-traduzzjoni tiegħu, Mifsud għażel it-tieni, u dan għal raġuni tajba ħafna. Fl-istess rapport, il-Ħimjari jirrakkonta li l-Misilmin waqqgħu l-knejjes ta' Malta u ħadu l-ġebel lura Tuneż biex jużawh għall-bini. Għaldaqstant mhux diffiċli nissopponu li l-Misilmin, wara li mlew ix-xwieni tagħhom bil-ġebel, ma kienx baqgħalhom iktar post biex iġorru ġebel ieħor u għalhekk ipprofanaw dawk il-knejjes li kienu baqgħu sħaħ.

Iżda din l-interpretazzjoni tqajjem problema semantika. Il-verb *sabb* ifisser "seħet", jiġifieri li tattakka lil *xi ħadd*, mhux lil xi ħaġa, u *verbalment* biss.[20] B'hekk ma jintużax biex ifisser "jipprofana" ħlief meta tinsulta jew tinsolenta lill-Profeta. Mifsud qisu ħass li kienet qed tiġri xi ħaġa stramba u għalhekk żied il-punt ta' domanda. Ħalli mela nipprova flok il-verb *sabb* il-verb *sabā*:

| | |
|---|---|
| *wa-sabaw mā ʿajazū ʿan ḥamlihi* | "u jassru dak li ma setgħux iġorru" |

Din is-sentenza xi tfisser? Biex nifhmuha, ikollna nerġgħu naħsbu dwar ir-relazzjoni temporali li hemm bejn iż-żewġ partijiet tas-sentenza. Meta naqrawha kif inhi, forsi nimmaġinaw li l-Misilmin sabu ruħhom ma jistgħux iġorru lil xi nies u mbagħad għamluhom ilsiera. Bla dubju, dan ma jagħmilx sens. Imma ħalli naqilbuha bil-kontra: jiġifieri l-Misilmin jassru lil xi nies, imbagħad indunaw li ma kienx baqa' post għalihom fix-xwieni. U b'hekk it-traduzzjoni ssir kif ġej:

| | |
|---|---|
| *wa-sabaw mā ʿajazū ʿan ḥamlihi* | "u jassru *iktar milli* setgħu jġorru" |

Jekk il-Misilmin ma setgħux iġorru l-abitanti kollha, xi wħud minn dawn bilfors baqgħu lura. Mid-dehra, mela, Malta setgħet ma tħallietx kompletament diżabitata wara l-attakk Musulman. Ftit iktar tard imma, il-Ħimjari jesprimi ruħu b'mod ċar meta jgħidilna li Malta, wara l-attakk Mislem, baqgħet ħerba bla popolazzjoni (*fa-baqiyat baʿda dhālika jazīratu Māliṭah kharibatan ghayra āhilah*).[21] Minkejja dan, ma nistgħux neskludu l-possibilità li ċerti abitanti tal-gżejjer skansaw il-jasar, għal ftit ħin almenu.

IV. Kien x'kien il-każ, jidher li Malta reġgħet ġiet popolata qabel ir-ritorn tal-Misilmin fin-nofs tas-seklu ħdax, bħalma tindika l-arkeoloġija.[22] Is-sorsi sekondarji jaqblu li, f'dak iż-żmien, Malta kienet abitata minn komunità li kienet tikkonsisti minn sidien Misilmin u skjavi[23] ta' nisel mhux magħruf. Fl-1048 jew l-1049, din il-komunità sabet ruħha assedjata mill-Griegi. Dalli jiddeskrivi l-assedju kif ġej:

Il-Musulmani nġabru u raw li l-għadd ta' lsiera [= skjavi] tagħhom kien jisboq dak tagħhom. Għaldaqstant daru fuq l-ilsiera tagħhom, u ħeġġewhom biex jaqbdu l-armi u jiġġieldu spalla ma' spalla magħhom. Jekk tirbħu, tkunu ħielsa, u dak li hu tagħna jkun tagħkom; jekk toqogħdu lura, aħna ninqatlu, u intom ukoll. Hekk għamlu: ingħaqdu, u flimkien, bħallikieku raġel wieħed, irnexxielhom iħarbtu lir-Rum għalkollox, u joqtlu ħafna minnhom.[24]

Ir-riċerkaturi li ħadmu fuq dan l-episodju ilhom jiddibattu dwar min kienu dawn l-iskjavi.[25] Din id-diskussjoni ilha għaddejja u ddur madwar il-kondizzjonijiet tal-ftehim milħuq bejnhom u s-sidien. Ħa nikkwota t-traduzzjoni ta' din il-parti tat-test ta' Mifsud fejn insibu l-proposta tas-sidien:

*If you* [= l-iskjavi] *are loyal to us in our struggle against our enemy, and you go as far as we go, and end up where we do, you will be free men, we shall raise you to our level and we shall give you our daughters in marriage, and we shall make you partners in our riches, but if you hesitate and abandon us, your fate will be the same captivity and bondage which will be ours, nay, you will fare even worse because with us one may be redeemed by a dear friend or freed by his ally or saved by the support of his community.*[26]

F'artiklu miktub lejn tmiem is-seklu dsatax, Mayr joffri interpretazzjoni ta' din is-silta li għadha konvinċenti. Hu u janalizza l-verżjoni parallela tal-Qażwini jgħid:

Mid-dehra, il-punt prinċipali ta' dan ir-rapport, ossija, li l-popolazzjoni sħiħa ta' Malta, sidien u skjavi inklużi, ingħaqdet kontra l-għadu Nisrani, u b'hekk irnexxielha tilħaq ugwaljanza soċjali, twassalna sabiex nissopponu li f'dak iż-żmien l-abitanti tal-gżira ta' Malta kienu kollha Misilmin.[27]

Fl-1975, T.S. Brown aċċetta l-konklużjoni ta' Mayr, u żied li "*the Byzantine invaders would not have shown such violent hostility to all the inhabitants, if*

*a substantial portion of them had been Christian*".[28] Din il-konklużjoni ġiet aċċettata minn Wettinger, li nnota wkoll li, kieku kienu Nsara, l-iskjavi ma kellhomx għalfejn jibżgħu milli jinħatfu mill-Griegi.[29] U fl-1992, Luttrell osserva li, kieku kienu Nsara, l-iskjavi kien messhom isiru Misilmin biex jinħelsu u jiżżewġu nisa Misilmin. Imma, bħalma josserva hu stess, fit-test tal-Ħimjari m'hemm l-ebda indikazzjoni li ġew mitluba sabiex jikkonvertu.[30] Għal dawn ir-raġunijiet, naqbel għalkollox mal-ġudizzju ta' Wettinger meta jgħid li "l-patt jew ftehim ta' madwar is-sena 1050 ma kienx patt bejn Misilmin u Nsara iżda bejn Misilmin ħurra [= liberi] u Misilmin ħorox *għabida*" [sc. *għabid* jew *ʿabīd*, skjavi].[31]

Kif innota Brincat, il-Ħimjari, peress li ma jirreferix għall-iskjavi bħala Misilmin, jimplika li kienu xi ħaġa oħra.[32] Imma Brincat qisu kellu l-impressjoni mill-għejun li kkonsulta magħhom, li l-jasar ta' Misilmin minn Misilmin oħra kien fenomenu relattivament rari fis-soċjetajiet Iżlamiċi. Hu veru illi Mislem ma kienx jista' jjassar lil Mislem ieħor. Nammetti wkoll li kien impossibbli għal Għarbi, kienet x'kienet ir-reliġjon tiegħu, li jsir ilsir ta' Mislem. Imma lsir Nisrani, ilsir Lhudi, ilsir Maġusi, jew ilsir pagan ma kienx jista' jinħeles billi jadotta l-Iżlam. Kieku l-iskjavi setgħu jinħelsu b'dan il-mod, bla dubju li l-jasar bħala istituzzjoni kien jispiċċa wara ġenerazzjoni waħda. Fil-verità, il-jasar seta' jkompli jeżisti permezz tal-kummerċ tal-iskjavi. Nistgħu naraw dan b'mod ċar mill-għejun Għarab, li huma mimlija b'referenzi għal Misilmin li kienu skjavi ta' Misilmin oħra.[33] Fil-każ ta' Malta, nistgħu neħduha li l-iskjavi inkwestjoni, jew ħafna minnhom, kienu Misilmin, anke jekk dawn kienu ta' klassi ibaxx. Fil-każ tal-Ħimjari, mela, ta' min wieħed jibda jaħseb li *muslimūn* donnha tfisser dawk li kellhom id-dritt li jiddeċiedu kif kellhom jaġixxu fil-konfront tal-attakk Grieg. Ta' min jinnota li hu wkoll possibbli li l-ilsiera setgħu kienu jħaddnu reliġjonijiet differenti, bħalma ser naraw minn hawn u ftit ieħor.

Imma l-iskjavi minn fejn ġew? Jista' jkun li kienu mill-Afrika. Il-Ħimjari jiddeskrivihom bħala *għabīd*, u l-*għabid*, bħalma osserva Wettinger, "*were normally understood to be black mercenaries*".[34] Din l-ipoteżi tidher li tissaħħaħ bl-eżistenza ta' ċerti ismijiet ta' postijiet f'Malta. Fost dawn hemm Tal-Wasif, jew Usif, u Ġebla tal-Usif, li skont Wettinger jirreferu għal skjavi Afrikani, abbażi tal-kelma *waṣīf*, li tfisser, skont l-għejun li kkonsulta, "qaddej, qaddejja", jew inkella "iswed, skjav iswed".[35] Imma l-kelma *waṣīf*, kif ġiet definita fid-dizzjunarji Għarab, tfisser "ġuvni" u "qaddej", bla referenza għall-kulur tal-ġilda.[36] Jien ma niċħadx li l-kelma kapaċi tirreferi għal Afrikani

f'kuntesti partikolari. Imma bħala evidenza tal-preżenza ta' skjavi Afrikani f'Malta, ma tistax titqies bħala xhieda definittiva. Barra minn hekk, bħalma osserva Wettinger stess, jekk nissopponu li kien hemm għadd sostanzjali ta' skjavi Afrikani, "*that interpretation would involve having to account for the eventual complete disappearance of a sizeable Negro population*".[37]

Jekk l-*għabid* ma kinux Afrikani, x'kienu mela? Skont Wettinger, "seta' ġara li xi wħud kienu ta' razza bajda li kienu magħrufa bħala Slavi".[38] B'xorti tajba inzerta li hemm xhieda li mhux biss tappoġġa l-ipoteżi ta' Wettinger iżda jagħtina għalfejn nissopponu li għadd sostanzjali tal-ilsiera, jekk mhux kollha, setgħu kienu Slavi. Din ix-xhieda tiġi mill-Bakri (m. 1094), awtur tal-Andalus li tana deskrizzjoni oħra ta' Malta li hi eqdem iżda iqsar minn dik tal-Ħimjari. Imma dak li jinteressana mhuwiex ir-rapport tiegħu dwar Malta, iżda dak li għandu xi jgħid dwar il-belt Marokkina ta' Nakūr. Nakūr hi belt antika li kienet tinsab viċin ta' fejn hemm il-belt moderna ta' Ḥusaymah fin-nofs tal-kosta Mediterranja tal-Marokk. Fir-rapport tiegħu, il-Bakri jirrakkonta l-istorja tas-slaten ta' Nakūr, fosthom ċertu Saʿīd ibn Ṣāliḥ, li nħatar bħala sultan fis-sena 864. Ir-rapport tal-Bakri jkompli kif ġej:

> Wara li Saʿīd ikkonsolida l-ħakma tiegħu, l-iskjavi Slavi (*al-ʿabīd al-ṣaqālibah*) tad-dinastija, resqu lejh u talbuh il-ħelsien. Hu weġibhom: "Intom is-suldati tagħna u l-iskjavi (*ʿabīd*) tagħna, donnkom irġiel ħielsa, ladarba ma tiġux imqassma bħala proprjetà meta s-sidien tagħkom imutu. Mela għalfejn qegħdin titolbu l-ħelsien?" Madanakollu, huma komplew jinsistu, iżda hu baqa' jirrifjuta t-talba tagħhom, sakemm daru kontrih u insultawh. Imbagħad ħatru lil ħuh ʿUbayd Allāh u lil zijuh al-Riḍā mlaqqam Abū ʿAlī [bħala mexxejja] u mmarċjaw magħhom lejn il-palazz. Imma Saʿīd, bil-għajnuna tal-ewnuki u n-nisa, iġġildilhom minn fuq il-palazz sakemm huma rtiraw. Imbagħad il-popolin qabeż fuqhom u saqu bihom sa raħal magħruf bħala "r-raħal tal-Islavi" (*qaryat al-ṣaqālibah*) li kien jinsab fuq il-belt. [L-Islavi] ffortifikaw ir-raħal u baqgħu hemm għal sebat ijiem sakemm Saʿīd ġabar armata u ħabat għalihom u, wara li ġġildilhom b'qilla, irnexxielu jegħlibhom.[39]

Abbażi ta' din is-silta nistgħu niġbdu l-konklużjoni li l-kelma *għabid* mhux bilfors tfisser "Afrikani". Fil-każ ta' Nakūr, l-iskjavi inkwestjoni kienu Slavi. Jekk nissopponu li l-iskjavi Maltin kienu Slavi wkoll, inkunu solvejna l-problema li qajjem Wettinger, li hija "*to account for the eventual complete disappearance of a sizeable Negro population*". Jiġifieri jekk l-iskjavi Maltin

kienu Slavi bħal dawk ta' Nakur, m'għandniex għalfejn nispjegaw fejn marret il-popolazzjoni Afrikana. Ta' min jinnota wkoll li l-*għabid* ta' Nakūr, kienu min kienu, ipprovaw huma wkoll jagħmlu patt mas-sidien tagħhom biex jinħelsu mill-jasar, bħalma għamlu l-*għabid* ta' Malta: ġrajja li għandna nieħdu bħala twettiq ta' dak li jgħidilna l-Ħimjari.

Iżda fil-verità, għandna traċċa ta' preżenza Slava f'Malta? Skont Wettinger, il-preżenza ta' "*Saqaliba or Slav or other white slaves*" hija dokumentata f'ċerti ismijiet Maltin, fosthom Ta' Skorba, isem post qrib iż-Żebbiegħ u sit ta' tempji Neolitiċi.[40] Dan l-isem bid-djalett tal-Imġarr jitlissen "l-Isqorba" jew "l-Isqolba", forma li tikxef l-isem oriġinali: *taṣ-Ṣaqālibah*, jiġifieri "tal-Islavi". Kemm fi Sqallija kif ukoll f'Tuneż insibu l-istess isem f'forom kemxejn differenti.[41] Mid-dehra mela, xi postijiet fit-tliet pajjiżi ġew mgħammrin minn gruppi ta' Slavi, bħalma seħħ fil-Marokk, fejn għadna kif rajna *qaryat al-ṣaqālibah* "ir-raħal tal-Islavi".

Fl-istess ħin ta' min jisħaq li l-kelma *ṣaqālibah* ma tfissirx bilfors "l-Islavi" ta' żminijietna. It-termini etniċi użati fiż-Żmien Nofsani ħafna drabi ma tantx għandhom x'jaqsmu ma' tal-lum.[42] Bl-istess mod, il-kelma *ṣaqālibah* mhijiex sinonimu mal-kelma "Slavi". U fil-verità din tiġi spjegata fl-*Enċiklopedija tal-Iżlam* bħala "*the designation in mediaeval Islamic sources for the Slavs and other fair-haired, ruddy-complexioned peoples of Northern Europe*". It-terminu ġie applikat għal popli diversi, fosthom pereżempju l-Ġermaniżi, minbarra dawk il-popli li aħna nikkunsidrawhom bħala propjament Slavi. Jekk nanalizzaw l-applikazzjonijiet diversi tal-isem, niskopru li hemm għadd ta' elementi komuni, fosthom il-karnaġġjon ċara, ix-xagħar aħmar, l-irbit mat-Tramuntana, l-għajxien fi klima kiesħa u l-herra fil-ġlied.[43] Hu veru wkoll li ħafna minn dawn l-Islavi mjassra mill-Misilmin kienu ewnuki, jiġifieri kastrati. Imma l-*għabid* ta' Malta (kinux Slavi jew le) ovvjament ma kinux hekk għax rajna li s-sidien offrewlhom id-dritt li jiżżewġu nisa Misilmin. Fl-istess ħin, ta' min jinnota li, jekk l-iskjavi Maltin kienu ta' nisel Ewropew imħallat, hu possibbli wkoll li fosthom kien hemm Insara jew pagani. Sakemm kien hemm fosthom maġġoranza ta' Misilmin, il-ġrajjiet li jirrakkonta l-Ħimjari setgħu seħħu kif jgħid hu.

Apparti mill-identità tal-iskjavi Maltin, l-episodju tal-Bakri jfakkarna f'possibbiltà oħra mqajma minn Wettinger, ossija li kien hemm, minbarra l-ħakkiema u l-iskjavi, xi t-tielet grupp ta' abitanti: raħħala u bdiewa.[44] Diġà rajna li l-Bakri jgħid, meta jitkellem dwar Nakūr, li kien hemm grupp imsejjaħ "il-popolin" (*al-ʿāmmah*), li ma nafu fuqhom xejn għajr li kienu la sidien u

lanqas suldati. U vera: bla bdiewa, is-sidien u s-suldati minn fejn ikollhom x'jieklu? Jekk kien hemm popolazzjoni komparabbli f'Malta (bħalma jindikaw l-ismijiet qodma ta' ħafna postijiet Maltin) m'hemmx dubju li kienu Misilmin, bħall-"popolin" ta' Nakūr. U jekk dan il-grupp kien jikkonsisti minn bdiewa, jista' jagħti l-każ li dawn ma kinux se jiġu inklużi mal-erba' mitt Mislem li jsemmi l-Ħimjari, għax ma kinux suldati. Peress li ma kien ikollhom l-ebda rwol fid-difiża ta' Malta waqt l-attakk mill-Griegi, ma kellhomx għalfejn jidhru fir-rakkont. U b'hekk naraw li aħna m'għandniex għalfejn infittxu l-oriġni tal-poplu Malti, lanqas tal-lingwa Maltija, esklużivament mal-*għabid*, li x'aktarx tilfu l-ilsna tagħhom biex jaddottaw l-Għarbi bħala *lingua franca*. M'hemmx għalfejn, għax Malta kienet mgħammra waqt l-attakk minn diversi gruppi ta' abitanti, fosthom "sidien" u "bdiewa". Kien biss il-ħsieb li l-*għabid* setgħu kienu Nsara li wassal lir-riċerkaturi biex jiffokaw fuqhom a skapitu tal-abitanti l-oħrajn ta' Malta, avolja, bla dubju, dawn l-oħrajn kienu fil-maġġoranza.

V. Ħalli nikkonkludu billi nirrispondu fil-qosor għad-domandi li ġew imqajma minn Wettinger u Dalli f'artiklu ppubblikat fit-*Times of Malta*[45] wara li qrajt l-abbozz ewlieni ta' dan l-istudju dakinhar tat-taħdita tal-Akkademja. Wettinger, huwa u jirreferi għall-poeżija Griega ppubblikata dan l-aħħar[46] fejn insibu "passaġġ ta' 28 vers li jiddeskrivi, kif hu maħsub, dak li ġara f'Għawdex jekk mhux f'Malta fis-sena 1127",[47] meta seħħet invażjoni Normanna mmexxija mill-Konti Ruġġieru, jgħid li l-ipoteżi Slava tqajjem "*the problem of explaining the innumerable blacks that were wiped out by Roger II in 1127*". Forsi hemm xi żball, għax il-vers inkwestjoni jgħid li għadd kbir ta' Etjopi[48] tkeċċew mill-gżira, mhux li nqatlu.[49] Imma d-domanda għadha hemm: jekk l-*għabid* kienu Slavi u mhux Afrikani, minn fejn ġew l-Etjopi? Irridu niftakru li kienu diġà għaddew kważi tmenin sena mill-ġrajjiet tal-1048, meta l-*għabid* wettqu l-patt ma' sidienhom. Matul dawn it-tmenin sena, l-*għabid*, kienu min kienu, kienu ilhom li għolew u laħqu l-istatus ta' sidien. U matul dawn it-tmenin sena wkoll, il-ħakkiema ta' Malta setgħu kienu importaw skjavi Afrikani kemm felħu. Għaldaqstant il-poeżija, barra mill-fatt li jsemmi Wettinger stess, li hi poeżija u mhix dokument,[50] u barra mill-problemi li jinsabu kemm fit-test kif ukoll fit-traduzzjoni,[51] m'għandniex nikkonsidrawha favur jew kontra "l-ipoteżi Slava".

Min-naħa tiegħu, Charles Dalli jikkummenta fl-istess artiklu tat-*Times* li m'hemm l-ebda indikazzjoni indipendenti li l-*għabid* Maltin kien hemm fosthom *ṣaqālibah*, u lanqas li l-*għabid* kollha kienu minn dawn. Barra minn hekk, "*the theory as reported claims that al-Himyari was writing* għabid *while*

*really referring to* saqaliba" imma "*this reading does not seem to consider the fact that al-Himyari does employ the word* saqaliba *to mean* saqaliba *elsewhere in the same work*".[52]

F'dan kollu, Dalli għandu raġun. Ninnutaw imma li, kif rajna fil-Bakri, hu possibbli li awtur juża l-kelma *għabid* biex jirreferi għall-istess grupp ta' nies li rrefera għalihom iktar kmieni bħala *ṣaqālibah*. Dan għax il-kelma *ṣaqālibah* hi tikketta etnika waqt li l-kelma *għabid* hi tista' tgħid tikketta professjonali. B'hekk iż-żewġ kelmiet jistgħu jintużaw (bħal "turisti" u "Ingliżi") weħidhom jew flimkien biex jirreferu għall-istess grupp ta' nies. Barra minn hekk, il-Ħimjari kellu jirrispetta l-forma verbali tal-għejun li kkonsulta. Jekk l-għajn tiegħu ma kinitx taf, jew ma kienx jimportaha, l-identità etnika tal-ilsiera, u semmiethom *għabid*, il-Ħimjari (bin-nuqqas li kellu ta' tagħrif ieħor) bilfors kellu jsemmihom *għabid* ukoll.

M'iniex nistenna li b'dawn il-ħsibijiet inkun weġibt b'mod sodisfaċenti għall-punti ferm tajbin imqajma minn Wettinger u Dalli. Imma "l-ipoteżi Slava" għandha titqies bħala punt sekondarju. Fil-fehma tiegħi, l-aqwa ħaġa hi li r-rakkont tal-Bakri, meta jirreferi għall-"popolin", jagħtina għalfejn nissopponu li l-Ħimjari, meta qal li l-popolazzjoni ta' Malta fis-seklu ħdax kienet tikkonsisti minn "Misilmin" u "skjavi", kien qed jeskludi lir-raħħala u l-bdiewa, li avolja li kienu huma wkoll Misilmin, ma kinux ser jieħdu sehem fil-ġlied kontra l-Biżantini. Fi kliem ieħor, l-abitanti ta' Malta fis-seklu ħdax setgħu kienu iktar fl-għadd u fil-varjetà milli jidher mir-rakkont tal-Ħimjari.

*Niżżi ħajr lill-Akkademja tal-Malti u lis-Sinjuri Olvin Vella, Christine Scicluna, Godfrey Wettinger, William Thierens, David Mallia, u Kim Dalli, u lil kull min ikkummenta wara t-taħdita tal-Akkademja tal-Malti li saret f'Dar l-Ewropa, nhar il-15 ta' Mejju 2014. Ir-responsabbiltà tal-iżbalji, kemm fl-interpretazzjoni kif ukoll fl-espressjoni, hija tiegħi biss.*

# APPENDIĊI

I. It-test Għarbi tar-rakkont tal-Bakri dwar l-Islavi ta' Nakūr

Bakrī, *Masālik*, 768; idem, *Description*, 93-94.

فلما توطد له الأمر واستوسق دخل عليه عبيدهم الصقالبة فسألوه العتق فقال لهم أنتم جندنا
وعبيدنا وأنتم كالأحرار لا تدخلون في المواريث ولا تجري عليكم المقاسم فما طلبكم للعتق
فألحّوا عليه في ذلك فأبى فناله منهم جفاء وغلظة فقدّموا أخاه عبيد الله وعمّه المكنّى بأبي علي
وزحفوا بهما إلى القصر فحاربهم سعيد من أعلى القصر بالفتيان والنساء حتى انهزموا وقامت
عليهم العامّة فأخرجوهم إلى قرية فوق المدينة تعرف بقرية الصقالبة فتحصّنوا بها سبعة أيام
وحشر سعيد وخرج إليهم وظفر بهم بعد حرب شديدة

II. IT-TRADUZZJONI FRANĊIŻA TA' DE SLANE

Bakrī, *Description*, 187-88.

[Saîd] se fut à peine établi dans le gouvernement, que les Esclavons appartenant à sa famille par droit d'achat vinrent lui demander leur affranchissement. Il leur répondit en ces termes : « Vous êtes notre milice et nos serviteurs ; vous êtes tout à fait comme des hommes libres puisqu'on ne vous compte pas au nombre des choses qui se transmettent par héritage et que vous applique pas la loi qui règle le partage des successions. Pourquoi donc voulez-vous être affranchis? » Malgré ses observations, ils persistèrent dans leur demande et, sur son refus de les satisfaire, ils lui adressèrent des injures grossières et prirent pour chef son frère Obeid Allah et son oncle Abou Ali er-Rida. Attaqués par les révoltés jusque dans son palais; Saîd, qui n'était soutenu que par ses pages et par les femmes de sa famille, les combattit du haut du château et les força à la retraite. Expulsés de la ville par la populace, les insurgés allèrent se poster à CARIA-T-ES-SACALEBA, « village des esclavons », bourg situé au dessus de Nokour. Ils s'y tinrent retranchés pendant sept jours, quand Saîd, ayant enfin réuni quelques troupes, sortit pour les attaquer. A la suite d'un combat acharné il vanquit les mutins.

**Noti**

1 Ara M. Talbi, *L'émirat aghlabide 184-296 (800-809): Histoire politique* (Librairie d'Amérique et d'Orient, 1966) 475-76, u M. Redjala, "L'archipel maltais dans la littérature historico-géographique d'expression arabe à l'époque médiévale", *Actes du Premier Congrès d'Études des cultures mediterrannées d'influence arabo-berbère* (Algiers: SNED, 1973) 203-208, flimkien mal-kummenti ta' T.S. Brown, "Byzantine Malta: A discussion of the sources". F' *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights*. Maħruġ minn Anthony T. Luttrell (London: British School at Rome, 1975) 82-86; u dwar ir-rabtiet bejn l-għejun Għarab differenti ara wkoll Joseph M. Brincat, *Malta 870-1054. Al-Himyarī's Account and its Linguistic Implications* (Valletta: Said International, 1995) 34-41. L-istudju preżenti jikkonċentra fuq il-Ħimjari għax ir-rakkont tiegħu hu l-iktar wieħed li jinfirex fit-tul.

2 Ladarba l-artiklu Għarbi jsegwi prattikament l-istess regoli fonetiċi tal-artiklu Malti, ħa nittratta l-isem tal-Ħimjari daqslikieku kien isem Malti, billi hu ħafna iktar faċli niktbu u ngħidu, pereżempju, "tal-Ħimjari" flok "ta' al-Ħimjari".

3 Ara Brincat, *Malta* 33-34.

4 Al-Ḥimyarī, *Al-Rawḍ al-miʿṭār fī khabar al-aqṭār*. Maħruġ minn Iḥsān ʿAbbās (Beirut: Maktabat Lubnān, 1975) 520.

5 Brincat, *Malta*.

6 Wettinger, "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani" (manuskritt) u "Malta in the High Middle Ages", *Melita Historica* 15 (2011) 367-90. Nirringrazzja lil Wettinger talli għoġbu jagħtini kopji ta' dawn iż-żewġ artikli. It-traduzzjoni ta' waħda missiltiet Għarab (dik ta' Ibn Ħawqal) hi attribwita lil "Adel Bishtawi, a prominent Palestinian writer" ("Malta in the High Middle Ages" 370) imma l-kumplament jidher mingħajr attribuzzjoni.

7 Wettinger, "Al-Himyari's Malta", *The Sunday Times of Malta,* 26 t'Awwissu, 1990; A. Luttrell, "Slaves and captives on Malta: 1053/4 and 1091", *Hyphen* 7 (1992) 2, 99.

8 Charles Dalli, "'Greek,' 'Arab,' and 'Norman' Conquests in the Making of Maltese History", *Storja* (2003-2004) 9.

9 "Għarbi" hawn tfisser "bl-ilsien Għarbi", mhux "ta' nisel Għarbi".

10 Ħa nużaw it-termini "Misilmin" u mhux "Għarab" minħabba l-fatt li l-forzi inkwestjoni kienu jikkonsistu minn persuni ta' oriġni diversi, fosthom saħansitra Persjani mill-Ħurasan (il-Grigal tal-Iran; Leonard Chiarelli, *A History of Muslim Sicily* (Malta: Midsea, 2011) 24).

11 Ħimjarī, *Rawḍ* 520; Brincat, *Malta* 9 (riproduzzjoni tat-test Għarbi) u 11 (traduzzjoni Ingliża ta' Mifsud).

12 "Kemm huwa veru li bnew il-belt ta' Malta, iżjed diffiċli li tgħid, meta tqis li dawn, skont hu [= il-Ħimjari], ġabuha isbaħ minn qabel; forsi ma riedx jgħid li bnewha mis-sisien, imma li għammruha, u sebbħuha. Inkella hemm kontradizzjoni mal-istqarrija tal-bidu, fejn jgħodd il-madina ta' Malta fost l-eqdem bliet" (Charles Dalli, *Iż-Żmien Nofsani Malti* (Malta: Indipendenza, 2002) 32).

13 Dwar dan il-punt ara l-istudji interessanti ħafna ta' Alexander Borg, "Some Maltese toponyms in historical and comparative perspective," *Studia Linguistica et Orientalia Memoriae Haim Blanc Dedicata*. Maħruġ minn Paul Wexler, Alexander Borg, Sasson Somekh (Wiesbaden: Harrassowitz, 1989) 62-85 u Manwel Mifsud, "Maltese Street names", *Sunday Times of Malta* (10 ta' Lulju, 1988) li jikkonċentraw l-aktar fuq it-toponimi, li huma forom aktarx iffissati bejn wieħed u ieħor. Peress li l-Ħimjari mhux qed isemmi l-*madīnah* iżda qed jiddeskriviha, il-kummenti ta' Borg u Mifsud donnhom ma tantx japplikaw għalih.

14 Ibn Khaldūn, *Muqaddimah*, maħruġa minn ʿAbd al-Salām al-Shaddādī (Casablanca: Khizānat Ibn Khaldūn, 2005) 2:60: *kāna min madhhabi l-uwali fī ḥurubihim ḥafru l-khanādiq* ("kien mid-drawwiet tal-antiki fil-gwerer li jħaffru ħniedaq"). https://archive.org/details/moibkh

15 Aḥmad ibn Yūsuf al-Qaramānī, *Kitāb akhbāru l-duwal wa-āthāri l-uwal* (Baghdad: ʿAbbās al-Tabrīzī, 1282 [1865]) 1.

16 David Mallia, "Tracing the remains of the Punic-Roman street pattern in Mdina/Rabat (Malta)". Taħdita ppreżentata fil-konferenza Ariadne 17: Geometric & Historic Urban Tissue (Prague, 2004).

17 Dalli, *Żmien Nofsani* 28.

18 Ħimjarī, *Rawḍ* 520; Brincat, *Malta* 9 (riproduzzjoni tat-test Għarbi) u 11 (traduzzjoni Ingliża ta' Mifsud).

19 Wettinger, "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani" 1; qabbel il-verżjoni Ingliża: "*They demolished the fortress of Malta, and they plundered and stole whatever they were able to take*" ("Malta in the High Middle Ages" 368).

20 Skont id-dizzjunarju standard ta' H. Wehr u J. M. Cohen, *Arabic-English Dictionary. The Hans Wehr Dictionary of Modern Written Arabic. 4th Ed.* (Ithaca, NY: Spoken Language Services, 1993): "to insult, abuse, call names, revile (s.o.), rail (at); to curse (s.o.); to blaspheme, curse, swear" (s.v. *sbb*).

21 Ħimjarī, *Rawḍ* 520; Brincat, *Malta* 9. Dwar dan il-punt ara A. Mayr, "Zur Geschichte der älteren Christlichen Kirche von Malta". *Historisches Jahrbuch* 17 (1896) 486-87. "On the history of the older Christian church of Malta" (trad. Hanna Stöger) *Sixtieth Anniversary of the Malta Historical Society: A Commemoration* (Malta Historical Society, 2010); Luttrell, "Ibn Hauqal and Tenth-century Malta", *Hyphen*

5 (1987) 4: 157-60; A. Barbato, "Conquista e presenza arabo-islamica a Malta", *Annali: rivista del Dipartimento di studi asiatici e del Dipartimento di studi e ricerche su Africa e paesi arabi* 50 (1990) 237; Luttrell, "Slaves" 99; Brincat, *Malta* 16-19; Dalli, *Żmien Nofsani* 28-31; idem, *Malta: The Medieval Millenium* (Malta: Midsea Books, 2006) 58-62; idem, "'Greek', 'Arab', and 'Norman' Conquests" 14-15; Wettinger, "Malta in the High Middle Ages" 369-75.

22 Dalli, *Żmien Nofsani* 31; *Malta* 60-61; Wettinger, "Malta in the High Middle Ages", 373-74, abbażi ta' Alessandra Molinari u Nathaniel Cutajar, "Of Greeks and Arabs and of Feudal Knights: A preliminary archaeological exposure of Malta's perplexing Middle Ages", *Malta Archaeological Review* 3 (1999) 9-20.

23 Qed insejħilhom "skjavi" għax ma nafux jekk kinux ilsiera tal-gwerra, jiġifieri, jekk kinux ilsiera fis-sens storiku tal-kelma. Wettinger, *Slavery in the Islands of Malta and Gozo ca. 1000-1812* (Malta: PEG, 2002) 1.

24 Dalli, *Żmien Nofsani* 31.

25 M'hemmx bżonn infakkar li l-identità tal-iskjavi ilha tiġbed l-attenzjoni minħabba l-fatt li huma setgħu kienu fost l-antenati tal-poplu Malti tal-lum (ara pereżempju Kim Dalli, "Maltese may have been descended from Slavs", *Times of Malta*, 19 ta' Mejju, 2014). Peress li l-identità tal-iskjavi jaf titfa' dawl fuq xi aspetti tal-istorja lingwistika u soċjali, ta' min jipprova jasal sal-qiegħ tal-kwestjoni. Importanti imma nkunu preċiżi dwar liema kwestjoni qed niddiskutu. Fejn tidħol il-kompożizzjoni ġenetika tal-poplu Malti tal-lum, kulma għandna bżonn huma r-riżultati tal-ittestjar tad-DNA (ara Alex E. Felice, "Genetic origin of contemporary Maltese", *Sunday Times of Malta*, 5 t'Awwissu, 2007). L-istudju preżenti imma biħsiebu jagħraf għal xiex kien qed jirreferi l-Ħimjari meta uża l-kelma *għabid:* kwestjoni ta' filoloġija mela, mhux tal-ġenetika (ara Michael Cooperson, "Slavic origins", *Times of Malta*, 31 ta' Mejju, 2014). Barra minn hekk, mingħalija li l-iffokar fuq l-iskjavi xorta waħda żbaljat kif se nispjega fit-tmiem tal-istudju.

26 Ħimjarī, *Rawḍ* 520; Brincat, *Malta* 9-10 (riproduzzjoni tat-test Għarbi) u 11-12 (traduzzjoni Ingliża ta' Mifsud); qabbel Wettinger, "Malta in the High Middle Ages" 378 u "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani" 11.

27 "*Was als der Kern dieser Erzählung erschient, nämlich die Einigung der Gesamter Bevölkerung Maltas, der herrschenden und der beherrschten Klasse, gegen den christlichen Gegner und die infolge davon erfolgte soziale Gleichstellung beiden Teile, scheint vorauszusetzen, daß die ganze Bevölkerung Maltas damals dem muhammedanischen Glauben anhing*" (Mayr, "Zur Geschichte" 493; traduzzjoni Ingliża f'"On the History" 38).

28 Brown, "Byzantine Malta" 85.

29 Wettinger, "The Arabs in Malta", f'*Malta: Studies of its Heritage and History* (Malta: Mid-Med Bank, 1986) 91.

30 Luttrell, "Slaves" 103.

31 Wettinger, "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani". Qabbel Dalli, *Żmien Nofsani* 32, fejn jitkellem dwar l-iskjavi daqslikieku kienu Nsara. Ta' min ifakkar li l-forma korretta tal-kelma "skjavi" hi *għabid* (skont il-fonetika storika tal-Malti) jew *ʿabīd* (skont is-sistema ta' traskrizzjoni mħaddma bl-Ingliż) u mhix *għabida* (forma li tidher *biss* meta l-kelma tkun oġġett dirett definit utilizzat f'kostrutt, u b'hekk ma tintuża qatt bħala forma ta' referenza).

32 Brincat, *Malta* 20; hekk ukoll Dalli, *Żmien Nofsani* 32.

33 Ara pereżempju D. Ayalon, "Mamlūk", *Encyclopaedia of Islam, 2nd Ed*. Maħruġ minn P. Bearman et al. (Leiden: Brill, 1960-2007); qabbel Brincat, *Malta* 23.

34 Wettinger, "Christians and Muslims in Arab Malta", *Sunday Times of Malta*, 2 ta' Mejju, 2010. Fil-pubblikazzjonijiet reċenti tiegħu, Wettinger jirtira l-konklużjoni li ġibed iktar minn kwart ta' seklu ilu, ċoè li l-għabid ma setgħux kienu skjavi militari. Abbażi tal-fatt li l-*għabid* "issieltu bi qlubija kbira biex ireġġgħu lura lill-Biżantini Nsara li niżlu f'xtut ta' Malta" Wettinger jikkonsidra li dawn setgħu kienu "l-merċenarji aktarx suwed li ġew Malta lejn l-1040" mibgħuta mill-ħakkiema Ziridi (Wettinger, "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani" 12-13; "Malta in the High Middle Ages" 377-80; "Għabida [*sic*] and Captivi in Eleventh century Malta", (manuskritt); Chiarelli, *History* 130. Wettinger, "Black African Slaves in Malta", *Mediterranean Seascapes*. Maħruġ minn Simon Mercieca (Malta University Publishers, 2007) 65-81 jittratta fuq perijodu iktar imwaħħar).

35 Wettinger, *Slavery* 1; u *Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800* (Malta: PEG, 2000) 565.

36 Ibn Manẓūr (Afrika ta' Fuq, m. 1311 jew 1312), *Lisān al-ʿarab*, s.v. *WṢF*. http://www.baheth.info/

37 Wettinger, "Christians in Muslim Malta", *Sunday Times of Malta* (28 t'April 1990) u "Malta in the High Middle Ages", fejn dwar l-*għabid* jgħid: "*If they were all of African origin, they should surely have left substantial surviving signs of them in the ethnic composition of the Maltese population, which is not the case*" (379). Imma fi "Black African Slaves", jgħid li "*slightly dark-skinned individuals can be found in all sections of the population... though never in a high proportion*" (75). Mid-dehra imma li Wettinger hawn kien qed jitkellem dwar id-dixxendenti ta' Afrikani li ġew Malta wisq wara l-1050.

38 Wettinger, "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani" 12; u "Malta in the High Middle Ages" 379-80; Brincat, *Malta* 24.

39 Abū ʿUbayd al-Bakrī, *Al-Masālik wa l-mamālik* ("It-Toroq u s-saltniet"). Maħruġ minn A.P. Leeuwen u A. Ferré (Carthage: al-Dār al-ʿArabiyyah li l-Kitāb, 1992) 768; u *Description de l'Afrique septentrionale*. Maqluba għall-Franċiż minn Mac Guckin de Slane (Algiers: Imprimerie du gouvernment, 1857). Test Għarbi mitbugħ għal darb'oħra bħala *Al-Mughrib fī dhikr bilād ifrīqiyyah wa l-maghrib* ("Il-Ktieb tal-għaġeb dwar l-Afrika ta' Fuq"). Baghdad: al-Muthannā, [1968?]. Ħarġa riveduta (Paris: Adrien-Maisonneuve, 1965) 93-94 (test Għarbi), 187-88 (traduzzjoni Franċiża). Għat-test oriġinali u t-traduzzjoni Franċiża ara l-appendiċi.

40 Wettinger, *Place-Names of the Maltese Islands*, s.v. Skorba.

41 Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary* (Valletta: Midsea, 1987) s.v. Skorba; Erin Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti* (Valletta: KKM, 2003) s.v. Skorba.

42 Pereżempju, fis-sena 858, il-belt ta' Nakūr sfat attakkata minn grupp ta' nies imsejħa "Maġus" (Bakrī, *Masālik*, 92). Normalment, il-kelma Għarbija "Maġus" tfisser iż-Żorastrijani tal-Iran. Imma hawn tfisser il-Vikingi (!), abbażi ta' ċertu xebh bejn ir-reliġjon tal-Iranjani u din tal-abitanti tal-Ewropa ta' Fuq (A. Melvinger, "Madjūs", *Encyclopaedia of Islam*).

43 P. B. Golden, "al-Ṣakālibah", (1), *Encyclopaedia of Islam.*

44 Wettinger, "Malta in the High Middle Ages" 374-77.

45 Kim Dalli, "Academics at odds over Slavs slaves theory", *Times of Malta*, 9 ta' Ġunju, 2014.

46 Joseph Busuttil, Stanley Fiorini & Horatio C. R. Vella, *Tristia ex Melitogaudo. Lament in Greek Verse of a XIIth-century Exile on Gozo* (Valletta: Best Print, 2010).

47 Wettinger, "Malta fl-Eqqel taż-Żmien Nofsani" 18.

48 Bħalma jgħidilna l-Professur Wettinger stess: skont il-Professur A. Bonanno, it-test oriġinali Grieg "*refers to Ethopians without any indication of servile status*" (Wettinger, "Malta in the High Middle Ages" 385, nota 33.)

49 Hawn hu l-vers inkwestjoni, kif ġie maqlub għall-Ingliż minn Busuttil, Fiorini, u Vella: "*He* [= il-mexxej, ċoè Ruġġieru] *banished from the country their sheikhs, / With all their households and (their) black slaves, not indeed a few*" (iċċitat minn Wettinger, "Malta in the High Middle Ages" 385).

50 Wettinger, "Malta in the High Middle Ages" 384.

51 Zagklas, wara li jenumera l-ħafna żbalji fit-test Grieg, jagħlaq billi jgħid: "*Aufgrund dieser Fehler ist auch die englische Übersetzung nicht befriedigend, sondern an vielen Stellen unverständlich und unzuverlässig*" (296). Mid-dehra imma, l-iżbalji li jinsabu fil-vers inkwestjoni huma żbalji ta' ortografija biss (ara l-kummenti ta' Zagklas dwar il-paġna 166). Nikolaos Zagklas, Reċensjoni ta' Busuttil et al, *Tristia. Jahrbuch der österreichischen Byzantinistik* 62 (2012) 294-297.

52 Dalli, "Academics at odds".

# "hemme ard bayda v hemme ard seude et hamyra" kif il-Ġeografija tgħinna nifhmu l-Kantilena

John A. Schembri

F'dawn l-aħħar għaxar snin kien hemm enfasi dwar ir-rabtiet bejn il-ġeografija u l-istudji umanistiċi. Tliet kotba ppubblikati dan l-aħħar[1] taw provi ġodda li d-dixxiplini tradizzjonalment umanistiċi huma mimlija ġeografija. Artiklu partikulari ta' Peta Mitchell jittratta eżattament is-saffi li hija mfassla ħajjitna fuqhom u bħala eżempju tieħu l-istorja, il-ġeografija u l-ġeoloġija u r-rabtiet li dawn għandhom mal-letteratura.[2] Kemp tieħu l-eżempju tal-kummerċ tal-ħwawar, speċjalment dak bejn il-Lvant u l-Ewropa u tpoġġi l-operat kollu ta' din l-attività fuq mapep elettroniċi *(Geographic Information Systems)*.[3] Davis (2011) tipproponi l-importanza fit-taħlita bejn il-ġeografija, l-umanitajiet u l-istorja ambjentali biex wieħed japprezza l-ispazji li toffri narrattiva dwar l-ambjent. Għaldaqstant nistgħu ngħidu li dawn is-saffi akkademiċi u tekniċi meta jitpoġġew fuq xulxin u jitħalltu ma' xulxin joħolqu dik li Whittlesey isejħilhom *sequent occupance,* meta ġenerazzjoni tħalli lil ta' warajha l-istampa u l-impront tagħha fuq l-ambjent. Il-Kantilena tista' tgħid li hija forma ta' narrattiva li ħallitilna minjiera ta' studju ġeografiku, ġeoloġiku, ġeomorfoloġiku u ambjentali li ta' min wieħed jidħol fih fid-dettall.

Il-poeżija tissarraf tajjeb għal temi ġeografiċi. Alexander u Cooper iħarsu lejn is-sinifikat tal-ispazju, dak urban kif ukoll dak rurali, il-lok u l-ambjent fix-xogħlijiet ta' selezzjoni ta' poeti Ingliżi u Irlandiżi.[4] Hawnhekk l-awturi janalizzaw in-nisġa bejn il-lingwa u l-lok, il-forom tal-art u l-ambjent, il-ħoss u l-ispazju, u jesploraw vokabularji ġodda li jagħtu tifsira aħjar lill-ambjent

ġeografiku. Aktar viċin tagħna Joris et al (2013) taw antoloġija ta' diversi forom ta' letteratura tal-Magreb u li l-firxa storika hija mill-qedem fejn insibu tpinġijiet fuq il-blat, l-influwenza Arabo-Berbera (sekli 9-15), u dik Lhudija u tasal sal-ġranet tal-lum. Tista' tgħid rifless tal-istorja tagħna, seklu wara l-ieħor.

Hemm bosta definizzjonijiet ta' xi tfisser *ġeografija*. F'dizzjunarju speċjalizzat Gregory et al jiddistingwu żewġ forom ta' tifsir: waħda hija 'għarfien fuq' u l-oħra hija 'studju dwar'.[5] L-ewwel forma tagħti sempliċement informazzjoni, ngħidu aħna l-ġeografija tal-Mediterran, u torbot l-ambjent fiżiku (eż. muntanji, xmajjar, ibħra) ma' dak uman (popolazzjoni, bliet, trasport). It-tieni forma għandha x'taqsam aktar ma' għarfien intellettwali fuq dixxiplina speċjalizzata bħall-qsim fil-blat *(faults)*, l-effett tal-ilma ġieri bħal xmajjar u nixxigħat fuq il-madwar, u l-effett tal-mewġ max-xtut. Gregory et al jorbtu l-Ġeografija mal-Istorja fejn hemm element ta' tagħrif ġenerali u ieħor ta' għarfien speċjalizzat. Barra minn hekk il-Ġeografija għandha diversi oqsma wesgħin: il-ġeografija fiżika, dik umana, u dik li tgħaqqad iż-żewġ oqsma flimkien.[6] Din id-dixxiplina għandha storja twila li, tista' tgħid, tibda mill-użu tal-kartografija mill-Eġizzjani bħala rappreżentazzjoni tax-xenarju tal-madwar fuq forom żgħar tat-tafal li setgħu jġorruhom kullimkien. Illum bl-elettronika tista' tgħid il-kartografija hija fil-but ta' kulħadd bl-użu tal-GPS *(Geographic Positioning Systems)*.

Il-Kantilena ma hi xejn ħlief xhieda ta' dawn it-tliet oqsma magħqudin f'poeżija waħda li tittratta fuq każ allegoriku dwar dar li waqgħet għax kienet mibnija fuq tafal artab. L-ewwel żewġ taqsimiet ta' dan l-istudju jittrattaw fuq il-parti fiżika biss, imbagħad tiġi ttrattata l-parti umana u fl-aħħar dik il-parti li tgħaqqad il-fiżiku u l-uman f'daqqa.

F'dan l-artiklu l-ewwel ser jingħata apprezzament qasir fuq it-tipi differenti ta' blat li sawru l-gżejjer Maltin, jiġifieri l-ġeoloġija, u l-ġeografija tagħhom, u l-effetti li għandha z-zona taflija fuq il-blat ta' fuqha. Il-kuluri differenti msemmija fil-poeżija jiġu wkoll interpretati. Però, qabel dan, tajjeb li wieħed jagħti d-dehra tal-gżejjer Maltin, l-aktar il-firxa tal-irħula u l-irħajjel li kien hawn.

## Il-firxa tal-irħajjel ta' Malta

Fiż-żmien li għex fih Caxaro l-belt prinċipali kienet l-Imdina u l-inħawi ta' madwar il-portijiet kienu kkunsidrati zoni li wieħed għandu joqgħod 'il bogħod minnhom. Il-firxa tal-irħula kienet kif tidher fil-Fig. 1. Huwa stmat li meta

nkitbet il-Kantilena l-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' mhux aktar minn 20,000.[7] Din kienet mifruxa fuq medda ta' art agrikola 'l bogħod kemm jista' jkun mixxtut. Fig. 1 turi mappa bbażata fuq xogħlijiet ta' Wettinger (1969; 1975; 2000) b'bosta ismijiet tal-irħajjel li kien hawn u li l-aktar kienu mifruxa f'zoni fejn hemm pjuttost pjanuri magħmulin mill-franka u ħamrija tajba. Il-mappa tagħti stampa ta' kif l-irħajjel ġew abbandunati fi żmien Caxaro. Fil-fażi ta' qabel l-1419 kienu dawk tan-naħa ta' isfel ta' Malta li ntelqu; waqt il-fażi 1419-1530 kienu dawk l-irħajjel tan-naħa ta' fuq. Ftit kienu dawk li ġew abbandunati fi żmien il-Kavallieri, miblugħin mill-firxa urbana, bħal fiċ-ċentru tal-gżira.

Meta waslu l-Kavallieri l-użu tal-portijiet tħaffef ġmielu.




Fig. 1: Mappa ta' Malta turi l-firxa tal-irħajjel, l-irħula u l-belt

Għaldaqshekk li l-awtur tal-Kantilena kellu dar fl-Imdina hija suppożizzjoni tajba għax huwa hawnhekk li nsibu s-saffi bil-problemi msemmija, problemi li għadhom magħna sal-lum. Fuq lista bbażata minn tfittxija fl-Arkivju Notarili jidher li Caxaro kellu tmien propjetajiet b'kollox. Tabella 1 tagħtihom kollha bil-lok eżatt u bejn wieħed u ieħor il-limiti tagħhom. Tista' tgħid li barra minn dawk tas-Siġġiewi u l-Mosta, kollha seta' jkollhom problemi ta' struttura mibnija fuq il-qawwi ta' fuq li fil-bażi tiegħu jinstab tafal li jintreħa max-xita u jċaqlaq il-bini ta' fuqu.

| Tip ta' Propjetà | Lok | Limiti |
|---|---|---|
| Żewġt idjar | L-Imdina | ġol-Imdina |
| Biċċa art | L-Imħasel | San Pawl il-Baħar |
| Għalqa | Tal-Lhudi | Il-Buskett/Nofsinhar mir-Rabat |
| Biċċa art | Wied il-Bużbież | lejn il-Punent tal-Imdina |
| Art (nofs sehem) f'xagħra | L-Istabal | L-Imtaħleb/Wied il-Bużbież |
| Għalqa | Il-Għassiewi | Is-Siġġiewi |
| Għalqa bid-dwieli u razzett | Ta' Rasula | ? |
| Raba' | Torbet Garfagna | Ta' Vnezja, il-Mosta |

Tab. 1: Lista tal-propjetajiet li kellu Caxaro, bil-lok eżatt u l-limiti tagħhom

## Il-Ġeoloġija u l-Kuluri fil-Kantilena

Il-ġeoloġija tittratta diversi forom ta' tagħrif u l-aktar waħda ewlenija hija dik ta' tip ta' blat li jifforma l-qoxra tad-dinja. Hawnhekk insibu tliet tipi prinċipali: *metamorfiċi* – dawk iffurmati taħt wiċċ id-dinja li jinbidlu mħabba s-sħana u l-pressjoni f'forom oħra, ngħidu aħna l-irħam. *Blat vulkaniku* – meta blat imdewweb bħal magma jibred u jibbies (dan ġieli jiżbokka fuq wiċċ l-art minn ġo vulkani u jibbies, jibred u jsir lava); hemm bosta gżejjer li huma magħmula hekk (eż. Pantellerija). It-tielet tip huwa *blat sedimentarju* – dan jiġi ffurmat minn biċċiet u frak tar-ramel, arzell, ġebel żgħir u frammenti oħra, bħal xi minerali. Din it-taħlita tissejjaħ sediment. Bil-mod dan is-sediment jinġarr minn xmajjar u kurrenti u wara li jakkumula fuq wiċċ il-qiegħ tal-baħar jispiċċa f'saffi li biż-żmien jibbiesu u jsiru blat li allavolja huwa sod huwa kkunsidrat bħala l-aktar wieħed artab u li jitfarrak malajr. Il-blat Malti huwa magħmul minn dan it-tip. Wara dan, il-blat kollu taċ-ċentru tal-Mediterran ġie merfugħ fuq il-livell tal-baħar u nkixef għall-arja wara ċaqliq tektoniku. Dawn il-proċessi fuq bażi globali ġew imfissra dan l-aħħar fil-ġabra ta' studju ta' Gradstein et al

li taw spjegazzjoni xjentifika ta' kif ġew iffurmati s-saffi li jagħmlu d-dinja u huma wkoll immodifikaw il-kronoloġija ta' dan il-proċess.[8] Barra minn hekk, Cavazza et al u Max u Cantoloni ffokaw fuq il-formazzjoni tal-Mediterran[9] u Pedley et al spjegaw fid-dettall is-saffi tal-gżejjer Maltin.[10]

B'dan il-proċess, li ħa bosta miljuni ta' snin,[11] ġew esposti s-saffi ewlenin tal-blat Malti. Fil-Figura 2 u f'Tabella 2 insibu t-terminoloġija li tiddistingwi l-blat differenti, l-għarfien tal-propjetajiet tagħhom u b'mod speċjali l-kuluri li jirrappreżentaw dawn is-saffi.

| Isem is-saff prinċipali | Fond mill-wiċċ | Użu prinċipali |
|---|---|---|
| Il-qawwi ta' fuq (QF) | 162m | Jitħallat ma' konkrit; kantuni |
| Il-ġebla s-safra (S) | 12-il m | - |
| It-tafal (T) | 25m | Fuħħar |
| Il-franka (F) | 23 sa 207m | Għall-bini u l-iskultura |
| Iż-żonqor (Ż) | 140m | Jitħallat mal-konkrit; bankini; turġien |

Tab. 2: Is-saffi tal-blat kif jinstabu fuq xulxin, il-fond sa fejn jinstabu, u l-użu prinċipali tagħhom

Biex wieħed jifhem aħjar dawn is-saffi jingħataw eżempji ta' kull wieħed minnhom bil-Figuri 3-8.

Biex wieħed jgħaqqad il-kuluri li jirrappreżentaw il-ġebel differenti li jsawwar il-blata Maltija mal-kuluri li jissemmew fil-Kantilena nużaw il-kwotazzjonijiet diretti mill-poeżija li jidhru fuq Tabella 3. Nistgħu niġbdu paraguni interessanti. Tabella 4 tagħti lista ta' lokalitajiet żgħar li l-ismijiet tagħhom jixxiebhu mal-kulur tal-blat u l-ġebel tal-madwar.




Fig. 2: Il-firxa tas-saffi tal-wiċċ tal-blat fuq il-gżejjer Maltin u kif jidhru n-naħa ta' Ħad-Dingli



Fig. 3: Il-qawwi ta' fuq – Il-Marfa
Il-kulur jagħti fl-aħmar u jifforma ħamrija ħamra *(terrarossa)*



Fig. 4: Il-ġebla s-safra – Ħad-Dingli

| **Kantilena** | **Kulur u tifsira** | **Terminu ġeoloġiku** |
|---|---|---|
| hemme ard **bayda** v hemme ard seude et hamyra | abjad | Il-franka |
| hemme ard bayda v hemme ard **seude** et hamyra | iswed | It-tafal/Il-qawwi ta' isfel? |
| hemme ard bayda v hemme ard seude et **hamyra** | aħmar | Il-qawwi ta' fuq |

Tab. 3: It-tifsira tal-kuluri fil-Kantilena

| **Sena** | **Kulur** |
|---|---|
| 1501 | gebel **labiath**, contrata |
| 1538 | ta gebel **labiod**, galca |
| 1505 | bilata **ilbayda**, contrata |
| 1417 | Curtin **labiad** |
| 1503 | rucuha tal gebel **labiath**, clausura |
| 1553 | gebel **lachmar**, animagium |
| 1585 | xifer **lahmar**, locum |
| 1599 | targia il **hamra**, loco |
| 1497 | hagira **seude**, contrata |
| 1541 | hagret **eseude**, contrata |
| 1581 | ill huelge ta taht il colla **isafra** |

Tab. 4: Lista li turi l-kuluri differenti ta' kif xi blat jew ġebel jindikaw lok ta' propjetà[12]



Fig. 5: It-tafal – Il-Qammieħ
Bl-Ingliż insejħulu *Blue Clay* minħabba l-kulur ikħal tiegħu, jagħti dehra skura wkoll.



Fig. 6: Il-franka, bajdanija u tagħti fil-kafellatte meta tinkixef



Fig. 7: Il-franka maħduma biex tintuża



Fig. 8: Il-qawwi ta' isfel – Wied Babu, in-Nofsinhar ta' Malta

## Ix-Xquq u l-Istudju Tagħhom

Fil-ġeoloġija, xaqq huwa frattura ġol-blat jew spazju bejn blatiet, u fejn jidher li kien hemm ċaqliq u diżlivell sinifikanti tal-pjan. Il-qasmiet li sawru l-gżejjer Maltin huma dovuti għaċ-ċaqliq globali. Dan iċ-ċaqliq barra li sawwar il-Mediterran minn ibħra ta' storja ġeoloġika, ġab fin-nofs tal-Mediterran xquq kbar jaqsmu lil dan il-baħar u tellgħu fil-wiċċ lill-gżejjer Maltin.[13] Biċċiet mid-diskontinwitajiet jidhru fil-wiċċ (eż. Fig. 9 u 10) u f'kull parti tal-gżejjer Maltin b'mod speċjali lejn in-naħa ta' fuq ta' Malta.

Barra minn hekk, Figura 9 turi l-qsim naturali ta' dan il-blat. Dan barra mis-saff tat-tafal jagħti forma lill-gżejjer li tista' tgħin fit-tifsira tal-Kantilena, u Figura 10 turi wieħed mix-xquq. F'dawn il-każi l-blat mhux biss joħroġ farrett meta jinqata' wieħed mill-ieħor, imma wkoll imil lejn xi naħa dgħajfa. Jista' wkoll jitgerbeb għal isfel.



Fig. 9: Il-qasmiet prinċipali li jagħtu espressjoni fuq il-wiċċ tal-art Maltija



Fig. 10: Qasma tipika fil-Punent ta' Malta – Il-Prajjiet



Fig. 11: Konsenturi f'binja fl-Imdina – *kitatili li gebel*

Hemm bosta modi kif il-qasmiet imsemmija jagħtu dehra ġdida lill-ambjent b'mod speċjali meta jkun hemm tafal li jixxarrab wara x-xita jew xi ċaqliq naturali. Fig. 10 tagħti stampa ċara ta' dan b'diżlivell bejn il-pjani. Meta dan iċ-ċaqliq isir fuq l-ambjent il-mibni jidhru konsenturi li jistgħu jagħtu dehra ċara lil dan il-proċess naturali kif ġara fuq waħda mill-propjetajiet ta' Pietru Caxaru. Fig. 11 turi l-irbit tal-blokki fl-Imdina sabiex iżommu milli jiċċaqalqu aktar. L-Imdina hija mibnija fuq art tal-qawwi ta' fuq li taħtha hemm it-tafal.




Fig. 12: Il-pożizzjoni ta' Malta fil-Mediterran, iz-zona ta' studju fil-Punent ta' Malta, u l-lok eżatt fejn dawn il-proċessi huma preżenti fuq medda ta' art rurali.




Fig. 13: Dettall taz-zoni tar-riċerka

**Il-Ġeomorfoloġija**

Il-ġeomorfoloġija tittratta l-forma tal-blat u kif l-art tiġi mmudellata mill-elementi, ċaqliq siżmiku u wkoll minn xogħol il-bniedem. Fig. 10 turi li t-tafal jinsab bejn il-qawwi ta' fuq u l-franka. It-tafal xott huwa iebes ħafna, qisu blat, u għaldaqshekk ikun stabbli u jżomm postu kif ukoll jerfa' l-blat ta' fuqu. Meta tagħmel ix-xita, l-ilma jissaffa minn ġol-blat u jidħol minn bejn il-farretti u jxarrab it-tafal, dan jirtab u jista' jieħu kull forma oħra. Huwa hawn li jista' jkun hawn il-problemi meta l-qawwi ta' fuq jibda jiċċaqlaq, speċjalment ma' tul il-farretti u l-qsim li jkun hemm. Peress li l-qawwi ta' fuq huwa magħmul minn blat kbir, il-piż ikun konsiderevoli. Dan il-proċess iġib instabilità fl-inħawi fejn hemm ix-xagħri u meta dawn jinstabu f'xifer preċipizju l-problema tikber għax ma jkunx hemm blat ieħor quddiem il-blokka maqlugħa biex iżżommha milli taqa'.

Id-Dipartiment tal-Ġeografija fl-Università ta' Malta ilu madwar tmien snin jistudja dawn il-proċessi fl-istess inħawi tal-Punent ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Prof. Mauro Soldati. Flimkien mal-Università ta' Modena u Reggio Emilia, iċ-Centro Nazionale di Ricerca ta' Bologna, l-Università ta' Trieste, l-Università ta' Santander u issa bl-interess tal-Università ta' Palermo ġew prodotti diversi pubblikazzjonijiet fuq is-suġġett[14] fejn id-Dipartiment tal-Ġeografija tal-Università ta' Malta għandu riċerka u jżomm monitoraġġ kontinwu ta' xi wħud mix-xquq fiz-zona (Fig. 12 sa 15).

| Numru | Ċaqliq orizzontali (ċm) | Direzzjoni 'l fejn il-blat jiċċaqlaq |
|---|---|---|
| 302 | negliġibbli | - |
| 303 | negliġibbli | - |
| 305 | negliġibbli | - |
| 306 | 1.6 | Grigal |
| 307 | 1.1 | Lvant |
| 309 | 2.3 | Xlokk |
| 310 | negliġibbli | - |

Tab. 5 Riżultati taċ-ċaqliq bejn Ottubru 2005 u Novembru 2010

Aktar minn hekk, Tabella 6 tagħti l-kliem kollu li jinstab fil-Kantilena li għandu rabta ma' dan l-artiklu u sabiex wieħed jagħlaq din il-parti jeħtieġ li l-kwotazzjonijiet mill-Kantilena jidhru ċari u l-applikazzjoni tagħhom spjegata.




Fig. 14: Il-Qarraba mill-ajru bid-direzzjoni taċ-ċaqliq



Fig. 15. Il-Qarraba – Il-farrett immarkat 309 jidher hawn fuq
bejn iż-żewġ blatiet iħarsu lejn il-Lvant, b'ċaqliq lejn ix-Xlokk

| Il-kliem tal-poeżija | It-tifsira |
|---|---|
| Huakit hi mirammiti lili zimen nibni<br>Mectatilix mihallimin me chitali *tafal morchi*<br>*fen timayt insib il gebel sib tafal morchi*<br>*vackit hi mirammiti.* | Tafal artab, jiġifieri mxarrab jew ixxarrab wara li nbniet id-dar. L-awtur stenna li jsib il-blat. Dan juri li l-inħawi fejn bena d-dar hemm ġeoloġija mħallta |
| Huakit by mirammiti Nizlit hi li sisen<br>Mectatilix li mihallimin ma *kitatili li gebel*<br>*fen tumayt insib il gebel sib tafal morchi*<br>Huakit thi mirammiti lili zimen nibni<br>Huec ucakit hi mirammiti vargia ibnie | l-istess referenza għat-tafal |
| biddilihe inte il miken illi yeutihe<br>Min ibidill il miken ibidil il vintura | dan il-vers juri l-ġeomorfoloġija |
| *haliex liradi 'al col xibir sura* | il-kuluri tal-blat |
| *hemme ard bayda v hemme ard seude et hamyra*<br>*Hactar min hedann heme tred mine tamarra.* | twissija biex wieħed joqgħod 'il bogħod minn dawn l-inħawi |

Tabella 6 turi l-kliem tal-poeżija u t-tifsira tiegħu.




Fig. 16: Lista tal-propjetajiet li kellu Caxaro, bil-lok eżatt u l-limiti tagħhom

**Konklużjoni**

Din it-tiżwiqa bejn il-letteratura u l-ġeografija tagħti lok għal studji oħra fejn jidħlu diversi forom tal-letteratura, bħal novelli u reċti, u fergħat tal-ġeografija, bħal ġeoloġija, ġeomorfoloġija u ġeografija umana, speċjalment dik tan-narrattivi tal-ambjent uman. Il-ġeografija fil-Kantilena turina bosta ħwejjeġ. Bniedem għani bħal Caxaro akkwista propjetajiet fin-naħa ta' fuq ta' Malta, sitta minnhom viċin ta' xulxin, erbgħa minn dawn, bejn wieħed u ieħor, lejn il-Punent u mill-ġeoloġija jidher li kien hemm nixxigħat għat-tisqija. Bosta minnhom setgħu jidhru mill-Imdina stess peress li l-belt prinċipali kienet ogħla minnhom kollha, speċjalment id-dehra minn fuq is-swar u l-bini ta' fuqu. Għalhekk meta lil Caxaro waqgħetlu d-dar, li probabilment kienet mibnija fuq ix-xifer tafli tal-Imdina, din kienet traġedja akbar milli mistenni għax dik li setgħet kienet l-għassa tiegħu minn ġo daru spiċċat jew tgerfxet u għaldaqstant għalhekk dik l-enfasi kollha fil-poeżija.

Hemm bosta xogħol li jrid isir, b'mod speċjali analiżi tal-lokalitajiet li dwarhom tinkiteb il-letteratura, jiġi spjegat id-dettall tal-ambjent il-mibni kif ukoll dak rurali bil-firxa tal-kampanja.

*Nirringrazzja lill-udjenza li nġabret tisma' t-taħdita organizzata mill-Akkademja u tagħmel kummenti dwar din it-tema fl-24 ta' Lulju 2011 f'Palazzo Falson, l-Imdina. Niddedika dan l-artiklu lill-Professur Godfrey Wettinger u Dr Joseph F. Grima, għalliema tiegħi tal-Istorja, u liz-ziju tiegħi, il-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri, li fost bosta tagħlimiet urieni t-toroq lejn ix-Xjenzi Soċjali u l-mogħdijiet tal-letteratura.*

**Biblijografija Supplimentari**

Bajada, S., The geology of the Maltese Islands. Power point presentation. L-awtur (bla data)

Devoto, S., Biolchi, S., Bruschiv, M., González Díez, A., Mantovani, M., Pasuto, A., Piacentini, D., Schembri, J.A. & Soldati, M., *Landslides along the north-west coast of the Island of Malta*. Proceedings of the Second World Landslide Forum – 3-9 t'Ottubru 2011, Ruma (fl-istampa)

Devoto, S., Forte, E., Mantovani, M., Mocnick, A., Pasuto, A., Piacentini, D. & Soldati, M., *Integrated monitoring of lateral spreading phenomena along the north-west coast of the Island of Malta*. Proceedings of the Second World Landslide Forum – 3-9 t'Ottubru 2011, Ruma (fl-istampa)

Soldati, M., Buhagiar, S., Coratza, P., Pasuto, A. & Schembri, J.A. (eds.) *Proceedings*

*of the Italo-Maltese Workshop on Integration of the geomorphological environment and cultural heritage for tourism promotion and hazard prevention - Malta, 24-27 April 2007*. Geogr. Fis.Dinam. Quat., 31(2) (2008) 93-249

Soldati, M., Maquaire, O., Zezere, J.L., Piacentini, D., & Lissak, C. (2011) "Coastline at Risk: Methods for Multi-Hazard Assessment." *Journal of Coastal Research* (fl-istampa)

Wettinger, G., "The Militia List of 1419-20: a New Starting Point for the Study of Malta's Population". *Melita Historica.* 2 (1969) 80-106

— "The Lost Villages and Hamlets of Malta, in Medieval Malta". A.T Luttrell, ed. *Studies on Malta before the Knights* (London: British School in Rome, 1975) 181-216

**Noti**

1 Bodenhamer, Corrigan, J & Harris, T.M. Eds. *The spatial humanities: GIS and the future of humanities scholarship* (Bloomington: Indiana University Press, 2010); Daniels, S., DeLyser, D., Entrikin, J.N. & Richardson, D., *Envisioning landscapes, Making worlds: Geography and the humanities* (London: Routledge, 2011); Dear, Ketchum., J., Luria, S. & Richardson, D. Eds. *Geohumanities: art, history, text at the edge of place* (London: Routledge, 2011).

2 P. Mitchell, "The stratifed record upon which we set our feet": the spatial turn and the multilayering of history, geography, and geology. F'Dear, M., Ketchum., J., Luria, S. & Richardson, D. Eds, *Geohumanities: art, history, text at the edge of place* (London: Routledge, 2011).

3 K.K. Kemp, "Geographic Information Science and Spatial analysis for the humanities. In Bodenhamer, D.J., Corrigan, J & Harris, T.M. Eds. *The spatial humanities: GIS and the future of humanities scholarship* (Bloomington: Indiana University Press, 2010).

4 N. Alexander & D. Cooper, Eds. *Poetry and Geography: Space and Place in Postwar Poetry* (Liverpool University Press, 2013).

5 Gregory, D. Johnston, R., Pratt, G. Watts, M.J. & Whatmore, S. Eds, *The Dictionary of human geography*, 5$^{th}$ Ed. (Wiley-Blackwell: U.K., 2009) 288.

6 J.A. Schembri, *Geographical methods as tools for holistic education*. Proceedings of Conference on 'Linking science, technology and mathematics education and their social relevance' Ed. Gatt, S., The Commonwealth Association of Science, Technology and Mathematics Educators (2004) 202-207.

7 H.C.R. Vella, *The earliest description of Malta (Lyons 1536) by Jean Quintin d'Autun*, translation and notes by H.C.R. Vella (Interprint Ltd., Malta, 1980).

8 F. Gradstein, Ogg, J., Schmitz, M. & Ogg, G., *The geologic time scale 2012* (Elsevier: Oxford, 2012).

9 W. Cavazza, Roure, F.M., Spakman, W., Stampfli, G.M. & Zeigler, P.A., *The Transmed Atlas: The Mediterranean region from Crust to Mantle* (Springer: Berlin, 2004); M.D. Max, & Colantoni, P., *Geological development of the Sicilian-Tunisian platform*: proceedings of the International Scientific Meeting held at the University of Urbino, Italy, 4-6 November 1992 (1993).

10 M. Pedley, Hughes-Clarke, M. & Galea, P., *Limestones isles in a crystal sea: the geology of the Maltese Islands* (PEG: San Ġwann, 2002).

11 Eż. Pedley *et al* (2002).

12 Meħuda minn G. Wettinger, *Place-names of the Maltese Islands: Ca 1300-1800* (P.E.G.: San Ġwann, 2000). Nirringrazzja lis-Sur Olvin Vella tal-informazzjoni.

13 Cavazza (2004); Max (1993); Pedley (2002) u R. Yeats, R., *Active faults of the world* (Cambridge University Press: Cambridge, 2012).

14 Devoto *et al* (2011 a, b) u Soldati *et al* (2008, 2011).

# Il-versi Għarbin tal-poeti Medjevali Għarab-Maltin: ħarsa mill-ġdid

Martin R. Zammit[1]

Ma nistgħux ngħidu li miż-żmien tal-Għarab f'Malta waslilna xi wirt kbir ta' sejbiet ta' natura materjali. S'issa nafu bis-sejba ta' għadd ta' ħaġriet tal-oqbra minquxa bl-Għarbi, kif ukoll xi fdalijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika u tal-ħġieġ mill-aħħar snin tas-seklu għaxra u l-bidu tas-seklu ħdax, kif ukoll munita waħda tal-valur ta' kwart ta' Dinar magħmula Malta stess fis-sena 1079. L-akbar wirt li l-Għarab ħallew warajhom kien, bla dubju, l-ilsien Malti.

Minkejja li aktarx li dawn il-gżejjer m'għammrux fihom l-eluf kbar ta' nies, madankollu jidher li wħud mill-Maltin ta' nisel Għarbi f'nofs is-seklu tnax, fi żmien il-ħakma tas-Sultan Normann Ruġġieru II (ħakem fis-snin 1130-1154), kellhom livell tajjeb ta' edukazzjoni, u saħansitra ħallew warajhom xi versi poetiċi bl-ilsien Għarbi. B'xorti tajba, uħud minn dawn il-versi nġabru f'antoloġija ta' poeżiji minn Sqallija u għadhom jistgħu jinqraw sal-lum f'manuskritt merfugħ fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Pariġi.[2] Versi oħra jinsabu f'kitbiet ta' kożmografi Għarab tas-seklu tlettax. Kien Michele Amari, fis-seklu dsatax, li xandar dawn il-versi ta' tliet poeti Għarab-Maltin, sew fl-oriġinal bl-Għarbi, kif ukoll maqlubin għat-Taljan. Matul is-seklu għoxrin bosta studjużi Maltin qalbu dawn il-versi mit-Taljan għall-Malti,[3] kif ukoll għall-Ingliż.[4] Il-versi poetiċi jittrattaw dwar il-bini ta' arloġġ kemxejn oriġinali, żewġ epigrammi, u tmien versi minn eleġija twila f'ġieħ mexxej Musulman mhux magħruf. L-għan ta' dan l-artiklu huwa li, għall-ewwel darba, jifli dawn il-ftit versi, ħmistax b'kollox, fit-testi oriġinali bl-Għarbi, filwaqt li jagħti t-traduzzjoni Maltija tagħhom.

## Kronoloġija

Il-poeti Għarab-Maltin li jittratta dan l-istudju huma:

1a. Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī
1b. Għabd ir-Raħmān bin Ramaḍān, magħruf bħala 'l-imħallef'
2. Għabd Allāh bin is-Samaṭ īl-Māliṭī
3. Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān, magħruf bħala 'bin is-Sūsī'.[5]

Aktarx li l-ewwel tnejn (1a u 1b) huma fil-fatt l-istess persuna, kif ħa jintqal aktar tard. Barra minn hekk, l-ewwel żewġ poeti (1a/1b u 2) aktarx li għexu fi żmien il-ħakma tas-Sultan Ruġġier II, in-Normann, ta' Sqallija. Dwar it-tielet poeta, mill-manuskritt li jġib il-versi tiegħu ma joħroġ ebda tagħrif dwar iż-żmien li għex fih. Xi ħjiel ta' kronoloġija jista' jinkiseb mill-fatt li Abū Ṭāhir Aħmad bin Muħammad is-Silafī, l-ewwel awtur Għarbi li jagħti l-versi dwar l-arloġġ mibni f'Malta,[6] għex bejn is-snin 1085 u 1180. Dan ifisser li ż-żewġ poeti li jsemmi s-Silafī, jiġifieri Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī (1a) u Għabd Allāh bin is-Samaṭī il-Māliṭī (2), kienu għexu fis-seklu tnax, jew qabel, imma ma setgħux damu wisq ħajjin wara l-1180, is-sena tal-mewt tas-Silafī. Fil-każ tal-poeti Għabd ir-Raħmān bin Ramaḍān, magħruf bħala 'l-imħallef' (1b) u Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān, magħruf bħala 'bin is-Sūsī', dawn għexu wkoll matul is-seklu tnax, jew qabel, imma aktarx li m'għexux wisq wara s-sena 1201, is-sena tal-mewt ta' Għimād id-Dīn Kātib l-Isfahānī, l-awtur tal-antoloġija li ġġib uħud mill-versi tagħhom.[7] Il-kuntest storiku fil-Mediterran ċentrali fis-seklu tnax kien karatterizzat mill-ħakma Normanna fi Sqallija u minn dik tad-dinastija Żirija fl-*Ifrīqija* (bejn wieħed u ieħor it-Tripolitanja, it-Tuneżija u l-Lvant tal-Alġerija tal-lum).

## Tagħrif fil-Qosor dwar il-Prosodija Għarbija

Qabel ma wieħed jifli l-versi tal-poeti Għarab-Maltin, ikun tajjeb li tingħata idea, imqar fil-qosor ħafna, dwar is-sistema prosodika mħaddma fil-poeżija tradizzjonali Għarbija. B'hekk wieħed ikun jista' jifhem u japprezza aħjar il-binja ġewwinija ta' dawn il-versi. Is-sistema prosodika Għarbija, ikkodifikata mill-Ḫalīl bin Aħmad,[8] hija msejsa fuq l-unità msejħa *ħarf*. Hawn mhux il-post fejn wieħed jidħol fl-irqaqat teoretiċi dwar il-kunċett ta' *ħarf* (plural *ħurūf*). Għall-konvenjenza, wieħed jista' jsejjaħ din l-unità 'konsonanti'. Hemm żewġ

għamliet ta' *ħarf*, dak b'vokali warajh (*ħarf mutaħarrik*), muri bħala "/", u dak mingħajr vokali (*ħarf sākin*), muri bħala "0". Il-*ħurūf* jitlaqqgħu f'sitt unitajiet prosodiċi ewlenin li nsibu f'din is-sentenza mnemonika:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *lam* | *'ara* | *għalā*[9] | *ẓahri* | *ġabalin* | *samakatan* |
| */ 0* | */ /* | */ / 0* | */ 0 /* | */ / / 0* | */ / / / 0* |
| 1. | 2. | 3. | 4. | 5. | 6.[10] |
| 'Ma | rajtx | fuq | dahar | muntanja | ħuta.' |

Huwa minn dawn l-unitajiet elementari li jissawru t-tmien piedi li fuqhom hija msejsa l-prosodija Għarbija. It-tmien piedi 'jitlaħħmu' bil-konsonanti tal-għerq F-Għ-L sabiex wieħed ikun jista' jiftakarhom aħjar. Din it-tabella turi t-tqassim tat-tmien piedi:

| | |
|---|---|
| b'ħames konsonanti[11] | *fa-għuw-lun* |
| | *fā-għi-lun* |
| b'seba' konsonanti | *mus-taf-għi-lun* |
| | *ma-fā-għij-lun* |
| | *maf-għuw-lā-tu* |
| | *fā-għi-lā-tun* |
| | *mu-fā-għa-la-tun* |
| | *mu-ta-fā-għi-lun* |

Dawn il-piedi jingħaqdu flimkien f'sittax-il sekwenza metrika msejħa *buħūr*, jiġifieri 'ibħra', li fuqhom jinbnew il-poeżiji Għarbin.[12] It-tmien piedi ewlenin għandhom għadd kbir varjanti. Hekk pereżempju, fil-każ tal-pied *mustafgħilun*, dan jista' jitqassar f'ħames forom u jsir *mutafgħilun*, *mustagħilun*, *mutagħilun*, *mustafgħil*, u *mutafgħil.* Dawn il-varjanti jħaffu xi ftit l-ebusija tas-sistema prosodika, u jagħtu xi ftit tan-nifs lill-poeta huwa u jfassal il-versi tiegħu. Ħafna drabi, poeżija Għarbija tkun magħmula minn versi ta' żewġ

emistikkji, bl-ewwel żewġ emistikkji tal-ewwel vers jirrimaw bejniethom. Din l-istess rima tiġi repetuta fi tmiem it-tieni emistikkju ta' kull wieħed mill-versi tal-poeżija. Minn dan li ntqal s'issa, wieħed malajr jintebaħ li l-poeta jinsab f'qagħda iebsa ħafna, għaliex minbarra li huwa marbut rabta kbira ma' struttura metrika daqshekk riġida, huwa marbut ukoll bir-rima li trid tibqa' nieżla ma' kull vers tal-poeżija tiegħu.

## L-arloġġ kapolavur

Kemm il-kożmografu Jāqūt bin Għabd Allāh il-Ħamawī r-Rūmī (1179-1229), fil-ktieb tiegħu *Mugħġam al-buldān* ('Id-dizzjunarju tal-pajjiżi'),[13] kif ukoll Abū Jaħjā Żakarija bin Muħammad il-Qażwīnī (1203-1283), l-awtur tal-ktieb *Ātār al-bilād wa-aħbār al-għibād* ('Il-monumenti tal-pajjiżi u l-aħbarijiet dwar in-nies'), isemmu l-bini ta' arloġġ kemxejn partikulari. Il-kożmografu Jāqūt, li kiteb qabel il-Qażwīnī, jgħid li ħa t-tagħrif tiegħu mingħand Abū Ṭāhir Aħmad bin Muħammad is-Silafī, imwieled f'Isfaħan, fil-Persja, fis-sena 1085 u miet fl-1180. Ix-xogħol tiegħu jġib it-titlu *Mugħġam as-Safar* ('Dizzjunarju tas-safar'). La Amari u lanqas l-istoriċi Maltin li kitbu dwar dan l-arloġġ u l-versi assoċjati miegħu ma jsemmu lis-Silafī. Is-Silafī, Jāqūt u l-Qażwīnī jirrappurtaw li Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī jsemmi l-bini ta' mekkaniżmu li bih jitkejlu s-sigħat, milli wieħed jista' jifhem, bil-moviment ta' tfajla li tixħet boċċi tal-metall (bl-Għarbi *ṣinaġ*). Dan kien ix-xogħol ta' ġeometra (skont Jāqūt), jew ta' xi ġeometri (skont il-Qażwīnī). Il-versi dwar dan l-arloġġ huma fuq il-metru msejjaħ *raġaż*,[14] mibni fuq il-pied *mustafgħilun*, u f'kull emistikkju hemm żewġ piedi minn dawn. B'kollox, il-pied *mustafgħilun* jiġi ripetut tnax-il darba. L-erba' emistikkji jirrimaw bil-konsonanti *ġ* li hija vvokalizzata *-aġ* (3 darbiet) u *-iġ* (darba).

Il-verżjoni ta' Abū Ṭāhir Aħmad bin Muħammad is-Silafī[15]

> *Smajt lil Abū l-Għabbās Aħmad bin Ṭālūt il-Balansī [jiġifieri minn Valencia, fi Spanja] jgħid b'fommu stess: "Smajt lil Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī jgħid fiha [f'Malta? - dan li ġej]: 'Wieħed mill-ġeometri ħadem lill-Qajd Jaħja, sid Malta, xbieha li biha jsiru magħrufa l-ħinijiet tal-jum bil-boċċi tal-metall. Għalhekk għedt lil Għabd Allāh bin is-Samaṭī l-Māliṭī: Kompli dan l-emistikkju'", u qal:*
>
> "Tfajla tixħet il-boċċi ... (*Ġārijatun tarmī ṣ-ṣinaġ* - جارية ترمي الصنج), *[u s-Samaṭī kompla]*

بها النفوس تبـتـهـج
*bihā n-nufūsu tabtahiġ*
Biha l-erwieħ jifirħu

كأن من أحكمـــها إلى السمـاء قد عـرج
*ka-'anna man 'aħkamahā / 'ilā s-samā'i qad għaraġ*
Bħallikieku dak li għamilha / fis-sema tela'

فطـالـع الأفلاك عن سر البـروج والدرج. (الرجز)
*fa-ṭālagħa l-'aflāka għan / sirri l-burūġi wa-d-daraġ.*
U għarrex il-kwiekeb (biex jifhem) / is-sigriet taż-Żodijaku u tal-mogħdijiet smewwija."[16]
(Il-metru: Raġaż)

Il-verżjoni ta' Jāqūt[17]

*Malta: Belt fl-Andalus. Is-Silafī qal: Smajt lil Abū l-Għabbās Aħmad bin Ṭālūt il-Balansī jgħid b'fommu stess: Smajt lil Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī jgħid fiha [f'Malta? - dan li ġej]: "Wieħed mill-ġeometri ħadem lill-Qajd [gvernatur] Jaħja, sid Malta, xbieha li biha jsiru magħrufa l-ħinijiet tal-jum bil-boċċi tal-metall. Għalhekk għedt lil Għabd Allāh bin is-Samaṭī l-Māliṭī: 'Kompli dan l-emistikkju: Tfajla tixħet il-boċċi ... (Ġārijatun tarmī ṣ-ṣinaġ -* جاريـة ترمـي الصنـج*)'" u (s-Samaṭī) qal:* ....[hawn Jāqūt iġib l-istess versi tas-Silafī].

Il-verżjoni tal-Qażwīnī[18]
Il-Qażwīnī jintroduċi l-versi dwar l-arloġġ b'deskrizzjoni dwar Malta:

*Malta – gżira qrib il-peniżola tal-Andalus, fiha ħafna ġid, u kotra ta' barkiet. Tulha madwar tletin mil. Fiha jgħixu n-nies u fiha bliet, irħula, siġar u frott. Il-Biżantini ħabtu għaliha wara (s-sena) erba'mija u erbgħin.*[19] *Tqabdu magħhom u talbu mingħandhom il-ġid u l-flejjes u n-nisa. Għalhekk il-Misilmin inġabru flimkien u għaddu lilhom infushom. L-għadd tal-ilsiera*[20] *tagħhom kien aktar mill-għadd tal-ħielsa, u għalhekk (il-Misilmin ħielsa) qalu lill-ilsiera tagħhom: "Tqabdu magħna; jekk toħorġu rebbieħa, intom tkunu ħielsa, u kulma huwa tagħna, ikun tagħkom. Iżda jekk toqogħdu taħsbuha, (żgur li) ninqatlu u tinqatlu." U meta dehru l-Biżantini, ħabtu għalihom bħallikieku kien il-ħbit ta' raġel wieħed. U Alla għenhom, u għelbuhom; u qatlu għadd kbir ta' Biżantini.*

*L-ilsiera ngħaqdu mal-ħielsa, issaħħet il-qawwa tagħhom, u wara dan, il-Biżantini qatt ma reġgħu ħabtu għalihom.*[21]

*Il-poeta Malti Bin is-Samanṭī ġej minnha [minn Malta]. Huwa kien jinqala' ħafna fil-kitba tal-poeżija b'mod spontanju. Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī qal: "Xi ġeometri f'Malta għamlu xbieha, għas-sultan tagħha, li biha jsiru magħrufa l-ħinijiet tas-sigħat tal-jum; u (x-xbieha) kienet tixħet balal fuq il-boċċi tal-metall. Għalhekk għedt lil Għabd Allāh bin is-Samanṭī: 'Kompli dan l-emistikkju: Tfajla tixħet il-boċċi ...'" u (s-Samanṭī) qal: ....*[hawn il-Qażwīnī jġib l-istess versi tas-Silafī, li jinsabu wkoll f'Jāqūt].

Is-Silafī jagħti l-frażi *bit-tagħr* jiġifieri 'bil-fomm', mela 'b'fommu stess'. Din il-frażi tintuża għall-enfasi: "Smajtu jgħid b'fommu stess," u għadha tingħad sal-lum fid-djaletti Għarab.[22] Possibbiltà oħra, mogħtija minn C.F. Seybold,[23] tgħid li l-verżjoni korretta hija *bix-xuqr*, kif jagħtiha Jāqūt, jiġifieri 'fl-inħawi tax-Xmara Júcar' li tgħaddi mill-provinċji Spanjoli ta' Valenzja, Cuenca u Albacete. Din ir-referenza għal xmara li tgħaddi minn Valenzja ssaħħaħ l-oriġini minn din il-belt ta' Abū l-Għabbās Aħmad bin Ṭālūt, imsejjaħ il-Balansī, jiġifieri 'minn Valenzja', li jissemma f'din is-silta. Il-problema taż-żewġ verżjonijiet ġejja minħabba x-xebh fil-kitba bl-Għarbi taż-żewġ kelmiet ثغر *tagħr* 'fomm' u شقر *xuqr*, ix-Xmara Júcar. Għalkemm wieħed jista' jxaqleb lejn l-eqdem verżjoni, dik tas-Silafī bil-kelma *tagħr*, madankollu l-verżjoni ta' Jāqūt li dehret żmien wara, bil-kelma *xuqr*, mhux ta' min wieħed jagħtiha l-ġenb.

Id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tal-arloġġ xejn mhi ċara. Dan minħabba li t-test oriġinali Għarbi mhuwiex vokalizzat, u lanqas ma juri s-sinjal, imsejjaħ *xadda*, li juri li konsonanti hija doppja. Dan ifisser li, xi kultant, sekwenza konsonantali tista' tieħu tifsir differenti, skont il-vokali li jingħatawlha. Il-Qażwīnī jgħid, litteralment: '... tixħet balal (*b-nād-q*) fuq il-boċċi tal-metall (*ṣ-nāġ*)',[24] jiġifieri jsemmi żewġ sinonimi u għalhekk ma joħroġx ċar x'kellu f'rasu.[25] Issa l-vokalizzazzjoni tal-kelma *ṣ-nāġ* tista' tkun *ṣannāġ*, kelma li tfisser 'basket'.[26] Il-problema hi li f'dan il-każ il-prepożizzjoni *għalā* 'fuq; kontra', jiġifieri 'tixħet balal fuq il-basket', ma tiġix tagħmel sens. Amari, bħal Jāqūt,[27] jagħti l-kelma *ṣanġ* (mhux *ṣ-nāġ*), li tfisser 'għamla ta' ħawt tal-metall'.[28] Fl-ewwel emistikkju, imbagħad, hemm il-kelma *ṣ-n-ġ* (li tinqara *ṣinaġ*, plural miksur tal-kelma *ṣanġa / sanġa*) li tfisser 'boċċi tal-metall'.[29]

Mill-verżjonijiet t'hawn fuq, joħorġu dawn id-differenzi:

- Is-Silafī jsemmi lil Malta, imma ma jgħid xejn dwarha. Jāqūt isemmiha u jgħid li hija *balda bil-Andalus*, jiġifieri 'pajjiż, qasam art, reġjun,

territorju, kif ukoll belt jew raħal fl-Andalus.'[30] Min-naħa tiegħu, il-Qażwīnī jagħti paragrafu sħiħ dwar Malta;

- fis-Silafī u f'Jāqūt hemm referenza għall-*qā'id ṣāḥib māliṭah*, jiġifieri 'il-qajd [mexxej militari jew kap tribali] sid Malta'; min-naħa tiegħu l-Qażwīnī jsemmi l-*malik*, jew 'is-sultan' ta' Malta, iżda ma jsemmihx b'ismu;
- is-Silafī u Jāqūt ma jagħtu ebda tagħrif dwar il-poeta Għabd Allāh bin is-Samaṭī l-Māliṭī, filwaqt li l-Qażwīnī kiteb hekk dwaru: "Kien jinqala' ħafna fil-kitba tal-poeżija b'mod spontanju";
- is-Silafī u Jāqūt għandhom il-kelma *nufūs* 'erwieħ' fit-tieni emistikkju, u l-konġunzjoni *fa-* fl-aħħar emistikkju, filwaqt li l-Qażwīnī jagħti *qulūb* 'qlub', u l-konġunzjoni *wa-* rispettivament;
- wara l-aħħar emistikkju l-Qażwīnī jżid il-kliem: ... bħallikieku jaqraha bl-amment;
- isem il-poeta Malti fis-Silafī u f'Jāqūt huwa 'Abd Allāh bin is-Samaṭī l-Māliṭī, filwaqt li f'al-Qażwīnī huwa 'Abd Allāh bin is-Samanṭī l-Māliṭī.[31]

Dwar dan l-aħħar punt, tajjeb li wieħed jagħmel ftit kummenti, mingħajr ma jkun kategoriku għalkollox. L-isem kif jinstab fit-testi Għarab jinkiteb f'din is-sekwenza konsonantali السمطي (a-l-s-m-ṭ-ī) jew f'din السمنطي (a-l-s-m-n-ṭ-ī). Dan ifisser li għalkemm wieħed dara jlissinhom bħala *as-Samaṭī* jew *as-Samanṭī*, aktarx taħt l-influwenza ta' Amari, madankollu, teoretikament is-sekwenza a-l-s-m-ṭ-ī tista' titlissen b'ħafna modi, fosthom *as-Sammaṭī* u *as-Sammiṭī*. Din l-aħħar verżjoni jaddottaha l-istoriku Leonard C. Chiarelli fil-ktieb tiegħu dwar l-istorja ta' Sqallija Misilma.[32] Fis-sistema Għarbija tal-ismijiet, dan l-isem jissejjaħ *nisba*, jiġifieri isem li juri nisel minn xi tribù, belt jew pajjiż partikulari, bħal, pereżempju, bniedem minn Malta jissejjaħ *Malti*. Minn tiftix fl-internet jidher li n-*nisba as-Samaṭī* hija komuni sal-lum fl-Eġittu, filwaqt li n-*nisba as-Samanṭī*, bil-konsonanti *te* enfatika, hija assoċjata biss mal-poeta msemmi mill-Qażwīnī.[33] In-*nisba as-Samantī*, bil-konsonanti *te* mhux enfatika, teżisti fid-dinja Għarbija. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, jidher li l-probabbiltà hija li s-Samaṭī, kif jagħtuh is-Silafī u Jāqūt, huwa l-isem korrett.[34]

Interessanti ħafna l-fatt li fl-inħawi ta' Binġemma hemm lokalità żgħira msejħa *s-Santi*, isem li aktarx ġej mill-isem tal-familja s-Samaṭī.[35] Fil-ktieb tiegħu *Place-Names of the Maltese Islands* Godfrey Wettinger jagħti dawn l-ismijiet li jinsabu f'atti notarili u li minnhom ħareġ l-isem *is-Santi* tal-lum: *sumati*,

*sammati*, *samanti*, *samyti*, *tal samt.* Wettinger iġib ukoll tagħrif mit-toponimija fi Sqallija fejn wieħed isib l-isem Għarbi traskritt bil-Grieg *ελ-σουμέτι*, jiġifieri *el-sumeti*.[36] Kif wieħed jista' jara, huwa f'każ wieħed biss, *samanti,* li l-isem jidher bil-konsonanti *ne* qabel l-aħħar *te*, u dan isaħħaħ il-probabbiltà l-isem fil-bidu kien *is-Samaṭī* li mbagħad, maż-żmien, tilef it-tieni vokali (*a*) għaliex mhux aċċentwata, u b'hekk sar *is-Samṭī.* Mal-mogħdija taż-żmien, imbagħad, il-*me* nbidlet f'*ne* biex b'hekk ħareġ l-isem kif huwa magħruf illum, *is-Santi.*

Għimād ad-Dīn Kātib il-Isfahānī (1125-1201), uffiċjal statali, storiku u poeta ta' nisel Persjan li għex fis-seklu tnax, fl-antoloġija tiegħu msejħa *Ḫarīdat al-qaṣr wa-ġarīdat al-għaṣr* ('Il-perla tal-palazz u r-reġistru taż-żmien'),[37] isemmi li l-parti l-kbira tax-xogħol poetiku tal-Malti Għabd ir-Raḥmān bin Ramaḍān kienet magħmula minn poeżiji ta' tifħir f'ġieħ is-Sultan Ruġġier II ta' Sqallija, bit-tama li jħallih jerġa' lura Malta. Amari ma eskludiex li dan il-poeta mhux ħlief Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī msemmi fis-silta dwar l-arloġġ, u għalhekk Amari assoċja l-arloġġ maħdum Malta ma' dak li kien ingħata lis-sultan Normann fis-sena 1142, u li jissemma f'lapida li tinsab fil-'Cortile Maqueda', fil-Palazz Irjali f'Palermo.[38]



Il-lapida bi tliet ilsna fil-Palazz Irjali f'Palermo

(Ritratt M. R. Zammit)

## Żewġ epigrammi

Il-versi li jmiss huma f'għamla ta' epigramma, jiġifieri "... poeżija qasira, mirquma u marbuta tajjeb, li aktarx tolqot u taħsad bl-oriġinalità tagħha, li jista'

jkollha tema li tvarja u li hi ttrattata bis-serjetà jew b'mod satiriku ...."[39] Dawn iż-żewġ epigrammi nkitbu minn Għabd ir-Raḥmān bin Ramaḍān, imsejjaħ *al-Qāḍī* ('l-imħallef') u jinsabu fl-antoloġija *H̱arīdat al-qaṣr* imsemmija hawn fuq. Din l-antoloġija tiġbor fiha l-versi ta' poeti mill-Iraq, mis-Sirja, mill-peniżola Għarbija, mill-Eġittu, mill-pajjiżi tal-Magreb, kif ukoll mill-Andalus. Għimād ad-Dīn jintroduċi l-versi poetiċi b'tagħrif bijografiku fil-qosor dwar il-poeti li kitbuhom. Għabd ir-Raḥmān bin Ramaḍān, il-poeta taż-żewġ epigrammi li ġejjin, kien wieħed mill-poeti u għorrief Latini, Biżantini, u Misilmin li s-Sultan Ruġġier II kien ġabar madwaru fil-Palazz tiegħu f'Palermo bil-għan li joħloq ambjent intellettwali, u b'hekk juri l-kobor tas-saltna tiegħu.[40]

Il-versi tal-ewwel epigramm huma fuq il-metru msejjaħ *basīṭ*, tat-tip magħruf bħal *muẖallagħ.* F'kull vers hemm sitt piedi tat-tip:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *mustafgħilun* | *fāgħilun* | *mutafgħil* / | *mustafgħilun* | *fāgħilun* | *mutafgħil* |
| jew: | *mutafgħilun* | " | " / | *mustagħilun* | " | " |

Għimād ad-Dīn kiteb hekk dwar dan il-poeta:

> *Għabd ir-Raħmān bin Ramaḍān huwa magħruf bħala l-Qāḍī ('l-imħallef') iżda mhux mogħti għax-xjenzi tal-liġi. Huwa poeta li fil-baħar tal-ħsieb profond u fil-milja tal-ħeġġa istintiva jsib l-għajn tal-qawwa tiegħu. Il-parti l-kbira tal-poeżija tiegħu tfaħħar lil Ruġġier il-Frank,*[41] *il-ħakkiem ta' Sqallija; (fiha) jitolbu li jmur lura fil-belt ta' Malta; iżda ma jiħux mingħandu għajr kliem il-qerq. Uħud mill-mexxejja warrbu minnu. [Dan wasslu biex kiteb dawn il-versi:]*

تــاه الذي زُرتــهُ ولاذا عَني وَلم يخـف ذا ولَا ذَا
*Tāh allaḏī zurtuhu wa-lāḏa / għannī wa-lam yaẖfa ḏā wa-lā ḏā*
"Tkabbar dak li żort u nħeba / minni, iżda ma nħebiex minn dan u la (minn) dan.

وكان مِن قَبــل ان رَاني يــبــسُــط لي سُــنْــدساً ولَاذا
*wa-kāna min qabli 'an ra'ānī / jabsuṭu lī sundusan wa-lāḏā*
U kien, qabel ma jarani / jifrixli l-ħarir, sew mill-fin u dak miċ-Ċina.

فصَــار كلــي عَــليــه كَــلاً يــا لــيــتــني مت قــبــل هَـذا
*fa-ṣāra kallī 'alajhi kallan jā lajtanī muttu qabla hāḏā*
Infnejt bis-saram tiegħu / mhux li mitt qabel dan (kollu)."[42]

F'dan l-epigramm, mibni fuq ir-rima -*ḏā*, wieħed jinnota li l-poeta nqeda ħafna bil-paronomasja (*ġinās* bl-Għarbi), jiġifieri kliem b'xebh fil-mod kif jinkiteb u jitlissen, iżda b'differenza fit-tifsira, bħal fil-frażijiet:

| | |
|---|---|
| *wa-lāḏa* | 'nħeba', |
| *ḏā wa-lā ḏā* | 'dan u la dan', |
| *lāḏa* | 'ħarir minn taċ-Ċina' |
| *hāḏā* | 'dan'. |

Minkejja l-qosor tal-epigramm, jispikka ħafna l-għali kbir tal-poeta minħabba li s-sultan ma baqax iġib ruħu miegħu bil-ħbiberija ta' qabel. Xejn ma jingħad dwar ir-raġuni li wasslet għal din l-imġiba tas-sultan Normann.

It-tieni epigramm huwa magħmul minn żewġ versi maqsumin f'erba' emistikkji, u mfassla fuq il-metru msejjaħ *kāmil maġżu'*. F'kull vers hemm erba' piedi tat-tip:

*mutfāgħilun mutafāgħilun* / *mutfāgħilun mutafāgħilun*

Dawn huma l-versi:

اخوان دَهرك فالـقـهم مِـثْـل الـعـدِي بسـلاحِـكا
*'iḫwānu dahrika f-ilqahum     miṯla l-għadī bi-silāħika*
"Il-ħbieb ta' xortik ilqagħhom / bħall-għedewwa, bl-armi tiegħek.

لاَ تغـتـرِر بـتبـسمٍ فَالّسـيف يَـقـتـل ضَاحِكا
*lā tagħtarir bi-tabassumin     f-as-sajfu jaqtulu ḍāħikan*
La titqarraqx bi tbissima / għax (anki) s-sejf joqtol daħkan."[43]

F'dan l-epigramm, mibni fuq ir-rima *-ka*, tispikka ħafna l-antitesi: 'ħbieb' – 'għedewwa'; 'tbissim', 'daħk' u 'qtil'. In-nota ta' pessimiżmu f'dan l-epigramm bħal torbot mas-sens ta' diżappunt fl-ewwel epigramm, u għalhekk aktarx li Għabd ir-Raħmān bin Ramaḍān baqa' sal-aħħar imweġġa' bl-imġiba ta' dawk li kien jaħseb li kienu ħbiebu.

**L-Eleġija Għarbija**

Il-ġeneru poetiku msejjaħ 'eleġija' jikkonsisti f'"...poeżija mnebbħa mill-mewt fiha nnifisha jew mill-mewt ta' xi ħadd; poeżija li titbekka l-mewt ta' persuna u li tfakkar l-istess mewt."[44] Il-poeżija eleġijaka Għarbija, imsejħa *riṯā'*, għandha l-għeruq tagħha fiż-żminijiet ta' qabel id-dehra tal-Iżlam fl-Arabja, fis-seba' seklu w.K., u kienet assoċjata ma' versi minsuġa minn poeti nisa li kienu jitbekkew il-qraba mejtin tagħhom. Ġeneralment wieħed jista' jsib qafas komuni li madwaru tintiseġ l-eleġija pre-Iżlamika. Din tiftaħ bil-poetessa ġġiegħel lil għajnejha jibku bikja kbira, imbagħad hija tidħol fi djalogu mal-mejjet qarib tagħha li fih tfaħħar il-kwalitajiet sbieħ li bihom kien imżejjen, fosthom il-ġenerożità, il-qlubija, l-għerf, il-qalb tajba, eċċ. It-tifħir huwa element ewlieni fil-poeżija eleġijaka u għalhekk ħafna drabi titqies bħala ġeneru sussidjarju tal-paneġierku (*madīħ*). It-telfa tal-mibki protagonist ħafna drabi titfisser b'mod kemxejn esaġerat, l-aktar jekk il-mejjet kellu qagħda għolja fit-tmexxija tat-tribù jew tal-istat. Il-poetessa xejn ma tiddejjaq tistqarr li t-telfa ta' persuna waħda ġabet magħha deżolazzjoni kbira, u valuri ewlenin, bħall-ġenerożità u l-qlubija, issa ġew fix-xejn.[45] Il-poeżija kienet tagħlaq b'xi ħsibijiet dwar id-destin kiefer u li dan irid imiss lil kulħadd.

Fil-perijodu ta' wara d-dehra tal-Iżlam, il-poeżija eleġijaka ma baqgħetx monopolju poetiku femminili u bdiet tinkiteb ukoll minn poeti rġiel, bis-suġġett jinfetaħ għal persunaġġi ta' fama erojka. Matul il-ħakma tad-dinastiji tal-Ummawin u tal-Għabbasin, il-poeżija eleġijaka ntużat bħala għodda retorika ta' xejra sew politika kif ukoll reliġjuża.[46] Dan jinħass fl-eleġija li biha l-poeta jitbekka l-waqgħa ta' emirati, bliet u stati, u l-glorja kollha li marret magħhom – għamla eleġijaka msejħa *riṯā' al-mudun*, jiġifieri 'l-eleġija tal-ibliet'.[47] Fost il-versi ta' din l-għamla li baqgħu magħrufa nsibu l-eleġija għal Bagdad tal-H̱urajmi, għall-belt ta' Basra ta' Bin ir-Rumi, għal Kordoba ta' Bin Xuhajd l-Axġāgħī, għal Valenzja ta' Bin Għumajra l-Maẖzūmī, u dik f'ġieħ l-Andalusija ta' Abū l-Baqā r-Rundī. Fl-Andalus din l-għamla ta' eleġija kienet popolari ħafna, fejn il-kawża tal-waqgħa tal-ibliet kienet tkun jew minħabba l-konflitt intern bejn qawwiet Misilmin, jew inkella minħabba l-avvanz tar-'Reconquista' Nisranija.[48]

**Il-Versi Eleġijaki ta' Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān**

Fl-antoloġija *H̱arīdat al-qaṣr* wieħed isib ukoll tmien versi minn poeżija eleġijaka miktuba minn Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān. L-ewwel erba' versi ttieħdu mill-bidu tal-poeżija, filwaqt li l-erba' versi l-oħra huma meħuda mill-bqija ta' poeżija twila. Michele Amari kiteb hekk dwar din l-eleġija:

> *...fu scritta in morte d'un nobil capo musulmano di Sicilia. E duolci che 'Imād ad-Dīn non abbia servato il nome di costui, nè il rimanente dell'elegia, nel quale si sarebbero trovati per avventura de' cenni storici e de' versi più belli; poichè l'antologista trascelse di certo quelli che a noi possono piacer meno.*[49]

Hawn Amari jsemmi mexxej Musulman wieħed ta' Sqallija, iżda fil-manuskritt Għarbi li fuqu huma msejsa dawn il-kummenti wieħed jaqra "... f'ġieħ xi mexxejja tal-Misilmin fi Sqallija".[50] M'hemmx ħjiel dwar l-identità ta' dawn il-mexxejja; setgħu kienu mexxejja lokali f'bosta nħawi ta' Sqallija minn żmien il-ħakma Għarbija stess, jew anki minn żmien il-ħakma Normanna, meta bosta nħawi ta' Sqallija kienu jaqgħu taħt il-kontroll ta' entitajiet semiawtonomi sew Insara kif ukoll Misilmin.[51] Xorta waħda jibqa' l-fatt li l-versi miġjuba hawn taħt huma ddedikati għal mexxej wieħed.

Għimād ad-Dīn kiteb hekk dwar il-poeta Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān, magħruf bħala bin is-Sūsī:

> *Malta hija l-post fejn twieled, fejn kienu joqogħdu niesu, u art għammiela (u mogħnija bid-dwieli) għat-tazza tiegħu. Fiha trabba fl-imġiba tajba, u tgħallem il-letteratura taħt missieru. Imbagħad għex f'Palermo, u għamilha daru, u fiha sab il-mistrieħ tiegħu. Huwa qabeż is-sebgħin u kellu t-tfal. Għandu poeżija b'kunċetti tajba, b'binja soda, u b'togħma bnina. Jingħad li ftit jiem qabel ma miet, huwa qal din l-eleġija f'ġieħ xi mexxejja tal-Misilmin fi Sqallija, li turi l-kwalitajiet sbieħ tiegħu. Din hija poeżija twila.*[52]

Fil-manuskritt Għarbi wieħed isib il-kelma mhux vokalizzata *m-ṭāl-għ-h* flok *māl-ṭ-h* għal 'Malta'. Dan aktarx huwa żball tal-iskriba. Barra minn hekk, Amari jassoċja lill-poeta Għuṯmān ma' Ħassān bin Għalī, mit-tribù ta' Huḏajl, magħruf bħala Bin is-Sūsī, missier dik Majmuna li tagħha għandna l-ħaġra ta' qabarha.[53] Dan ifisser li Bin is-Sūsī kien antenat tal-poeta Għuṯmān, li kien ġie joqgħod Malta minn Susa, fit-Tuneżija, u ħalla warajh nisel f'Malta.[54]

Dan l-argument mhux daqshekk sod, għaliex wieħed ma jafx fiċ-ċert l-oriġini tal-ħaġra ta' Majmuna. Meta ssemmiet għall-ewwel darba, fis-seklu dsatax, il-ħaġra kienet imwaħħla ma' ħajt ta' bitħa fi Triq Melita, il-Belt. Ħadd ma jaf kif din waslet hemm, u allura m'għandniex iċ-ċertezza li l-persuni msemmija fiha kienu tabilħaqq jgħixu Malta.

Il-metru li fuqu huma mibnija t-tmien versi eleġijaki jissejjaħ *ṭawīl* ('twil'). Dan huwa magħmul mit-tennija taż-żewġ piedi *fagħuwlun mafāgħijlun* f'kull emistikkju. Il-versi huma mibnija fuq ir-rima *-ṭa* li mhijiex waħda faċli u għalhekk mhijiex komuni fil-poeżija Għarbija. Jista' jagħti l-każ li b'din l-għażla tar-rima l-poeta ried juri l-ħila poetika tiegħu. Dawn huma t-tmien versi:

1. "Iż-żwiemel tal-eċċellenza bid-diqa waslu fi tmiem mixjithom / u l-quċċata l-għolja tal-eċċellenza ġġarrfet u niżlet.

*Rikābu l-magħālī bil-'asā raħlahu ħaṭṭa / wa-ṭawdu l-għulā l-għālī tahaddama wi-nħaṭṭa*
ركاب المعَالي بالاسى رَحله حطا   وطود العلي العَالِي تَهدم وانحَطا

F'dan il-vers, "iż-żwiemel [jew anki l-iġmla] tal-eċċellenza", kif ukoll "il-quċċata l-għolja tal-eċċellenza" huma metafora għall-mexxej li ħalla din id-dinja. Bħal f'wieħed mill-epigrammi miġjuba hawn fuq, f'dawn il-versi wkoll jispikka t-tħaddim tal-paronomasja (*ġinās* bl-Għarbi); f'dan l-ewwel vers: *magħālī – għulā – għālī*; *ħaṭṭa – nħaṭṭa.*

2. Liema għaxijiet id-diqa qed joqorbu / u waqtiet il-ferħ minna tbiegħdu.

*fa-'ajju masā'āti l-'asā mutqarribun / wa-qurbu marrāti s-surūri lanā xaṭṭa*
فا اي مسـالت الاسى متقرب وقرب مرات السرور لنا شطّـا

It-tifsira ta' dan il-vers xejn ma toħroġ ċara u dan minħabba li fil-manuskritt jidher li hemm xi żbalji tal-iskriba. Fil-fatt, l-aħħar kelma ta' dan il-vers *saṭṭa*, li ma tinftehimx, aktarx trid tinqara *xaṭṭa*, biż-żjieda ta' tliet tikek fuq l-ittra *s*. It-tifsira li toħroġ minn dan il-vers hija li, wara l-mewt ta' dan il-mexxej, id-diqa qorbot u l-ferħ tbiegħed. Paronomasja f'dan il-vers: *masā'āt – 'asā*; *mutqarrib – qurbu.*

3. Kif (*ħa jagħmel*) dawl ix-xemx, meta d-Dawl hu l-għajn tiegħu / meta din l-imnara tas-sebħ u s-setgħa ngħelbet?

*wa-kayfa li-nūri x-xamsi wa-n-nūru għawduhu / wa-hāḏa manāru l-maġdi wa-l-għizzi qad qaṭṭa*

وكيف لنور الشمسِ والنور عودُه وَهذا منار المجدِ والعز قد قطَّا

It-tifsira tal-aħħar kelma, *qaṭṭa* 'qata'', fit-tielet vers, mhix ċara, imma s-sens tal-vers mhux diffiċli li wieħed jasal għalih: Kif se tagħmel ix-xemx biex tisreġ, issa li dan il-mexxej, li kien l-għajn tad-dawl tagħha, ħalla din id-dinja? Huwa kien imnara tas-sebħ u s-setgħa, iżda l-mewt għelbitha. Ħaġa tal-għaġeb kif ċerti ideat jibqgħu jintirtu fuq medda twila ta' żmien. Dan l-istess kunċett, jiġifieri t-telf ta' dawl ix-xemx, jinsab ukoll f'eleġija tal-poetessa al-H̱ansā' li għexet fl-Arabja fis-seba' seklu w.K. Hija kienet qalet hekk fl-eleġija tagħha għal ħuha Ṣaẖr: "Ix-xemx iddallmet minħabba mewtu."[55] Paronomasja f'dan il-vers: *nūr – manār.*

4. Intlaqat, u niesu ma warrbux il-mewt minnu / anzi, tawh f'idejn id-dwejjaq, u hu sellem lil niesu.

*'uṣība fa-mā radda r-radā għanhu rahṭuhu / bal 'ūdigħa l-'aħżāna wa-waddagħa r-rahaṭa*

اصيب فما رَد الرَدي عَنه رَهطه بل اودع الاحزان ووَدع الرَّهَطا

L-ewwel emistikkju huwa ċar biżżejjed, iżda fit-tieni emistikkju jidher li hemm xi żbalji jew tal-poeta stess, jew tal-iskriba. Aktarx li l-poeta jew l-iskriba ħalla barra l-konġunzjoni *wa-* 'u' qabel il-verb *waddagħa*. Is-sens tal-vers huwa li niesu ma setgħux ibiegħdu minnu l-mewt, u għalhekk kellhom jgħadduh f'idejn id-dwejjaq, wara li sellmilhom. Paronomasja f'dan il-vers: *radda – radā*; *rahṭ – rahaṭa*; *'ūdigħa – waddagħa.*

5. Jisgħobbina li niżel taħt l-art / u l-mewt waqqfitlu idu milli żżomm u tqassam (*il-ġid*).

*Jagħiżżu għalajna 'an ṯawā 'ilā basīṭa / wa-radda r-radā għan kaffihi l-qabḍ wa-l-basṭa*

يعز عَلينا أن ثوي الى بسِيطَه ورَد الردي عن كفه القبض والبَسَطا

L-ewwel emistikkju huwa ċar biżżejjed, filwaqt li fit-tieni emistikkju hemm l-idea li l-mewt żammet id il-mexxej għalkollox, sew fiċ-ċaħda tal-għoti, għax fis-sovranità tiegħu huwa seta' jiċħad talbiet li jsirulu, kif ukoll fil-għoti ġeneruż lil min kien jitlob l-għajnuna tiegħu. Paronomasja f'dan il-vers: *basīṭa – basṭa*; *radda – radā.*

6a. Bħallikieku l-mewt ħarġet taħbat għall-ħamiem / għall-erwieħ tal-aħjar nies, biex taħtafhom.

*Ka'anna ħimāman lil-ħamāmi qad inbarā / li-'arwāħi ahli l-faḍli jalquṭuhā laqṭan*
كانِ حماماً للحمام قد انبري لاروَاح اهلِ الفضل يَلقطها لقطَا

6b. Bħallikieku ħamiem il-mewt ħareġ jaħbat / għall-erwieħ tal-aħjar nies, biex jaħtafhom.

*Ka'anna ħamāman lil-ħimāmi qad inbarā / li-'arwāħi ahli l-faḍli jalquṭuhā laqṭan*

Il-kelmiet *ħimām* 'mewt' u *ħamām* 'ħamiem' fl-ewwel emistikkju huma kemxejn problematiċi. Kif wieħed jista' jara, id-differenza fit-tifsira tiddependi mill-vokali tal-ewwel sillaba; jekk *i*, 'mewt', jekk *a*, 'ħamiem'. Issa l-vokalizzazzjoni tal-ewwel sillaba ta' dawn il-kelmtejn ma toħroġx ċara fil-manuskritt. L-ewwel kelma tidher li hija vvokalizzata *ħimām* u allura għandha t-tifsira ta' 'mewt', filwaqt li fit-tieni kelma s-sinjal tal-vokali *a* (imsejjaħ *fatħa*) jidher aktar fuq il-konsonanti *m* milli fuq il-konsonanti *ħ*. Jekk il-kelmtejn huma f'din l-ordni, allura t-tifsira tkun li "l-mewt ħarġet taħbat għall-ħamiem /għall-erwieħ tal-aħjar nies, biex taħtafhom." Il-ħamiem f'dan il-vers jistgħu jkunu allużjoni għal nies twajba. Jekk l-ordni tal-kelmtejn jinqaleb, it-tifsira tkun li "ħamiem il-mewt ħareġ jaħbat għall-erwieħ tal-aħjar nies, biex jaħtafhom." Il-problema f'dan il-każ tkun li fil-poeżija Għarbija mhuwiex il-ħamiem li jirrappreżenta l-mewt, iżda ċ-ċawl. Fl-aħħar kelmtejn tat-tieni emistikkju, il-verb *jalquṭu* 'jiġbor', u n-nom verbali *laqṭ* 'ġbir', marbuta mal-verb Malti *laqqat*, hemm l-idea tal-ħamiem, jew tjur oħra, li b'munqarhom jiġbru l-ikel mill-art, xbieha tal-mewt li tiġbor l-erwieħ tal-ħajjin. Paronomasja f'dan il-vers: *ħimām – ħamām*; *jalquṭu – laqṭ.*

7. X'telfa mill-agħar, x'niket ibikki, xi żmien kiefer, u x'mewta dik, taħbat qattiela!

*Fa-jā ruz'u mā 'ankā wa-jā ħużnu mā 'abkā / wa- jā dahru mā 'agħdā wa-jā mawtu mā 'asṭā*
فيَا رز مَا انكى ويَا حزن ما ابكى ويَا دهر مَا اعدي ويَا مَوت مَا اسطَا

Dan il-vers jinftiehem mingħajr ebda xkiel. Fih il-poeta jħaddem l-esklamazzjoni retorika biex ifisser il-ħasra kbira tiegħu, issa li l-mexxej ħalla din id-dinja. Paronomasja f'dan il-vers: *'ankā – 'abkā.*

8. Faraġ! Faraġ! Qabilna l-mewt xejnet (*bosta*) / slaten bħalma jħassar, min jikteb, il-kitba."[56]

*Għażā'an, għażā'an; qad maħā l-mawtu qablanā / mulūkan kamā jamħūna man kataba ẖaṭṭa*
عزا عزا قد محا المَوت قَبلنا مُلوكاً كما يمحُون من كتبَ خطًّا

M'hemm ebda diffikultà f'dan il-vers. Hawn il-poeta jfakkar lill-qarrej f'tema li hija komuni fil-poeżija eleġijaka Għarbija, jiġifieri li ħadd, lanqas is-sultan, m'għandu l-ħila jaħrab il-mewt. Bħall-kitba li titħassar, hekk ukoll jasal il-waqt għal kull bniedem li jgħib minn din il-ħajja. Paronomasja f'dan il-vers: *maħā – jamħūn.*

Minkejja l-għadd żgħir ta' versi mill-eleġija ta' Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān, magħruf bħala bin is-Sūsī, xorta waħda wieħed isib fihom il-kunċetti ewlenin li jsawru eleġija tradizzjonali Għarbija. Barra minn hekk, b'mod ġenerali joħroġ ċar il-fatt li l-poeta tħabat xi ftit biex isib il-bilanċ bejn it-tħaddim daqshekk spiss tal-paronomasja f'qafas metriku riġidu u b'rima li xejn mhi faċli fl-ilsien Għarbi. Dan wassal għal xi ineżattezzi ta' xejra grammatikali u metrika. Madankollu, f'dawn il-versi toħroġ biċ-ċar il-ħasda kbira tal-poeta minħabba l-mewt kiefra tal-mexxej Mislem, u s-sinċerità fis-sentiment tiegħu lejn dan il-mexxej li kien tant jammira.

**Għeluq**

S'issa, il-versi tal-poeti Għarab-Maltin miġjuba f'dan l-artiklu dehru biss maqluba għat-Taljan, l-Ingliż u l-Malti f'kitbiet dwar l-istorja ta' Malta Medjevali. Din hija l-ewwel darba li sar studju dedikat kollu kemm hu għalihom, imsejjes fuq tagħrif li joħroġ mit-testi oriġinali Għarbin. Sa ma nkiteb dan

l-artiklu, il-versi dwar l-arloġġ kapolavur kienu kkwotati mix-xogħlijiet ta' Jāqūt bin Għabd Allāh l-Ħamawī r-Rūmī (1179-1229), u ta' Abū Jaħjā Żakarija bin Muħammad il-Qażwīnī (1203-1283). Bis-saħħa tat-tagħrif dwar is-Silafī (1085-1180) mogħti f'dan l-artiklu, issa wieħed jista' jistabilixxi d-data li qabilha nkitbu dawn il-versi, jiġifieri mhux wara s-sena tal-mewt tas-Silafī, fl-1180. Dan il-perijodu huwa tassew qrib l-1142, is-sena li fiha nbena l-arloġġ għas-Sultan Ruġġier II ta' Sqallija, u għalhekk wieħed isaħħaħ il-fehma li l-arloġġ mogħti lil dan is-sultan kien l-istess wieħed li nbena f'Malta. Hekk ukoll fil-każ taż-żewġ epigrammi u tal-eleġija, fin-nuqqas ta' tagħrif dwar verżjonijiet aktar bikrin, il-kronoloġija tagħhom tista' wkoll tiġi ffissata fis-seklu tnax, ġaladarba noqogħdu fuq il-verżjoni ta' Għimād id-Dīn Kātib l-Isfahānī (1125-1201).

Minkejja li l-versi tal-poeti Għarab-Maltin mhumiex kotrana, madankollu huma jittrattaw varjetà ta' temi. Il-kwantità żgħira ta' dawn il-versi m'għandhiex twassal biex dawn il-versi jingħataw il-ġenb, anzi l-kontra; wieħed għandu jgħożż dan il-wirt letterarju. Għal dak li huwa tagħrif storiku, ftit li xejn joħroġ minnhom u għalhekk ma jaqbilx li jsiru ipoteżijiet mingħajr ebda bażi. Il-fażi storika Għarbija hija waħda problematika biżżejjed u ma jaqbilx li wieħed ikompli jikkomplika dan il-qasam ta' studju b'argumenti li ma jistriħux fuq xhieda storika soda.

*It-taħdita organizzatha l-Akkademja fit-23 ta' Jannar 2014.*

## Appendiċi

Tabella Kronoloġika

| | |
|---|---|
| 973 | Id-dinastija Żirija (it-Tuneżija) |
| | Poeta 1a: Abū l-Qāsim bin Ramaḍān il-Māliṭī<br>Poeta 1b: Għabd ir-Raħmān bin Ramaḍān, magħruf bħala l-*Qāḍī* (‘l-imħallef’) |
| | Poeta 2: Għabd Allāh bin is-Samaṭī l-Māliṭī |
| 1085 - 1180 | Abū Ṭāhir Aħmad bin Muħammad is-Silafī :<br>*Mugħġam as-Safar* (‘Dizzjunarju tas-safar’) |
| 1142 | Il-bini tal-arloġġ |
| 1148 | Tmiem id-dinastija Żirija |
| | Poeta 3: Għuṯmān bin Għabd ir-Raħmān (bin is-Sūsī) |
| 22/3/1174 | (Majmūna bint Ħassān bin Għalī l-Huḏalī, magħruf bħala Bin is-Sūsī) |
| 1125 - 1201 | Għimād ad-Dīn Kātib il-Isfahānī:<br>*Ḫarīdat al-qaṣr wa-ġarīdat al-għaṣr*<br>(‘Il-perla tal-palazz u r-reġistru taż-żmien’) |
| 1179 - 1229 | Jāqūt bin Għabd Allāh il-Ħamawī ir-Rūmī:<br>*Mugħġam al-buldān* (‘Id-dizzjunarju tal-pajjiżi’) |
| 1203 - 1283 | Abū Jaħjā Zakarija bin Muħammad il-Qażwīnī:<br>*Āṯār al-bilād wa-aḫbār al-għibād*<br>(‘Il-monumenti tal-pajjiżi u l-aħbarijiet dwar in-nies’) |



عثمان بن عبد الرحمن

المعروف بابن السوسي

مطالعه مسقط راسه ومربط ناسه ومغبط كاسه وبها تهذب
ونزل على ابنية الادب ثم سكن بلرم واتخذها دارا ووجد بها قرارا ايام
ونيف على السبعين وسبع سنين وله شعر صحيح المعنى قويم المبنى لا يزيد
المجنى وذكر انه انشده لنفسه قبل وفاته بايام قلائل يرثيه في
بعض روسا المسلمين بصقلية يدل على ما حواه من فضائل وهي قصيده طويله

اولها

ركاب المعالي بالاسى رحله حطا وطود العلى العالي تهدم وانحطا
فاي مسرات الاسى ستقرب وقرب مرات السرور لنا شطا
وكيف لنور الشمس والنور عوده وهذا منار المجد والعز قد قطا
صبيب فارد الردى عنه رهطه بلا ودع الاحزان ودع الرهطا

ومنها

يعز علينا ان ثوى في بسيطه ورد الردى عن كفه القبض والبسطا
كان حلمنا الحمام فذا بني لاي رواح اهل الفضل بالقطها لقطا
فيا رزءا ما انكى ويا حزن ما انكى ويا دهر ما اعدى ويا موت ما اسطا
عزاء عزاء فهذا الموت قبلنا ما لوكا كما يجوز من كتب خطا


عبد الرحمن ابن رمضان

قال ويعرف بالقاضي وكبير له في علوم الشريعة يد

Il-manuskritt numru 3330 (Il-Biblijoteka Nazzjonali, Pariġi, Ancien fonds 1375)
li fih jinsabu wħud mill-versi tal-poeti Għarab-Maltin

**Noti**

1 Ħajr lis-Sur Olvin Vella talli ħeġġiġni nikteb dan l-istudju. Ħajr ukoll lil Dr Saadun Suaieh u lil Dr Għabdul Mawla l-Bagħdadi tal-kummenti siewja tagħhom.

2 Il-Biblijoteka Nazzjonali, Pariġi, Manuskritti Orjentali, n. 3330 (Ancien Fonds 1375).

3 Ġużè Cassar Pullicino, *Kitba u Kittieba tal-Malti*, 1 (Malta: Università Rjali ta' Malta, 1962) 3-5; Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni, *Il-Għanja ta' Pietru Caxaru: Poeżija bil-Malti Medjevali* (Malta: L-Awturi, 1983); kif ukoll it-traduzzjoni bil-Malti ta' Patri Henry Born fil-ktieb ta' Andrew P. Vella, *Storja ta' Malta*, vol. 1 (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1974) 82-88, 102.

4 Wettinger u Fsadni, *Peter Caxaro's Cantilena: a Poem in Medieval Maltese* (Malta: The Authors, 1968).

5 F'dan l-istudju ntużat sistema ta' traskrizzjoni Għarbija msejsa fuq l-alfabett Malti. B'hekk, il-qarrej m'għandux ikollu problema jaqra t-testi Għarbin. Barra minn hekk, għall-fonemi Għarbin li ma jagħmlux parti mill-alfabett Malti ntużaw dawn il-grafemi: *ṯ* imlissna bħat-*th* fl-Ingliż *three*; *ḏ* imlissna bħat-*th* fl-Ingliż *this*; *ẖ* imlissna bħall-*ch* fil-Ġermaniż *acht*; *g̱ẖ* għall-*g̱ẖajn* li tinstema' bħal *r* fil-Franċiż; *ṣ*, *ḍ*, *ṭ*, u *ẓ* għall-fonemi enfatiċi Għarbin; *'*għall-*hamża*, jew waqfa glottali (li tinħass bħall-*q* fil-Malti).

6 Ix-xogħol tas-Silafī jġib it-titlu *Mugħġam as-Safar* ('Dizzjunarju tas-safar').

7 *H̱arīdat al-qaṣr wa-ġarīdat al-għaṣr* ('Il-perla tal-palazz u r-reġistru taż-żmien'). Għimād ad-Dīn Kātib il-Isfahānī għex bejn is-snin 1125 u 1201.

8 Twieled fl-Oman fis-sena 718 w.K. u għex il-parti kbira ta' ħajtu fl-Iraq. Miet fis-sena 786.

9 Konsonanti li warajha jkollha *alif* (*ā*), *wāw* (*w*), jew *jā* (*j*) titqies bħala konsonanti mingħajr vokali.

10 Dawn is-sitt unitajiet prosodiċi elementari jissejħu 1. *sabab ẖafīf*, 2. *sabab ṯaqīl*, 3. *watid maġmūgħ*, 4. *watid mafrūq*, 5. *fāṣila sug̱ẖrā*, u 6. *fāṣila kubrā.*

11 Inklużi l-*alif* (*ā*), il-*jā* (*j*), u l-*wāw* (*w*).

12 Is-sittax-il metru kien żdied minn student tal-H̱alīl, iżda qatt ma ntuża. Ara Dmitry Frolov, "Meter", fl-*Encyclopedia of Arabic Language and Linguistics*, 3 (Leiden: Brill, 2008) 207-215.

13 Miktub bejn is-snin 1224-28. Ara: Internet Archive <http://ia700402.us.archive.org/35/items/waq0093/05-0097.pdf> p. 43 (8 ta' Jannar 2014).

14 Dan il-metru kien imħaddem f'kitbiet Medjevali lingwistiċi ta' xejra pedagoġika.

15 Al-hakawati.net <http://www.al-hakawati.net/arabic/civilizations/200.pdf> p. 25 (13 ta' Jannar 2014).

16 Fl-edizzjoni tal-Qażwīnī, *Āṯār al-bilād wa-aẖbār al-għibād* (Bejrut: Dar Sader u Dar Bejrut, 1960) 557, dawn il-versi huma vvokalizzati hekk:
بهَا القُلُوبُ تَبْتَهجْ \كأنّ مَنْ أحكَمها إلى السماء قد عرَجْ \ وَطالعَ الأفلاكَ عن سرّ البُروج وَالدّرَجْ.
Din hija t-traduzzjoni ta' Michele Amari, *Biblioteca Arabo-Sicula*, versione italiana, 1 (Torino: E. Loescher, 1880) 241-42:
"*La ragazza picchia il sang; per lei ballano i cuori.*
*Come se colui che la congeniò fosse pria salito in cielo.*
*E avesse contemplate le sfere, scoprendo i segreti del zodiaco, e (misurando) ciascun grado (dell'ecclittica).*"
Vella 84 jagħti verżjoni oħra bit-Taljan, imma ma jgħidx ta' min hi u minn liema sors ittieħdet. Din hija t-traduzzjoni:
"*La fanciulla che batte il cavo bronzo; si ch'ella incalza gli animi anelanti!*
*Il mastro, che la fè, pria salse in cielo:*
*scoprì le sfere; notò i segni e i gradi.*"

17 *Mugħġam al-buldān* Internet Archive <http://ia700402.us.archive.org/35/items/waq0093/05-0097.pdf> (13 ta' Jannar 2014). Din il-verżjoni ta' *Mugħġam al-Buldān*, ippubblikata minn Dar Sader ta' Bejrut fl-1977, hija msejsa fuq il-kopja ta' Leipzig, xogħol l-Orjentalist Wüstenfeld, li bbaża l-edizzjoni tiegħu fuq l-edizzjonijiet ta' Berlin, Pariġi u San Pietruburgu.

18 Il-Qażwīnī 557.

19 Is-sena 440 tas-sena Misilma (*hiġrija*) tikkorrispondi għal xi żmien bejn Ġunju tas-sena 1048 u Ġunju tas-sena 1049.

20 Fl-oriġinali Għarbi l-kelma hija *għabīd* li tista' tfisser 'skjav, ilsir, qaddej'. Ara Edward W. Lane, *An Arabic-English lexicon* 2 (Cambridge: The Islamic Texts Society, 1984) 1935.

21 Il-Qażwīnī 557. Ara Joseph M. Brincat, *Malta 870-1054 Al-Himyarī's Account and its Linguistic Implications* (Malta: Said International, 1995) 39.

22 Ħajr lil Dr Saadun Suaieh li għarrafni li fid-djalett Libjan, p.eż., wieħed isib l-istess espressjoni: *smagħtah b-fummah jgūl* 'smajtu jgħid b'fommu stess'.

23 C.F. Seybold, "Analecta Arabo-Italica," *Centenario della nascita di Michele Amari*, 2 (Palermo: Stabilimento Tipografico Virzì, 1910) 210.

24 Is-sinjal '-' wara konsonanti, fit-traskrizzjoni Għarbija, ifisser li l-vokali ta' dik il-konsonanti mhix murija fit-test oriġinali.

25 Reinhart Dozy, *Supplément aux Dictionnaires Arabes*, vol. 1 (Beirut: Librairie du Liban, 1991) 690-1, jistqarr li wisq jibża' li l-Qażwīnī ma fehemx it-tifsira tal-kelma *ṣinağ*.

26 Dozy 845.

27 Internet Archive http://ia700402.us.archive.org/35/items/waq0093/05-0097.pdf p. 43 (13 ta' Jannar 2014).

28 Michele Amari, *Storia dei Musulmani di Sicilia*, 3, taqsima 2 (Catania: Romeo Prampolini Editore, 1939) 702; Dozy 845 jagħti t-tifsira 'sorte de mortier'.

29 Dozy 690-91.

30 Lane, 1, 247.

31 Vella 1, 82 jagħti, bi żball, *ibin-Samgħati*, u f'paġna 84 *ibn Es-Samagħati*.

32 Leonard C. Chiarelli, *A History of Muslim Sicily* (Malta: Midsea Books, 2010) 131.

33 Seybold 210 jgħid, f'parentesi, "*così va letto* [jiġifieri al-Samanṭī] *in luogo di* السمطي [jiġifieri al-Samaṭī]". Madankollu, huwa ma jagħti ebda ġustifikazzjoni għal din l-għażla tiegħu.

34 Barra minn hekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ktieb tiegħu *Lubb al-'albāb fī taħrīr al-'ansāb* ('Il-qalba tal-qlub fil-kitba tal-ismijiet tan-nisel'), is-Sujūṭī la jsemmi n-*nisba as-Samaṭī*, la *as-Samanṭī* u lanqas *al-Māliṭī*. Is-Sujūṭī (1445-1505), li ismu sħiħ huwa Abū l-Faḍl Għabd ir-Raħmān bin Abī Bakr Ġalāl ad-Dīn is-Sujūṭī, kien studjuż reliġjuż Eġizzjan. Huwa jsemmi n-*nisba as-samanṭārī* u jgħid li n-nisel huwa minn raħal fi Sqallija, iżda din mhix l-istess *nisba* tal-poeta Malti.
Ara: Internet Archive <https://archive.org/stream/kitblubballubbf00suygoog#page/n6/mode/2up>, p.140 (8 ta' Jannar 2014).

35 Ħajr lill-Prof. Stanley Fiorini li ġibidli l-attenzjoni għal dan il-fatt.

36 Wettinger, *Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800* (Malta: Publishers Enterprises Group, 2000) 520.

37 Pariġi, il-Biblijoteka Nazzjonali, Manuskritti Orjentali, n. 3330 (Ancien fonds 1375), f. 8r.

38 Amari 3, taqsima 2, 703. Din il-lapida tal-irħam iġġib tliet epigraffi, waħda bil-Latin, waħda bil-Grieg u oħra bl-Għarbi. L-iskrizzjoni Għarbija tgħid hekk: "Ħareġ l-amar tal-Preżenza Rjali u glorjuża ta' Ruġġier, Alla jżomm jiemha għal dejjem, u jsaħħaħ il-bnadar tagħha, bil-bini ta' dan l-istrument għall-kejl tas-sigħat, fil-Belt imħarsa ta' Sqallija, fis-sena ħames mija sitta u tletin." Din is-sena skont il-kalendarju *hiġri* tikkorrispondi għas-sena 1141-42 w.K. Din li ġejja hija t-traskrizzjoni tal-iskrizzjoni Għarbija: *H̱araġa min al-ħaḍra al-malakijja al-mugħaẓẓamijja ar-ruġārijja al-għalijja, 'abbada allāhu 'ajjāmaha wa-'ajjada 'agħlāmaha, bi-għamali hāḏihi l-'āla li-raṣd is-sāgħāt bi-madīnat siqillijja al-maħmijja sanat sittin wa-ṯalāṯīn wa-ẖamsumāja.*

39 Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (Malta: Publishers Enterprises Group, 2000) 212.

40 Vella 1, 81-82.

41 Jiġifieri l-'Ewropew'. Ruġġier ta' spiss kien jissejjaħ b'dan it-titlu. Ara Hubert Houben, *Roger II of Sicily. A Ruler between East and West* (Cambridge University Press, 2002) 17.

42 Il-vokalizzazzjoni nieqsa ta' dawn il-versi hija dik tal-manuskritt. Amari, *Storia dei Musulmani di Sicilia,* 3, taqsima 1 (Firenze: Successori Le Monier, 1868) 762, qaleb hekk dawn il-versi:

"*Superbì colui ch'io andai a visitare e si chiuse, lasciandomi fuori, mentre egli non si ascondeva a questo nè a quell'altro.*

*Pria di conoscermi egli avea fatti stendere drappi del Sind e della Cina (per farmi onore).*

*La mia sventura vien tutta da lui. Così foss'io morto pria di questo (affronto).*"

43 Il-vokalizzazzjoni nieqsa ta' dawn il-versi hija dik tal-manuskritt. Din hija t-traduzzjoni ta' Amari 3, taqsima 1, 762:

"*Gi amici della tua fortuna, fa di accoglierli come nemici, con l'arme in mano.*

*Nè ti illuda (se loro spunti in volto) il sorriso, chè la spada ti ammazza luccicando.*"

44 Friggieri 212.

45 Ch. Pellat, 'Mar<u>th</u>iya', *The Encyclopaedia of Islam*, vol. vi (Leiden: Brill) 605.

46 Julie S. Meisami u Paul Starkey (ed.), *Encyclopedia of Arabic literature* (Londra: Routledge, 1998) 663-64. L-aktar poetessa li baqgħet magħrufa għall-poeżija eleġijaka hija l-<u>H</u>ansā'. Din mietet madwar is-sena 665 w.K.

47 Għabd an-Nūr, Jabbūr, *Al-mugħġam al-'adabī* (Bejrut: Dār al-Għilm lil-Malāyīn, 1979) 120-21.

48 Pellat 606.

49 Amari 3, taqsima 2, 773. Bil-Malti: "... inkitbet fl-okkażjoni tal-mewt ta' mexxej nobbli Musulman ta' Sqallija. B'xorti ħażina għalina Għimād ad-Dīn ma żammx l-isem (ta' dan il-mexxej), u lanqas il-bqija tal-eleġija, li fiha seta' nstab, b'kumbinazzjoni, xi tagħrif storiku, u xi versi isbaħ; għaliex l-antoloġista tabilħaqq għażel dawk li lilna jistgħu jogħġbu anqas."

50 Pariġi: Il-Biblijoteka Nazzjonali, Manuskritti Orjentali, n. 3330 (Ancien fonds 1375), f. 20r.

51 Chiarelli 133.

52 MS 3330, f. 20r.

53 Din il-ħaġra ġġib id-data 22 ta' Marzu 1174.

54 Amari 3, taqsima 2, 774.

55 Arie Schippers, "Some remarks on Hebrew Andalusian and Arabic elegies," *Jewish Studies in a New Europe; Proceedings of the Fifth Congress of Jewish Studies in*

*Copenhagen 1994*. Edituri: Ulf Haxen, Hanne Trautner-Kromann, Karen Lisa Goldschmidt Salamon (Kopenhagen: C.A. Reitzel; Det Kongelige Bibliotek, 1998) 695-96.

56 Il-vokalizzazzjoni nieqsa ta' dawn il-versi hija dik tal-manuskritt. Din hija t-traduzzjoni ta' Amari 3, taqsima 2, 773-74:

"*Lo stuolo delle virtù si ferma (nel cammino) per cagion del dolore; l'eccelso monte della nobiltà rovina e precipita.*

*Oh qual seguito di mali s'appressa, mentre (da un altro lato) s'allontana ogni prospetto di gioia!*

*Che avverrà mai della luce del Sole e di quella che gli dà lo scambio, se questo faro di laude e di gloria è demolito?*

*(Sopratutto) ci accora che, mentr'egli pur alberga in uno degli elementi, la scellerata (morte) toglie alla sua mano di stringere (la spada) e d'allargarsi (donando).*

*Come colomba alla colombe, così ei s'accomuna con le anime de' generosi che va incontrando.*

*O trafittura crudele! O rammarico che (strappa) le lagrime (dagli occhi)! O sorte nemica! O morte fiera!*

*Pazienza, pazienza! La morte pria d'oggi ha cancellati tanti re, come si cancella la scrittura ne' libri!*"

# Analiżi ta' prietki bit-Taljan minn awturi Maltin tas-sekli sbatax-dsatax

Stephen Zammit

Is-suġġett li ser nitkellem dwaru jirrigwarda riċerka fuq bosta prietki qodma bit-Taljan minn awturi Maltin ta' bejn it-tieni nofs tas-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Din ir-riċerka għamiltha fil-kuntest tal-istudju għad-Dottorat fil-Letteratura Taljana.

Tajjeb li ngħid li għal din ir-riċerka, li oriġinat minn konverżazzjoni twila li kelli mal-mibki Professur Franco Lanza, ħdimt fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, fis-sezzjoni Melitensia riservata għall-manuskritti tal-Biblijoteka tal-Università ta' Malta, f'diversi arkivji tal-Ordnijiet reliġjużi f'Malta u, b'mod speċjali, fil-biblijoteki u fl-arkivji prinċipali li jinsabu Ruma. B'mod partikolari qattajt sena sħiħa bħala riċerkatur Erasmus fl-Universitajiet Taljani Roma Tre u La Sapienza. Naturalment, matul iż-żmien li qattajt fil-Belt Eterna, għamilt riċerki estensivi fil-Biblioteca Nazionale Centrale ta' Castro Pretorio, fil-Biblioteca Casanatense, fil-Biblioteca Angelica, fil-Biblioteca Apostolica Vaticana, fl-Archivio Segreto Vaticano u f'bosta biblijoteki u arkivji oħra mxerrdin f'Ruma.

Ir-riċerka tiegħi, li ġġib l-isem ta' *La letteratura di pietà nella Malta del XVIII secolo*, tiffoka prinċipalment fuq il-prietki tas-seklu tmintax. Mill-banda l-oħra ħassejt il-ħtieġa li nanalizza l-prietki mhux biss fil-kuntest tal-hekk imsejħa *letteratura di pietà* jew aħjar fil-kuntest ġenerali tal-letteratura reliġjuża, iżda wkoll fid-dawl tal-firxa vasta tal-aspetti storiċi, antropoloġiċi, kulturali, lingwistiċi, semjotiċi, retoriċi, teatrali, komparatistiċi, teoloġiċi u naturalment

letterarji. B'hekk, kif tistgħu taraw, stajt nimraħ fl-analiżi tal-prietki minn diversi *punti di vista* tant li l-istess riċerka ħadet ix-xejra ta' studju multidixxiplinari.

Il-punt tat-tluq kien neċessarjament definizzjoni dettaljata tal-kunċett fundamentali tal-hekk imsejħa *letteratura di pietà* li jintrabat mal-ħidma importanti f'dan il-qasam ta' tliet studjużi Taljani, jiġifieri Giuseppe De Luca, Giovanni Getto u Giovanni Pozzi. Dan tal-aħħar analizza diversi testi reliġjużi mill-*punto di vista* lingwistiku, semantiku, semjotiku u stilistiku. Pozzi għaraf il-kumplessità ta' biċċa xogħol bħal din, partikolarment fid-dawl tal-fatt li testi simili huma ripetittivi fin-natura tagħhom u li l-iskop tagħhom huwa prinċipalment l-edifikazzjoni spiritwali. Barra minn hekk, Pozzi jisħaq li l-element tar-ripetizzjoni huwa meqjus bħala karatteristika pożittiva fl-ambitu reliġjuż, sewwasew għaliex ir-ripetizzjoni teħodna fl-għeruq ta' dimensjoni sagra.[1] Għaldaqstant Pozzi jaċċetta li jieħu r-riskju li jiġi wiċċ imb wiċċ mal-monotonija għaliex proprju f'din l-attività daqshekk spiritwalment kumplessa jseħħu fenomeni straordinarji bħall-estażi, l-istranjament mistiku u forom espressivi oħra li huma partikolarment qrib ta' dik li nsejħulha poeżija.

Għaldaqstant, l-analiżi ta' diversi forom ta' talb, tal-kult, tal-arti sagra inġenerali jista' jikseb interess storjografiku u f'ċerti każi letterarju, speċjalment fil-kuntest tal-gżejjer Maltin li għal kważi tliet sekli għexu fl-ambitu ta' mhux inqas minn tliet awtoritajiet reliġjużi: l-isqof, il-gran mastru u l-inkwiżitur.

F'riċerka bħal din huwa pjuttost diffiċli li wieħed jiltaqa' ma' dokumenti ta' valur estetiku. Ir-raġuni hija li dan il-qasam ta' riċerka jappartjeni għall-hekk imsejħa "letteratura minuri". Mill-banda l-oħra, saħansitra l-qarrej lajk jaf tajjeb li fid-devozzjoni jista' jkun hemm talba sinċiera personali, kif ukoll element ta' kontemplazzjoni superjuri, ta' lingwaġġ partikolarment metaforiku li jista' jkun akkumpanjat minn riflessi mistiċi. Dan hu, fil-qosor, l-iskop ewlieni tar-riċerka ta' De Luca, Getto u Pozzi.

Minkejja li jippreżenta diversi aspetti interessanti, dan il-qasam tar-riċerka għadu sostanzjalment traskurat mill-biċċa l-kbira tal-istudjużi, sew minħabba l-kwantità enormi ta' prietki u ta' kotba tat-talb kif ukoll minħabba l-element ta' ċerta monotonija li jikkaratterizza dan it-tip ta' materjal.

Bejn il-letteratura ġenerali u dik reliġjuża, il-karatteristiċi komuni huma, fil-fehma tiegħi, l-aspetti lingwistiċi u letterarji, filwaqt li d-dimensjoni poetika (mifhuma bħala rieda u kuxjenza poetika u għaldaqstant bħala "forma" spiritwali) tirrappreżenta element ta' differenzjazzjoni. Għalhekk, kif isostni Giovanni Getto, il-letteratura reliġjuża tiġbor varjetà sħiħa ta' kitbiet li, f'komunikazzjoni mifruxa f'medda ta' sekli, jesprimu d-diversi esperjenzi reliġjużi li huma msawra f'lingwaġġ partikolari u jagħtu ħajja lil dokumenti li jiksbu valur

letterarju peress li jħaddnu tifsira essenzjalment umana u reliġjuża. Minħabba dan, l-istudju ta' dawn il-kitbiet għandu jkun żviluppat fuq bażi letterarja.[2]

L-għan ewlieni tar-riċerka tiegħi huwa li jinxteħet dawl b'mod partikolari fuq il-predikazzjoni f'Malta bit-Taljan bejn l-aħħar tas-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu dsatax bis-saħħa tal-analiżi ta' bosta testi manuskritti. Tajjeb hawnhekk li ngħidu li fl-oratorja sagra Taljana, il-kwalità lingwistika, diġà mill-bidu tas-seklu sittax, kienet ikkaratterizzata, kif isostni Claudio Marazzini, minn impenn għal addattament għal livell ogħla ta' kultura. Ta' min ifakkar li wara l-Konċilju ta' Trentu, il-predikazzjoni għaddiet minn proċess ta' trasformazzjoni, tant li tjiebu, b'mod ġenerali, sew l-aspetti lingwistiċi kif ukoll l-istrutturi tar-retorika u l-prietki ta' awturi magħrufa bħal Cornelio Musso u Francesco Panigarola saru, kif isostni Marazzini, mudelli raffinati ta' stil, ta' kwalità mhux inferjuri għal dawk ta' ġeneri letterarji oħra.[3] Kif sejrin naraw iżjed 'il quddiem, il-predikazzjoni f'Malta hija partikolarment influwenzata minn dik Taljana, speċjalment fit-tendenza tagħha li tħaddan l-elokwenza tipikament Barokka, karatteristika li f'Malta tissokta anki wara s-seklu tmintax.

## L-EWWEL TAQSIMA: IL-KARATTERISTIĊI TAL-PREDIKATURI U L-ANALIŻI TESTWALI TA' ĠABRA TA' PRIETKI QODMA

### Il-predikaturi ewlenin f'Malta bejn l-aħħar tas-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu dsatax

Bosta kienu dawk il-predikaturi Maltin li, f'din il-medda ta' żmien, għarfu jiddistingwu ruħhom fil-qasam tal-elokwenza bis-saħħa, fost l-oħrajn, ta' formazzjoni teoloġika u skritturali ta' livell għoli. Ta' min isemmi, fost l-oħrajn, lil Antonio Agius, Antonino Borg, Giovanni Battista Tolossenti, Costanzo Vella, Ignazio Saverio Mifsud, kif ukoll, fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, Francesco Saverio Baldacchino. Dawn is-saċerdoti rċevew il-formazzjoni kulturali u teoloġika fl-Ordni tagħhom stess jew fis-Seminarju, inkella fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u, sussegwentement, fl-Università ta' Malta. Uħud minnhom kellhom l-opportunità li jkomplu l-istudji tagħhom fl-Italja billi attendew korsijiet universitarji u, f'xi każi partikolari, billi ngħataw karigi prestiġjużi, bħal fil-każ ta' Ignazio Saverio Mifsud. Oħrajn kellhom l-opportunità li jaħdmu l-Italja fil-qasam pastorali, bħall-predikatur magħruf Costanzo Vella. Barra minn hekk, kif isostni Frans Ciappara, numru ta' predikaturi kellhom l-opportunità li jattendu

kors ta' oratorja.[4] Partikolarment interessanti huwa l-każ ta' Ignazio Saverio Mifsud. Dan qabel ma kien jippronunċja l-prietki tiegħu, kien jaqrahom id-dar fil-preżenza ta' ħuh sabiex dan tal-aħħar seta' jikkoreġih sew fl-istil tal-kitba kif ukoll fit-ton tal-vuċi biex ikun f'sintonija mal-qawwa espressiva tal-lessiku.[5]

Il-prietki kienu jinkitbu bit-Taljan jew b'Malti Taljanizzat bil-għan li jinbena reġistru formali bil-Malti fil-qasam reliġjuż. L-istil ta' dawn il-kitbiet kien ikun normalment iperboliku u pedantesk minħabba r-rabta mat-tendenza Barokka tal-epoka li tagħraf il-ġenesi tagħha fis-seklu sbatax, iżda li fin-Nofsinhar tal-Italja u f'Malta tinfirex saħansitra sa nofs is-seklu dsatax. L-istess oratorja kienet tinkludi diversi kwotazzjonijiet bil-Latin għal raġunijiet stilistiċi, retoriċi, estetiċi, u prevalentement psikoloġiċi. Il-predikaturi kienu jafu tajjeb li setgħu jimpressjonaw lis-semmiegħa għaliex dawn tal-aħħar kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom sajmin mit-tagħlim u mill-kultura inġenerali. Naturalment, din it-tendenza kienet tidher aktar fil-knejjes parrokkjali minuri mxerrda fid-diversi rħula ta' Malta, milli fl-ambjenti prestiġjużi u xi ftit jew wisq elitisti bħall-Konkatidral ta' San Ġwann jew il-Katidral tal-Imdina, minħabba li l-udjenza kellha evidentement karatteristiċi differenti.

Il-formazzjoni kulturali tal-predikaturi Maltin kienet, nistgħu ngħidu, ta' oriġini prevalentement Taljana, tant li l-istess esponenti tal-kleru kienu jispiraw ruħhom l-aktar mill-mudelli prestiġjużi tal-oratorja sagra Taljana, b'mod li dawn tal-aħħar kienu, għall-predikaturi lokali, punt ta' riferiment importanti. Barra minn hekk, bejn il-letteratura sagra Maltija u dik Taljana twieldet rabta interessanti. Din il-konstatazzjoni tippermettilna li ninkwadraw l-oratorja Maltija fil-kuntest iżjed wiesa' tal-letteratura sagra Ewropea, b'mod partikolari b'riferiment mill-qrib għal-letteratura sagra peninżulari jew għal dik tan-Nofsinhar tal-Italja.

## L-affinità bejn il-predikaturi Maltin u dawk Taljani tas-sekli sbatax u tmintax

Il-predikazzjoni f'Malta bejn tmiem is-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu dsatax ma tirrappreżentax biss forma ta' estensjoni tal-kultura reliġjuża Taljana, iżda wkoll aspett importanti li jappartjeni għad-dinja tal-elokwenza sagra tal-epoka. Effettivament, il-bosta predikaturi Taljani mhumiex sempliċement punt ta' riferiment għall-predikaturi Maltin, iżda wkoll mudell li ta' min jimitah sew fejn jidħol il-kontenut kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-istil tal-kitba. Dan il-fenomenu huwa dovut b'mod partikolari għar-relazzjonijiet mill-qrib bejn

l-Ordni ta' San Ġwann u r-Renju taż-Żewġ Sqallijiet kif ukoll għall-formazzjoni eminentement Taljana tal-biċċa l-kbira tal-predikaturi Maltin. Milli jidher, sew dawn tal-aħħar kif ukoll il-predikaturi Taljani ma tantx jersqu lejn il-mudelli raffinati Franċiżi bħal Bossuet, Bourdaloue, Fénelon u Massillon. Dan huwa x'aktarx wieħed mil-limiti tal-paniġiristi Taljani kif ukoll ta' dawk Maltin minħabba l-fatt li jħallu lilhom infushom jikkundizzjonaw ruħhom mill-istil iperboliku tal-elokwenza Barokka, ikkaratterizzata minn sentenzi twal iżżejjed u mżejna b'ħafna kwotazzjonijiet bil-Latin kif ukoll b'diversi domandi retoriċi.

X'aktarx li l-punt ta' riferiment l-aktar prestiġjuż għall-predikaturi Maltin bħal Mifsud, Tolossenti, Vella u Baldacchino, jibqa' Paolo Segneri, jiġifieri l-oratur Taljan l-aktar awtorevoli tas-seklu sbatax. Apparti Segneri ta' min isemmi wkoll mudelli oħra importanti bħal Daniello Bartoli, li kellu l-opportunità li jipprietka darbtejn f'Malta bejn l-1645 u l-1648, u predikaturi oħrajn bħal Emanuele Orchi,[6] Giovanni Azzolini kif ukoll Sant'Alfonso Maria de' Liguori.

Il-fatt li l-predikaturi Maltin kellhom diversi mudelli Taljani tant importanti bħal Segneri jixhed l-aspirazzjoni tagħhom li ma jibqgħux magħluqa fl-ambjent rurali ta' art twelidhom u fl-istess ħin li jippruvaw ifasslu l-oratorja tagħhom fuq il-faxxinu u l-popolarità tal-omiletika Taljana.

## Il-predikaturi Maltin ewlenin

Bejn it-tieni nofs tas-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, jispikkaw diversi predikaturi Maltin imżejna bi kwalitajiet stilistiċi notevoli. In-natura tal-kitbiet tagħhom tippermetti analiżi ta' xejra sew lingwistika kif ukoll semjotika. Dan ukoll jirrendi din ir-riċerka iktar interessanti.

F'dan l-istadju huwa xieraq li nitkellmu dwar numru ta' esponenti tal-kleru f'Malta li ddistingwew ruħhom fil-predikazzjoni.

## Il-Karmelitan Antonio Agius

Fost il-Karmelitani magħrufa li taw kontribut siewi fil-qasam tal-predikazzjoni fit-tieni nofs tas-seklu sbatax insibu lill-Patri Antonio Agius li, fost l-oħrajn, kiseb il-lawrja ta' Majjistru fil-Fakultajiet tal-Filosofija u tat-Teoloġija u ngħata l-kariga prestiġjuża ta' Konsultur tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni. Ta'

min jgħid li fl-Archivio Segreto Vaticano nsibu l-manuskritt tal-prietka tiegħu li kien ippronunċja fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz il-Birgu fix-xahar ta' Settembru tal-1663 fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni u tal-pubblikazzjoni tal-editti tal-Papa rigward it-Tribunal tas-*Santo Ufficio*.

F'din il-prietka, Agius jidher effikaċi mhux biss għaliex jagħraf u jifhem tajjeb id-diversi karatteristiċi tal-ambjent Malti, iżda wkoll għaliex juri ħila u komunikattiva liema bħalha biex jikseb l-attenzjoni sħiħa tas-semmiegħa.

Għall-kuntrarju ta' bosta predikaturi oħra, minħabba r-responsabilità tiegħu fi ħdan l-imsemmi Tribunal, il-kompitu tiegħu mhuwiex sempliċement li jagħmel opra ta' edifikazzjoni spiritwali, iżda li jagħmel ħiltu sabiex tkun rispettata l-awtorità tal-Inkwiżizzjoni. Ma jistax jonqos li dan jikkundizzjona mhux ftit l-aġir tal-fidili u saħansitra l-istess rwol tal-predikatur. Fil-fatt, il-mod kif jikkomunika jirriżulta xi ftit jew wisq prudenti, u dan jinfluwenza l-kontenut u l-istil tiegħu, tant li dawn jidhru f'mumenti twal pjuttost xotti, prevedibbli u ripetittivi. Wara kollox, il-prijorità ewlenija tiegħu tibqa' dik li jafferma l-awtorità u l-figura istituzzjonali li jirrappreżenta. Għaldaqstant m'hemmx riskju li l-udjenza tibqa' ddiżappuntata proprju għaliex tista' tifhem li din ta' Agius mhix eżattament prietka bħall-oħrajn, iżda okkażjoni ferm partikolari li ma tistax tkun l-esperjenza pjaċevoli li l-fidili kienu normalment imdorrija jgawdu bis-saħħa tat-tradizzjoni retorika Barokka.

## L-oratorja tad-Dumnikan Antonino Borg

Lejn l-aħħar tas-seklu sbatax spikkat il-figura ta' oratur Dumnikan, Antonino Borg, li ħallielna xi kitbiet li ġew miġbura minn Ignazio Saverio Mifsud fil-kollezzjoni tal-*Istromata*.

L-ewwel ma nsibu hija biss parti minn paniġierku ddedikat lil Santa Venera. Naturalment l-oratur ma jonqosx li jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq il-ħajja, il-mewt u l-mirakli ta' qaddisa li, effettivament, dwarha għad ma għandniex provi storiċi ċerti li eżistiet tassew. Wara kollox, Borg mhux obbligat li jsegwi l-verità xjentifika peress li l-intenzjoni tiegħu hi li jipprovdi lis-semmiegħa taħlita ta' pjaċir, ta' stagħġib (tipiku tal-elokwenza Barokka) u ta' katarsi. Għall-predikatur, l-eżaltazzjoni ta' din il-qaddisa hija evidentement mezz u mhux l-għan aħħari fih innifsu. Fil-fatt, l-iskop ewlieni tiegħu jibqa' dak li jisħaq fuq l-indiema sħiħa tal-fidili bħala kundizzjoni indispensabbli għall-kisba tal-purifikazzjoni spiritwali.

Xogħol ieħor interessanti ta' Borg huwa l-paniġierku għall-aħħar tas-sena 1699. B'kuntrast mal-prietka preċedenti tal-istess awtur, hawnhekk l-istil tal-oratur jidher iktar mexxej. Fost l-oħrajn tispikka l-karatteristika li jfittex li jgħallem u fl-istess waqt li jimpressjona lill-udjenza. Effettivament, dan it-tip ta' oratorja huwa essenzjalment ta' natura ripetittiva bħall-biċċa l-kbira tal-prietki ta' dak iż-żmien. Iżda l-element ta' ripetizzjoni, f'dan il-kuntest, huwa mezz effikaċi ta' persważjoni kif ukoll ta' meditazzjoni bis-saħħa tat-tendenza tal-predikatur li jidderieġi l-attenzjoni tas-semmiegħa fuq l-istess xbihat u fuq l-istess espressjonijiet. B'dan il-mod, Borg jirnexxilu jsammar lill-fidili tant li dawn tal-aħħar iħossuhom parti mir-rappreżentazzjoni xenika u teatrali li tikkaratterizza l-elokwenza prettament Barokka. Barra minn hekk, l-istess oratur jagħmel ħiltu kollha biex jisfrutta l-irwol tiegħu ta' komunikatur privileġġjat f'soċjetà, bħal dik Maltija, li bejn is-sekli sbatax u tmintax kienet għadha marbuta ma' kultura prevalentement orali.

Borg jibni l-argumentazzjonijiet tiegħu billi jirrikorri għal-loġika kif ukoll għal numru ta' sofiżmi. Fl-istess waqt ma jiddejjaqx li jesprimi l-ħsibijiet astratti u personali tiegħu, basta jaċċentwa l-poter ta' seduzzjoni fil-konfront tal-udjenza. Ta' min jinnota t-tendenza tal-oratur li jibni d-diskors tiegħu fuq forma partikolari ta' razzjonaliżmu Nisrani, ispirat mill-indirizz filosofiku u teoloġiku ta' Santu Wistin. Barra minn hekk, Borg iħares lejn il-figura ta' San Pawl bħala punt ta' riferiment ewlieni sabiex iħeġġeġ fil-qlub tal-fidili sentimenti ta' vera gratitudni lejn Alla. Tispikka wkoll l-għażla ta' diversi kwotazzjonijiet bibliċi li jikkontribwixxu biex isawru b'mod effikaċi l-aspetti tematiċi u kontenutistiċi kif ukoll biex jolqtu s-sensibilità tal-fidili preżenti. Ta' min jgħid li fl-elokwenza tiegħu, Borg juża l-Latin b'mod strateġiku u programmat biex juri l-erudizzjoni wiesgħa tiegħu. Fl-istess ħin, fil-kwotazzjonijiet bil-Latin, l-istess nozzjonijiet prefabbrikati huma ripetuti bis-saħħa ta' bosta frażijiet maħsuba apposta biex jimpressjonaw lis-semmiegħa.

Skont ir-reġista u teoriku Amerikan Richard Schechner, id-drammaturġija ortodossa – it-teatru ta' testi letterarji rrappreżentati fi spazji riġidament strutturati għall-pubbliku li bilkemm jiċċaqlaq, li jirrakkonta stejjer daqslikieku qed iseħħu għal ħaddieħor – ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' bosta nies, ħtiġijiet qodma daqskemm huwa qadim it-teatru, li jgħaqqdu r-ritwal mad-divertiment.[7] Issa, jekk napplikaw l-opinjoni ta' Schechner għall-qasam tal-predikazzjoni b'mod ġenerali u għall-oratorja ta' Borg b'mod partikolari, huwa possibbli li nintebħu b'sitwazzjoni simili għal dik ta' teatru li fih tieħu ħajja l-hekk imsejħa drammaturġija ortodossa. Effettivament, il-paniġierku għandu l-istess sura

ta' rappreżentazzjoni teatrali u bħallikieku dan jingħad ġewwa teatru veru u proprju, l-ispazji ġol-knisja huma wkoll riġidament strutturati.

L-aspett l-aktar importanti fl-osservazzjoni ta' Schechner jirrigwarda l-atteġġjament prattikament immobbli tal-udjenza. Apparti l-fatt li l-fidili waqt il-prietka, eżatt bħall-pubbliku waqt spettaklu teatrali, huma obbligati li jisimgħu fis-skiet, il-fatt li ma jitħarrkux huwa inevitabilment enfasizzat bis-saħħa tal-effikaċja oratorja li tikseb dimensjoni ipnotika.

Rigward il-kombinazzjoni tal-element tar-ritwal ma' dak tad-divertiment, huwa evidenti li l-predikatur iħossu xi ftit jew wisq fid-dmir li, biex ngħidu hekk, jirrikompensa l-preżenza tal-fidili permezz ta' esibizzjoni pjaċevoli u denja tal-isem u tal-irwol tiegħu. Interessanti li wieħed jinnota li l-istess fidili huma, f'ċertu sens, manipulati, tant hu hekk li jispiċċaw biex iħalltu l-ispettakolarizzazzjoni tal-elokwenza mal-ħtiġijiet reali tagħhom ta' kuljum.

Minkejja li m'għandux l-istess awtorevolezza u l-istess prestiġju dovuti għall-konsulent tas-*Santo Ufficio* bħal Antonio Agius, Borg jikseb xorta waħda awtorità dinjituża bis-saħħa tal-elokwenza ħajja tiegħu. Mill-banda l-oħra, Agius u Borg jirrappreżentaw żewġ tipoloġiji testwali ferm differenti. Effettivament, filwaqt li Agius jibqa' l-aktar marbut mal-iskemi riġidament prefabbrikati u ddettati mill-funzjoni istituzzjonali tiegħu, Borg jidher iktar ħieles li jesprimi liberament il-ħsieb tiegħu. Barra minn hekk, iż-żewġ predikaturi jibqgħu figuri importanti fil-kuntest tal-oratorja sagra Maltija ta' tmiem is-seklu sbatax.

### L-elokwenza ta' Giovanni Battista Tolossenti

Tolossenti jibqa' wieħed mill-iktar predikaturi raffinati fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Huwa kiseb fama kbira bis-saħħa tal-prietki li għamel fil-Konkatidral ta' San Ġwann li f'dak iż-żmien kien jirrappreżenta wieħed mill-ambjenti kulturali u reliġjużi l-iżjed prestiġjużi f'Malta. Dan il-fatt żgur li influwenza mhux ftit l-oratorja tiegħu għaliex kull min kellu x-xorti li jipprietka mill-pulptu ta' San Ġwann ma kienx ifittex biss l-edifikazzjoni, iżda wkoll li jissodisfa lill-Kavallieri li kienu mdorrijin jisimgħu tip ta' oratorja partikolarment riċerkata u pjaċevoli. Apparti r-raffinatezza stilistika tiegħu, Tolossenti għaraf jiddistingwi ruħu wkoll għall-kapaċità ta' finzjoni li hija marbuta mat-tendenza tipikament Barokka li tagħmel mill-oratorja rappreżentazzjoni teatrali. Tajjeb hawnhekk li nfakkar li f'Malta l-predikazzjoni baqgħet tħaddan, tul is-seklu tmintax, karatteristiċi eminentement Barokki.

Fost ix-xogħlijiet l-iktar importanti ta' Tolossenti[8] jispikka l-paniġierku ċelebri bl-isem ta' "Il mago divino" ad unur tat-Tawmaturgu u Isqof San Girgor, pronunċjat fl-imsemmi Konkatidral fl-1715. Naturalment, fl-isem tal-paniġierku ninnotaw li l-kelma Taljana *mago* titlef, f'dan il-kuntest, il-konnotazzjoni ta' "saħħar" biex takkwista tifsira prettament reliġjuża. Il-predikatur jislet il-kwalitajiet tat-Tawmaturgu b'ton ta' eżaltazzjoni u bi stil pittoresk u jimmaġina li jidħol fi speċi ta' djalogu mal-qaddis fejn jeżortah li jsib il-kenn tiegħu f'dik li hu jsejħilha "solitudni sigrieta" u wara, filwaqt li jdur fuq l-udjenza, jintelaq kompletament fi ħdan is-sens ta' stagħġib sabiex jilħaq l-iskop tiegħu. Iżda dan mhuwiex stagħġib komuni, iżda stagħġib profond intiż biex ipoġġi fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-fidili l-fażijiet ewlenin tal-itinerarju Gregorjan. F'dan il-kuntest, il-figuri ta' Marija u Ġwanni jidhru bħala simboli ta' gwida spiritwali għat-Tawmaturgu kif ukoll bħala strument ta' elevazzjoni għall-imħuħ u għas-sensi tas-semmiegħa.

Huwa interessanti li wieħed josserva li fl-eżaltazzjoni tal-hekk imsejħa "meravilji tat-Tawmaturgu", insibu aspett mhux komuni. Effettivament, l-oratur jisfrutta taħlita ta' ammirazzjoni u biża' tax-xitan fil-konfront tal-qaddis, bħallikieku jrid jimplika li dan tal-aħħar irnexxielu saħansitra jġib qbil bejn kulħadd dwar l-għemejjel tal-għaġeb tiegħu. Insomma, Tolossenti ma jiddejjaqx jiskomoda lill-Prinċep tad-dlamijiet biex jenfasizza dawk li suppost huma l-għemejjel eċċezzjonali tat-Tawmaturgu.

Waqt li jieħu spunt mill-bosta mirakli tat-Tawmaturgu, il-predikatur juża deliberatament l-espressjoni alluživa *teatro di meraviglie*, teatru ta' għemejjel tal-għaġeb. Effettivament, din l-espressjoni emblematika tirreferi mhux biss għall-fama tal-hekk imsejjaħ *Mago Divino* jew "Saħħar Divin", iżda tirreferi wkoll, metaforikament, għat-teatru veru u proprju (f'dan il-każ, għall-ambjent sabiħ u spettakolari tal-Konkatidral ta' San Ġwann) li fih l-oratur huwa l-protagonist li jpaxxi lis-semmiegħa bis-saħħa tal-elokwenza effikaċi tiegħu.

Fil-prietki morali tal-istess awtur, pronunċjati fil-Ħdud tal-Avvent tal-1743 dejjem fl-istess Konkatidral, din id-darba fil-preżenza tal-Gran Mastru Pinto, ninnutaw maturazzjoni stilistika notevoli. Il-fatt li l-istess Gran Mastru jippresjedi f'dawn il-prietki jwassal lil Tolossenti biex mhux biss juri sens ta' gratitudni, iżda wkoll ton enkomjastiku.

Fil-prietka li ġġib l-isem "Sopra la Bontà e Giustizia di Dio", l-oratur juri ħakma sew tal-lingwa kif ukoll tal-arti retorika. Fl-istess waqt juri l-ħila li jaffronta b'determinazzjoni s-suġġett tal-prietka u naturalment is-sens ta' mistennija tal-udjenza. Tolossenti jintefa' b'ruħu u ġismu fil-biċċa xogħol

li għandu quddiemu u jasal biex jieħu xejra issa ta' attur, issa ta' poeta u, bis-saħħa tal-paniġierku li kien għamlu famuż, issa ta' saħħar. B'hekk l-argumentazzjoni, minkejja li tibqa' ispirata minn testi sagri, issir pretest u strument ta' divertiment. Għaldaqstant, il-predikatur jinħakem minn ħeġġa liema bħalha li biha jsaħħar lil dawk preżenti u filwaqt li jindirizza mhux sempliċement lill-fidili iżda lill-midinbin b'mod partikolari, juri li jagħraf tajjeb il-miżerja psikoloġika tal-bnedmin imtebbgħa mis-sens ta' ħtija. Fl-istess waqt joħloq kuntrast interessanti bejn ir-ras iebsa tal-istess midinbin u l-paċenzja u l-ħniena divina bla tarf.

## Costanzo Vella

Vella jibqa' ċertament wieħed mill-predikaturi l-aktar importanti ta' żmienu. Mill-banda l-oħra, tiegħu waslulna biss frammenti ta' prietki u għalhekk huwa prattikament impossibbli li wieħed janalizza r-repertorju tiegħu bl-istess mod kif jista' jsir fir-rigward tax-xogħlijiet tal-predikaturi l-oħra. Iżda l-manuskritti tiegħu jibqgħu punt ta' riferiment speċjalment fejn tidħol l-erudizzjoni. Iktar siewja tidher it-tendenza ta' Vella li jżid, fit-tarf tal-paġni, didaskaliji interessanti dwar ix-xenografija li jrid jaddotta fil-prietki tiegħu. Dan nistgħu nsejħulu kontribut siewi fil-qasam tas-semjotika li fil-predikazzjoni jibda jidher fis-seklu tmintax u li predikaturi bħal Tolossenti u Mifsud jisfruttaw fl-aspett teatrali sew fil-finzjoni kif ukoll fl-użu speċifiku tal-vuċi.

F'wieħed mill-frammenti jew biċċiet ta' prietki li nsibu fil-kollezzjoni msemmija *Selva Santorale*, tispikka riflessjoni fuq il-Passjoni u b'mod partikolari jakkwistaw rilevanza l-karatteristiċi tipiċi tal-hekk imsejħa *exempla*, ispirati minn rakkonti qosra ta' diversi ġrajjiet storiċi jew aġografiċi. Huwa probabbli li Vella, fil-mument li kien jippronunċja l-prietki tiegħu, kien jiżviluppa l-konsiderazzjonijiet telegrafiċi li ħallielna. Jibqa' l-fatt illi l-espożizzjoni tiegħu tipprivileġġja, evidentement, siltiet partikolarment qosra, speċi ta' fotogrammi kkaratterizzati minn sinteżi effikaċi. Dan joħloq kuntrast mal-istil tal-biċċa l-kbira tal-kontemporanji tiegħu li bosta drabi kienu jħobbu jtawlu żżejjed ir-riflessjonijiet tagħhom.

Karatteristika li nsibu fil-kitbiet ta' Vella u li mhix komuni fi predikaturi oħra ta' żmienu, tirrigwarda t-tendenza li wara kull kwotazzjoni, pereżempju dawk meħudin mill-Vanġelu, tingħata l-indikazzjoni preċiża mhux biss tal-evanġelista, iżda wkoll tal-kapitlu u tal-vers.

Kif għidt qabel, m'hemmx dubju li wieħed mill-aspetti l-aktar interessanti fil-manuskritti ta' Vella huwa l-kontribut tiegħu fil-qasam tas-semjotika bis-saħħa ta' ċerti didaskaliji xenografiċi li jikkonfermaw in-natura riċerkata tal-omiletika Barokka u post-Barokka. Sejjer nagħti eżempju biex nillustra l-importanza tal-kunċett tal-komunikazzjoni kif ukoll ta' elementi teatrali li jenfasizzaw id-drammatiċità ta' ċerti mumenti tal-Passjoni. Il-predikatur sikwit ipinġi kurċifiss, pereżempju wara li jsemmi l-mewt, u fit-tarf tal-paġna jikteb b'mod espliċitu, donnu biex ifakkar lilu nnifsu, biex f'dak il-mument partikolari tal-prietka jesebixxi l-istess kurċifiss. B'dan il-mod, Vella jaġixxi eżattament bħal attur li jsegwi fedelment l-iskritt tiegħu. Din il-karatteristika għandha importanza notevoli f'tip ta' predikazzjoni li biss fl-apparenza timmira l-aktar għall-edifikazzjoni, sewwasew il-għaliex wisq drabi tissarraf b'mod deliberat u riċerkat fi spettakolarizzazzjoni tal-istess oratorja kif ukoll tal-karatteristiċi xenografiċi u reċitattivi tad-diversi predikaturi.

Sezzjoni qasira oħra tal-manuskritt ta' Vella ġġib l-isem ta' "Orazione nell'Orto". Hawnhekk Vella huwa impenjat li jirrappreżenta b'mod realistiku u fl-istess ħin drammatiku n-natura divina u umana ta' Kristu. Il-predikatur jiddeskrivi b'mod dettaljat u ħaj ix-xena li kważi tagħha huwa xhud dirett. Effettivament, id-drammatiċità tax-xena hija tant profonda li kważi twaqqaf il-ħin u tirrappreżenta x-xbieha intensa tal-orazzjoni fl-Ort tal-Ġetsemani. Konxju tas-seħer li jista' jeżerċita bis-saħħa tal-preżenza viżiva tad-demm, il-predikatur jagħżel li jdum apposta jiddeskrivi l-immaġni impressjonanti tal-għaraq tad-demm ta' Kristu.

Għall-kuntrarju tal-kontemporanji tiegħu, Vella jesprimi ruħu b'ton distakkat. Fil-fatt, fir-riflessjonijiet tiegħu m'hemmx lok għal-lokuzzjonijiet interjettivi. Dan għaliex ma jurix li jistagħġeb u lanqas jeżorta lill-udjenza biex tħoss l-istess sentiment, b'kuntrast mal-biċċa l-kbira tal-oraturi tal-epoka.

## L-oratorja ta' Ignazio Saverio Mifsud

Għalkemm Mifsud x'aktarx huwa iktar magħruf għall-prietki bil-Malti li l-ħabib tiegħi Joe Zammit Ciantar analizza b'ħila u reqqa kbira,[9] ta' min jgħid li fil-prietki bit-Taljan, Mifsud ma jurix kwalità inferjuri. Anzi, fil-fehma tiegħi, jirnexxilu juri kapaċità notevoli li jgħaddi mill-prietki bil-Malti għal dawk bit-Taljan mhux biss b'mod effikaċi, iżda wkoll billi juri ħakma tal-ilsien Taljan.

Fil-paniġierki bit-Taljan li Mifsud ħallielna bejn l-1740 u l-1754, tispikka l-personalità awtorevoli tiegħu kif ukoll il-predispożizzjoni teatrali ta' oratur li kapaċi jċaqlaq lis-semmiegħa minkejja l-età żgħira tiegħu. Naturalment huwa wkoll iċedi għat-tentazzjoni, tipika tal-oratorja Barokka, li jtawwal iżżejjed fl-espożizzjoni tiegħu kif ukoll li jirrikorri sikwit għal stil iperboliku. Min-naħa l-oħra, fil-biċċa l-kbira tal-kitbiet tiegħu jispikka mhux tant dak li jgħid, iżda sewwasew il-mod kif jgħidu.

Waħda mill-karatteristiċi ta' Mifsud hija li jiddrammatizza s-suġġett tal-prietki. Dan jidher b'mod evidenti anki mill-istess titli tal-paniġierki li fihom tispikka l-kelma *duello*, bħal pereżempju "Il duello tra Sapienza e Santità" kif ukoll "Il duello tra Gesù e Francesco". F'dan tal-aħħar però nsibu kuntrast mhux tas-soltu bejn Ġesù u San Franġisk. Fil-fatt, ħadd ma tiġih f'moħħu l-iċken kontrappożizzjoni bejn dawn iż-żewġ figuri proprju għaliex San Franġisk jispira ruħu min-Nazzarenu b'mod tant eżemplari li jidher qisu l-*alter ego* naturali tiegħu. Iżda l-għażla ta' dan it-titlu għandha l-iskop li ġġiegħel lill-udjenza tistagħġeb saħansitra qabel ma l-istess Mifsud jintroduċi l-paniġierku. B'hekk nistgħu nosservaw il-ħila tal-awtur li jisraq l-attenzjoni sħiħa tan-nies preżenti.

Fil-paniġierku li jġib l-isem ta' "Il Miracolo triplicato", iddedikat lil San Luqa Evanġelista u ppronunċjat fit-18 ta' Ottubru 1741 fil-knisja konventwali ta' San Franġisk, il-Belt, insibu aspetti ferm interessanti marbuta mal-arti tar-reċitazzjoni li huma fl-istess waqt relatati mal-qasam tas-semjotika. F'ħin minnhom Mifsud jikteb: "*Qui i*[10] *muta voce, come se fosse aliena e bassa*",[11] jiġifieri "hawnhekk inbiddel il-vuċi, bħallikieku kienet barranija u baxxa". Immedjatament wara, eżattament ħdejn kwotazzjoni bil-Latin, wieħed jista' jilmaħ impinġija id ċkejkna sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej fuq punt partikolari tat-test. Ta' min jinnota li wara l-kliem li jrid jinqara b'ton baxx ħafna, l-oratur iżid nota bejn il-parentesi: "*Si ripiglia la voce*",[12] jiġifieri "nirritorna għall-vuċi normali". Din l-istrateġija tiġi pperfezzjonata waqt li l-oratur jindirizza direttament lis-semmiegħa. Fil-battuti finali tal-paniġierku, Mifsud jirrikorri għal mezzi oħra li jikkonfermaw it-tendenza tiegħu għall-elokwenza riċerkata, intiża biex taħsad lill-fidili. F'dan il-kuntest jispikkaw minn banda bosta domandi retoriċi; mill-banda l-oħra, it-tentattiv apparenti tal-predikatur li jikkonsla lil dawk preżenti, jissarraf fil-ħtieġa li jqanqalhom bis-sħiħ. Insomma l-oratur juri l-ħila li jorkestra diversi elementi teatrali bil-għan li jmiss is-sensibilità tal-fidili, li min-naħa tagħhom huma destinati li jkunu soġġetti għall-faxxinu tal-elokwenza irreżistibbli tiegħu.

F'paniġierku ieħor ippronunċjat fil-knisja tal-Lunzjata l-Birgu fid-29 ta' April tal-1754, meta jiġi biex jirrakkonta l-ġrajjiet ewlenin tal-martri San Pietru, magħruf ukoll bħala Fra Pietru ta' Verona, Mifsud juża ton ikkaratterizzat minn ċerta sempliċità u fl-istess ħin jirrikorri għal kronistorja b'togħma ta' aġografija. Dan l-istil ifakkar il-kronaka li ġġib l-isem ta' *Il Giornale Maltese* li l-istess Mifsud kiteb bejn l-1740 u l-1765. Dan tal-aħħar huwa dokument storiku ta' importanza liema bħalha li jixbah f'diversi aspetti wieħed mix-xogħlijiet ewlenin ta' Ludovico Antonio Muratori, jiġifieri *Annali d'Italia*.[13]

Fil-paniġierku tiegħu, Mifsud isegwi fedelment it-tendenza tal-elokwenza Barokka li tipprivileġġja stil iperboliku, tant li jqis lill-qaddis bħala balward erojku u l-iktar importanti tal-fidi Nisranija fil-peniżola Taljana. Barra minn hekk, f'mument partikolari, Mifsud jilgħabha li mhux qed jinduna għalkollox kemm irnexxielu jikkonvinċi lill-udjenza u fl-istess waqt bilkemm ma jidhirx sorpriż bin-narrazzjoni tiegħu stess. Effettivament, il-paniġierku tiegħu huwa marbut mal-għan li jsaħħar lill-fidili, tant li sabiex jilħaq għalkollox l-iskop tiegħu jasal saħansitra biex jistagħġeb bih innifsu. Għal din ir-raġuni, mhux b'kumbinazzjoni li jirreferi għall-hekk imsejħa "*ammirabili prediche e missioni*" tal-qaddis, sewwasew għaliex Mifsud donnu jieħu spunt biex jimplika speċi ta' analoġija narċisistika bejn l-elokwenza tal-martri u l-elokwenza tiegħu stess. Iżda minkejja l-kapaċità ta' finzjoni sottili ta' Mifsud, jidher ċar li l-għan aħħari tiegħu huwa li jitfa' dawl fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-qaddis li jagħmluh, f'għajnejn dawk preżenti, figura tassew speċjali u mirakoluża.

Jekk minn banda l-oratur jidher parzjalment influwenzat mill-istil tal-epoka, mill-oħra ma jirnexxilux, almenu f'din iċ-ċirkustanza, li jaħbi l-limiti tiegħu. Għalhekk rari niltaqgħu ma' siltiet narrattivi u deskrittivi interessanti. Iżda dawn il-limiti stilistiċi jagħtuh bixra, biex ngħid hekk, iktar umana u għaldaqstant iktar kredibbli fil-funzjoni edifikatriċi tiegħu. Kollox ma' kollox, huma proprju dawn l-aħħar ingredjenti li jippermettulu li jwettaq dekorożament il-funzjoni tiegħu. Jibqa' però paradossali l-fatt li, ħdejn l-ewwel paniġierki tiegħu, miktuba bosta snin qabel, ma jidhirx li Mifsud għamel xi qabża konkreta fil-kwalità tal-elokwenza. Anzi, l-ironija hi li matul l-hekk imsejjaħ perjodu ta' apprendistat, jirriżulta prattikament impekkabbli, mentri fil-perjodu tal-maturità sħiħa tiegħu ma jonqosx li juri 'l hawn u 'l hemm diversi limiti.

Iżda, biex inkunu għidna kollox, ħdejn il-biċċa l-kbira tal-predikaturi, Mifsud jibqa' komplessivament wieħed mill-ftit oraturi mżejna bil-kwalitajiet kollha neċessarji bis-saħħa ta' inventiva superjuri kif ukoll bis-saħħa ta' repertorju mill-iktar vast. Barra minn hekk, l-oratorja tiegħu tixhed bosta drabi passjoni

ħajja u entużjażmu liema bħalu. Dawn il-karatteristiċi jikkontribwixxu biex jikkompensaw għall-biċċa l-kbira tan-nuqqasijiet tiegħu.

Mill-*punto di vista* stilistiku u speċjalment fir-rigward tal-hekk imsejħa *foga oratoria*, Mifsud juri affinità interessanti ma' oraturi ewlenin Taljani bħal Francesco Panigarola u l-aktar fil-konfront ta' Cornelio Musso, għalkemm dawn tal-aħħar jappartjenu għal tmiem is-seklu sittax.[14]

Kollox ma' kollox, Mifsud, flimkien maż-żewġ oraturi tal-istess seklu li tkellimna dwarhom qabel, jiġifieri Tolossenti u Vella, jidher ikkaratterizzat minn erudizzjoni klassikeġġanti kif ukoll minn komunikattiva effikaċi u minn elokwenza spettakolari, dekorattiva u teatrali fl-istess ħin. Naturalment wieħed jista' faċilment jikkonstata, fl-analiżi tat-testi ta' dawn il-paniġierki, xibka interessanti ta' influssi lingwistiċi u letterarji li l-biċċa l-kbira tagħhom jirriżultaw ta' oriġni Taljana.

## L-oratorja ta' Francesco Saverio Baldacchino

Bejn tmiem is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax tispikka l-figura tal-oratorjan Francesco Saverio Baldacchino li minn kmieni ntefa' fil-kitba ta' bosta paniġierki li l-biċċa l-kbira tagħhom huma bit-Taljan. Li jolqotni f'Baldacchino mhix biss il-kwantità impressjonanti ta' kitbiet li ħallielna li wħud minnhom ġew ippubblikati u analizzati minn Victor Xuereb kif ukoll minn Oliver Friggieri,[15] iżda l-livell għoli tal-kitba tiegħu, ikkaratterizzata minn ħakma eċċellenti tar-retorika kif ukoll minn espożizzjoni ferm effikaċi. Jixraq għalhekk li nissofferma ruħi fuq uħud mix-xogħlijiet tiegħu li jiddistingwu ruħhom proprju għal dawn il-karatteristiċi.

Fil-paniġierku ddedikat lill-Assunta fl-1798, Baldacchino jiddeskrivi b'entużjażmu x-xena gawdjuża tal-wasla ta' Marija fis-sema. Ma jistax jonqos li d-deskrizzjoni tkun miżgħuda b'elementi mistiċi, għalkemm l-aktar li tolqotna hija x-xejra kemxejn fantastika akkumpanjata minn karatteristiċi tipiċi tal-ħolm u tal-ħrejjef. F'dan l-affresk poetiku, l-espożizzjoni tissarraf f'taħlita sublimi ta' dawl u ta' mużika li tfakkarna fir-rappreżentazzjoni li Dante jagħti tal-Ġenna. Dan kollu huwa intiż biex joħloq fis-semmiegħa kif ukoll fl-erwieħ tal-beati sens profond ta' stagħġib li huwa enfasizzat mill-predikatur bis-saħħa ta' bosta esklamazzjonijiet.

Mill-perspettiva tal-analiżi tal-komunikazzjoni, l-elokwenza ta' Baldacchino tirriżulta interessanti għaliex turi ħila mhux komuni fit-teknika deskrittiva

u narrattiva b'mod li tippreżenta, biex ngħid hekk, serje ta' fotogrammi tal-ġrajja, daqslikieku qiegħda tiftaħ bil-mod il-mod speċi ta' mrewħa. Din it-teknika hija partikolarment effikaċi għaliex minn banda tirrendi l-oratorja iżjed rikka, mill-oħra tpaxxi lis-semmiegħa. Barra minn hekk, Baldacchino joħloq gradazzjoni ta' xbihat delikati li jagħraf jisfrutta tajjeb biex jaċċentwa l-eċċezzjonalità ta' din il-ġrajja. L-istess espressjonijiet ta' stagħġib profond min-naħa tal-predikatur bħal "*Oh che bel vederla passare come Regina* [...], *sentirsi da tutti salutare con titoli sì maestosi*", huma intiżi biex iqanqlu fis-semmiegħa sensazzjonijiet simili.

Wara tispikka dehra mill-isbaħ li tiġbor fiha t-tratti tipiċi ta' rappreżentazzjoni mibnija apposta biex tistimula reazzjoni partikolari. Fid-deskrizzjoni ta' din id-dehra, Baldacchino tistħajlu xhud privileġġjat, tant li jindika b'mod preċiż dak li l-Madonna rat u semgħet ("*Vede Maria nel secondo ordine numero innumerabile di principati, di podestà e dominazioni, che sono angeli più belli e più nobili, li vede inchinarsi tutti*"; "*ode Ella li Troni, li Cherubini e li Serafini gridare tutti con dolce armonia la voce di viva e gloria di questa loro Signora*"). Interessanti anki l-enfasi tal-predikatur li tieħu xejra insistenti u ossessiva għaliex itenni l-ħin kollu l-espressjoni "*che bel vederla*". Dan kollu jwassal bla dubju biex isaħħaħ il-kredibilità tiegħu f'għajnejn is-semmiegħa. Bl-istess mod, Fabrizio Giano, fix-xogħol tiegħu "Ragionamento sopra Nostra Signora di Monte Allegro", pronunċjat f'Rapallo u riprodott minn Baldacchino fl-istess manuskritt, jikteb:

> *Ed oh sempre cara e sempre soavissima ricordanza! A me par di vedere, oh Signori, quel vezzoso drappelletto di angeli* [...], *a me par, dico, di vederli spiccar dalle immeritevoli piagge spedito il volo e i vasti campi dell'aria trascorrendo tener sempre in Maria fisso lo sguardo* [...]: *e a me par di vedere l'augusta e pietosa Reina con dolce cenno ritenerne il corso* [...].[16]

Minkejja li mhix magħrufa d-data ta' din il-kitba, xorta waħda jibqa' dokument importanti li x'aktarx kien wieħed mill-mudelli tal-oratur Malti. Apparti l-kelmiet evokattivi inizjali ta' xejra prettament Leopardjana ("*sempre cara* [...] *soavissima ricordanza*"), tidher ċara l-affinità bejn iż-żewġ predikaturi fil-mument li huma trasportati f'dehra axxetika li kważi tippreżenta t-tratti tipiċi ta' estażi.

Fil-paniġierku tal-1810, iddedikat lill-Madonna tal-Isperanza, jidher li Baldacchino laħaq ċerta maturità mhux biss anagrafika iżda wkoll stilistika.

F'dan il-paniġierku, l-iskop tal-predikatur huwa li joħloq xbieha partikolari tal-Verġni, xbieha mimlija qawwa u faxxinu tal-għaġeb. Sabiex jilħaq dan il-għan, l-oratur jirrikorri għall-ħila oratorja li tippermettilu, pereżempju, li jilgħab fuq iż-żewġ sensi tal-kelma Taljana *vita*, "ħajja", ċoè l-ħajja ta' din l-art u dik eterna. Naturalment joħorġu evidenti sew il-messaġġ kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-kawża u l-effett: id-devozzjoni fil-konfront tal-Omm tiggarantixxi r-rikompensa eterna. Probabilment iktar effikaċi tinstema' ripetizzjoni partikolari, ċoè "*è Madre di Dio*: *Est Mater Dei*", ripetizzjoni illi bis-saħħa tat-traduzzjoni bil-Latin, tikkontribwixxi biex tagħti lit-ton ċerta sakralità sottili. Interessanti wkoll il-fatt li Baldacchino jitkellem fl-ewwel persuna u b'hekk jammetti indirettament li huwa wkoll midneb fost il-midinbin. Din l-istqarrija tgħinu biex jitwaħħad ma' dawk preżenti, u dan il-fatt ċertament jagħtih xeħta iktar umana. Tidher għalhekk evidenti l-qabża kwalitattiva mwettqa mill-predikatur ħdejn it-tentattiv tiegħu ta' tnax-il sena qabel. Effettivament, din id-darba mhux biss jirnexxilu jevita ċerti imperfezzjonijiet kontenutistiċi u stilistiċi li kkaratterizzaw l-esperiment preċedenti, iżda juri wkoll il-ħila tiegħu bis-saħħa ta' komunikattiva effikaċi.

F'paniġierku ieħor, li jeħodna lura għas-sena 1819, iddedikat din id-darba lid-Duluri, Baldacchino joffrilna affresk uman li kapaċi jqanqal emozzjonalment u spiritwalment mhux biss lis-semmiegħa, iżda anki lill-qarrejja. Hawnhekk il-predikatur juri ħila mhux komuni fl-arti xenika u deklamatorja. F'din il-fażi inizjali tal-paniġierku jispikkaw ċerti karatteristiċi stilistiċi. Pereżempju ninnutaw kuntrasti vivaċi u fl-istess ħin interessanti ("*visitare prima i giusti colle sue divine dolcezze, poscia provarli colle amarezze*"; "*quanto più di grazie gli vuol arricchire, altrettanto di amarezze gli colma*"). Iktar interessanti tidher l-antiteżi sabiħa marbuta max-xorti ħażina li misset lill-Verġni Marija ("*dando in luce il suo divin pargoletto fra i giubili e lodi degli angeli*"; "*codesta gioia cambiaransi in un mare di tormenti*"). Minkejja din l-atmosfera ta' niket, ma tonqosx naqra frugħa min-naħa tal-oratur. Effettivament, il-preċiżazzjoni tiegħu rigward il-mod kif jittratta n-narrazzjoni tal-ġrajja, b'kuntrast ma' dak ta' oraturi oħra, ma tidhirx ħielsa minn element ta' narċisiżmu, tant li jistqarr testwalment: "*delle pene di questa Madre si favella con tale brevità*"; "*ho trovato d'aver detto quanto ne pote' dire; d'aver fatto la più lunga narrazione* [...]".

Meta jgħaddi biex janalizza l-forom komplessi li jikkaratterizzaw il-weġgħat tal-bnedmin, emblematikament rappreżentati mid-Duluri, Baldacchino jirnexxilu jkun konvinċenti mhux biss għaliex il-komunikazzjoni tirriżulta

edifikanti u mimlija erudizzjoni, iżda sewwasew għaliex jirnexxilu jesprimi forma ta' liriċità ferm apprezzabbli. B'mod partikolari tolqotna l-osservazzjoni li l-imħabba tal-ġenituri kollha fil-konfront ta' wliedhom, kif ukoll tal-qaddisin kollha u saħansitra tas-serafini, mhix ħlief dak li Baldacchino jsejjaħlu bħala "*un gelo a paragone dell'infocato amore di Maria verso Gesù*".

Ferm interessanti tidher l-esperjenza tat-tbatija kontemporanja tal-Iben u tal-Omm, b'mod li kważi waħda tidher riflessa fl-oħra. Il-passjoni ta' Kristu ssir b'dan il-mod, bis-saħħa ta' paralleliżmu psikoloġiku, il-passjoni ta' Marija. Il-paralleliżmu bejn id-dulur fiżiku ta' Ġesù u dak trawmatiku tal-Madonna jiżvolġi ruħu f'rappreżentazzjoni estremament umana tas-sofferenza l-iktar sublimi. Partikolarment sinifikattiva tirriżulta l-frażi kkaratterizzata minn negazzjonijiet qawwija segwiti minn daqstant affermazzjonijiet kuntrastanti ("*Non avea piaghe e delle piaghe provava il dolore* [...]; *non versava sangue, eppur del venarlo provava la pena*"). Dawn l-aħħar kelmiet jolqtuna b'mod partikolari għaliex jimplikaw li l-Verġni, bħall-Iben, ġarrbet hi wkoll it-tbatija, tant li tħossha, bħal Binha, mimlija dmija. Għaldaqstant hawnhekk nassistu għal identifikazzjoni emblematika tat-tbatija umana, ikkaratterizzata minn element qawwi ta' *pathos*.

Fil-kliem li Baldacchino jpoġġi f'ħalq il-Verġni, it-tonalità tinstema' Romantika bis-saħħa tal-kwadrett ta' qsim il-qalb kif ukoll tal-isfond espressament malinkoniku. Impronta oħra ta' xejra prettament Romantika tirrigwarda l-invokazzjoni impliċita tal-mewt, li tintiseġ minn doża qawwija ta' disperazzjoni profonda quddiem id-dehra inaċċettabbli iżda inevitabbli tal-mewt tal-Iben.

L-ikbar mertu ta' Baldacchino huwa li għaraf ma jillimitax ruħu għad-deskrizzjoni tal-karatteristiċi tad-Duluri, iżda għażel li janalizza d-diversi aspetti tal-passjonijiet umani. Probabilment l-aktar aspett interessanti jirrigwarda l-passaġġ mill-analiżi tad-diżorjentament partikolari tal-Madonna għall-analiżi tad-diżorjentament universali li jmiss lil kull wieħed u waħda minna.

Mill-analiżi tat-testi ta' Baldacchino toħroġ ċara s-sensibilità delikata tiegħu ta' xejra purament Romantika kif ukoll l-influwenza eżerċitata mix-xogħlijiet ta' Sant'Alfons Maria de' Liguori. L-oratorja ta' Baldacchino tibqa' sostanzjalment waħda mill-iktar importanti fix-xenarju tal-elokwenza Maltija bejn tmiem is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, u dan huwa dovut għall-fatt li Baldacchino ma jillimitax ruħu għal għanijiet purament funzjonali, iżda f'mumenti partikolari jirnexxilu wkoll jikseb riżultati estetiċi interessanti u notevoli.

## IT-TIENI TAQSIMA: ANALIŻI TA' ILLUSTRAZZJONIJIET QODMA TA' ORATURI MALTIN

### Illustrazzjonijiet interessanti ta' żewġ predikaturi l-Belt fis-seklu 19

Fil-ġurnal Ingliż *The Graphic*, fil-ħarġa tat-22 ta' April tal-1876, insibu tpinġijiet interessanti li juru żewġ predikaturi waqt ir-rappreżentazzjoni tal-paniġierku tagħhom. Dawn l-istampi jikkonfermaw in-natura essenzjalment Barokka u teatrali tal-elokwenza reliġjuża li baqgħet tissokta f'Malta mingħajr waqfien għal madwar tliet sekli, jiġifieri bejn il-bidu tas-seklu sbatax u l-aħħar tas-seklu dsatax. Fin-nuqqas ta' immaġini fotografiċi, dawn l-illustrazzjonijiet jirrappreżentaw xhieda importanti u prezzjuża dwar l-atmosfera partikolari li kienet tikkaratterizza l-ispettakolarizzazzjoni tal-oratorja tal-epoka. L-illustrazzjonijiet juru l-effikaċja tal-lingwaġġ ġestwali (*body language*) tal-predikaturi, il-knejjes letteralment maħnuqa minn folla ta' fidili attenti (fil-biċċa l-kbira tagħhom nisa libsin l-għonnella) kif ukoll dawk l-elementi neċessarji li jsawru r-reċitazzjoni tal-predikaturi-atturi, bħal pereżempju l-kurċifiss kif ukoll il-palk li minn fuqu kienu jsammru u jpaxxu lis-semmiegħa u jdamdmu l-knisja bl-għajjat tagħhom. Ta' min jgħid li hawnhekk għandna żewġ xbihat emblematiċi sewwasew il-għaliex huma rappreżentattivi tax-xenarju li nsibu deskritt fil-biċċa l-kbira tal-knejjes f'Malta u fi mkejjen oħra qrib tagħna, waqt ir-reċitazzjoni tal-paniġierku. Ovvjament, kif jixhdu ż-żewġ illustrazzjonijiet, iktar mill-paniġierki fihom infushom jisirqu x-xena l-paniġiristi li huma tassew il-protagonisti assoluti ta' spettaklu mimli seħer li jnissel f'dawk preżenti taħlita ta' kurżità, stagħġib, tkexkix, indiema u, fl-istess ħin, ta' pjaċir uniku, tant li lanqas f'teatru veru u proprju ma kien jinstab bħalu. Dan għaliex l-elokwenza reliġjuża tal-epoka ma kenitx toffri rappreżentazzjoni sempliċement spettakolari, iżda kienet tinqeda b'mezzi ta' persważjoni u ta' divertiment sabiex taqdi l-funzjoni purament spiritwali u twassal lill-fidili għall-kisba tal-katarsi.

Dak li jimpressjonana l-iktar fid-dehra ta' dawn iż-żewġ oraturi huwa l-atteġġjament partikolari tagħhom: donnhom mitlufin f'estażi liema bħalha li tippermettilhom, minn banda, li jinterpretaw b'mod eżemplari l-irwol ta' komunikaturi privileġġjati f'komunità ddominata mill-preżenza massiċċa tal-knisja, mill-oħra li jitwaħħdu mar-rappreżentazzjoni hekk li s-semmiegħa jħarsu 'l fuq, isammru għajnejhom f'għajnejn il-predikaturi u jispiċċaw biex huma wkoll ikunu trasportati f'estażi li lanqas jistgħu jifhmu u li wara kollox m'għandhomx il-ħtieġa li jifhmu. Dan kollu jikkonferma li, fl-aħħar mill-aħħar,

f'din is-sura ta' komunikazzjoni, dak li verament kien jimporta u li kien jagħmel tassew id-differenza hija l-forma u mhux il-kontenut, speċjalment minħabba l-akritiċità tal-biċċa l-kbira tal-fidili li tant kellhom fiduċja għamja fil-predikaturi li dawn tal-aħħar kienu faċilment isaħħruhom u saħansitra jipnotizzawhom mingħajr ma jgħidu xejn speċjali, iżda li kienu jgħiduh b'mod li kien tassew iqanqal l-emozzjonijiet l-iżjed qawwija.





It-tpinġijiet li juru żewġ predikaturi Maltin f'*The Graphic* tat-22 ta' April 1876

M'għandniex xi ngħidu li, f'dawn l-illustrazzjonijiet, tidħol inevitabilment doża ta' soġġettività, fis-sens li hawnhekk, minflok żewġ immaġini fotografiċi li jirriproduċu, biex ngħid hekk, b'mod xjentifiku u fidil sitwazzjoni partikolari, għandna l-impressjoni viżiva tal-artist li pinġa, skont is-sensibilità tiegħu, dak li ra personalment skont kif laqtu jew impressjonah. U l-element ta' soġġettività ma jonqosx ukoll fid-deskrizzjoni tal-illustrazzjonijiet li nsibu fl-istess ħarġa tal-ġurnal. Hekk jikkummenta l-ġurnalist dak li l-artist għoġbu jirrappreżenta:

> *The Maltese are devoted Roman Catholics, and a sincerely religious people. Our artist, who visited several of the churches, describes the preaching, which is delivered from a large platform or stage, as somewhat grotesque and exaggerated in style. He has sketched two of these preachers, of very opposite characteristics. One was round, plump, and red-faced, with a loud gruff voice; the figure of the other seemed all angles, and he threw himself by a series of starts into the most surprising attitudes. The centre of the church was filled by women, shrouded in the* onella*, the men sat apart.*

Fis-sustanza, din id-deskrizzjoni tirrifletti l-kwadru tar-reliġjożità popolari Maltija ta' dak iż-żmien, ħlief, b'riferiment għall-oratorja fiha nfisha, għall-espressjoni "*somewhat grotesque and exaggerated in style*". Din id-definizzjoni ma tagħmilx ġustizzja b'mod ġenerali man-natura Mediterranja tal-komunikazzjoni u b'mod partikolari man-natura Barokka tal-predikazzjoni sewwasew għaliex ma nistgħux ninjoraw il-kuntest ġeografiku, storiku-kulturali u reliġjuż li kien isawwar, u sa ċertu punt għadu jsawwar (għalkemm f'forom kemxejn differenti), l-ambjent antropoloġiku mhux biss ta' Malta iżda wkoll dak tan-naħa t'isfel tal-Ewropa. Għaldaqstant, dan l-ispettaklu, li kien għalkollox "normali" u komuni f'dawk iż-żminijiet, jista' jidher grottesk u esaġerat fl-istil għal min mhux verament midħla tal-karatteristiċi ewlenin tar-reliġjożità popolari Maltija u tan-Nofsinhar tal-Ewropa. L-osservazzjoni tal-kummentatur ma tantx tidher ġustifikata, mhux biss għaliex turi element ta' preġudizzju, iżda wkoll għax qisha qed timplika li ż-żewġ oraturi kif jidhru fl-illustrazzjonijiet, jistgħu jkunu ġġudikati bl-istess kejl tad-drawwiet ta' kulturi differenti minn dawk ta' pajjiżna! U naturalment nafu tajjeb li dan mhux possibbli. Wara kollox, jekk irridu nkunu ġusti mal-predikaturi ta' dik l-epoka, ikollna nammettu li kienu, biex ngħidu hekk, esperti ta' dak li llum insejħulu *marketing*, fis-sens li kienu jagħrfu preċiżament dak li kienu jridu l-fidili u kienu jikkuntentawhom billi "jbigħulhom" il-prodott tagħhom (l-elokwenza emozzjonali u spettakolari) b'ħila u b'maestrija notevoli. F'dan il-kuntest, l-ispettaklu kien ikun dejjem garantit u l-udjenza, ma jistax jonqos, ma setgħetx tkun iktar sodisfatta.

## Tmiem

F'din l-esplorazzjoni komplessa stajna ninnutaw li l-letteratura reliġjuża f'Malta hija miżgħuda b'xibka ta' elementi lingwistiċi, letterarji, stilistiċi, semjotiċi kif

ukoll kulturali, b'mod speċjali fil-kuntest tal-predikazzjoni Barokka u post-Barokka. F'dan l-istess kuntest joħroġ ċar li l-viċinanza ġeografika u kulturali bejn Malta u n-Nofsinhar tal-Italja f'ħafna aspetti sawret il-karatteristiċi tar-reliġjożità popolari Maltija li fiha tispikka taħlita ta' umanità u ta' espressività reliġjuża sempliċi u kkulurita. F'ċertu sens, l-affinitajiet antropoloġiċi identifikati sew fin-naħa t'isfel tal-Italja kif ukoll fl-istat ċkejken Ġerosolimitan joħolqu l-idea ta' speċi ta' estensjoni soċjokulturali Taljana li seħħet fir-realtà insulari Maltija. Minn dan il-lat, m'hemmx dubju li l-biċċa l-kbira tal-forom devozzjonali li nsibu fil-gżejjer Maltin, bosta drabi jafu l-oriġni tagħhom fl-Italja, u bis-saħħa tar-relazzjonijiet qodma mar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jirriżultaw, b'mod speċifiku, ta' oriġni Sqallija.

Fil-qasam tal-elokwenza, li rriżultat partikolarment effikaċi fil-komunikazzjoni reliġjuża ta' bejn is-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, l-influwenza eżerċitata mill-oraturi ewlenin Taljani fuq il-predikaturi l-aktar rappreżentattivi Maltin, turi xibka ta' relazzjonijiet li tmur lil hinn mill-influss prettament Sqalli. Effettivament, predikaturi bħal Antonio Agius, Antonino Borg, Giovanni Battista Tolossenti, Ignazio Saverio Mifsud u Francesco Saverio Baldacchino ġew influwenzati l-aktar minn figuri eminenti tal-peniżola Taljana bħal, pereżempju, Paolo Segneri li għex Ruma iżda li kien joriġina minn familja Toskana; Daniello Bartoli minn Ferrara; Emanuele Orchi minn Como; Giovanni Azzolini mis-Salento; kif ukoll in-Naplitan Alfonso Maria de' Liguori.

Wieħed mill-aspetti l-aktar interessanti tar-riċerka jirrigwarda l-għanijiet tal-oraturi kif ukoll it-teknika tal-komunikazzjoni li kienu jużaw sabiex ikunu effikaċi. Nistgħu ngħidu li l-predikaturi kollha kienu akkomunati fir-rieda li jedifikaw lill-fidili, iżda kull predikatur kien jirrikorri għal metodoloġiji diversi. Kif stajna nindunaw, bejn tmiem is-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, l-elokwenza ma kinetx biss tfittex li ġġiegħel lin-nies jistagħġbu, iżda kellha bħala għan importanti li tbeżża' (biex ma ngħidx twerwer) lil dawk preżenti bis-saħħa ta' metafori qodma, x'aktarx ta' oriġni Medjevali, li kienu jesprimu ċ-ċertezza tal-kastig aħrax għal dawk kollha li ma ridux jgħixu skont id-dmirijiet morali tagħhom. Iżda donnu li malajr bdiet tieħu s-sopravvent it-tendenza li l-predikazzjoni tpaxxi l-udjenza bis-saħħa ta' batterija impressjonanti ta' figuri retoriċi użati b'ħila kbira mid-diversi oraturi.

M'għandniex xi ngħidu, din l-istrateġija kienet tisfrutta b'mod opportun proċediment drammatiku u teatrali li kien inevitabilment jimpressjona u jsaħħar għalkollox lis-semmiegħa. Għaldaqstant, filwaqt li l-post li fih kienet tittella' r-rappreżentazzjoni tal-prietka kien jixbah aktar lil teatru milli sempliċement

lil knisja, l-oratur kien il-protagonist assolut. Dan tal-aħħar kien jaf tajjeb li n-nies li kellu quddiemu, bosta drabi ma kellhomx atteġġjament kritiku, u għalhekk kien japprofitta ruħu biex ifassal il-kontenut u l-istil tad-diskors tiegħu kif kien jidhirlu jew jaqbillu skont iċ-ċirkostanzi.

Fit-testi li ġew eżaminati qajla niltaqgħu ma' karatteristiċi letterarji u estetiċi denji ta' nota, li tarġa' huma limitati l-aktar għall-paniġierki pronunċjati f'ambjenti prestiġjużi bħall-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. Mill-banda l-oħra, l-oraturi kienu jafu tajjeb li l-biċċa l-kbira tal-fidili ma kinetx mgħallma biex tifhem tajjeb il-komunikazzjoni reliġjuża u tagħraf id-diversi sfumaturi tal-oratorja. F'dan il-kuntest, il-predikaturi mhux biss ma kinux isibu diffikultà sabiex jikkonvinċu u jimpressjonaw lill-udjenza, iżda ma kinux neċessarjament motivati biex jilħqu livelli estetikament għolja. Minkejja dan kollu, l-istess oraturi kellhom il-mertu li jiktbu testi ferm effikaċi u funzjonali għall-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien kif ukoll li jirrikorru għall-espedjenti semjotiċi partikolarment konġenjali. Kollox ma' kollox, il-produzzjoni tagħhom laħqet l-għanijiet ewlenija tal-elokwenza tal-epoka u tista' tkun apprezzata saħansitra mis-sensibilità moderna.

*It-taħdita organizzatha l-Akkademja fit-28 ta' Marzu 2011.*

**BIBLIJOGRAFIJA**


**Manuskritti**:
Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt:
I.S. Mifsud, *Stromata Melitensium*, mss. Liber 1-24; ms. Lib. 48.

Arkivju tal-Patrijiet Minuri Franġiskani, il-Belt:
Ms. (mhux numerat) C. Vella, *Selva Morale e Santorale*.

Arkivju ta' San Filippo Neri, l-Isla:
F.S. Baldacchino, mss. G III/2, T. II; G. III/4, T. IV.

Archivio Segreto Vaticano:
Fondo "Malta", Segreterija tal-Istat fl-*Archivio Segreto Vaticano*:
A. Agius, ms. 186, 11: ff. 143-150.

**Pubblikazzjonijiet:**

A.M. De' Liguori, *Selva di materie predicabili ed istruttive, per dare gli esercizi a' preti; ed anche per uso di lezione privata a proprio profitto* (Napoli: G. di Domenico, 1760)

— *Sermoni compendiati sugli Evangeli di tutte le domeniche dell'anno* (Torino: Marinetti, 1872)

— *Lettere di sant'Alfonso M. de' Liguori, Fondatore della Congregazione del SS. Redentore, Vescovo di S. Agata de' Goti e Dottore di S. Chiesa, pubblicate nel primo centenario della sua beata morte per un Padre della stessa Congregazione* 3 vol. (Roma: Società di S. Giovanni, 1877-1890)

G. De Luca, *Introduzione alla storia della pietà* (Roma: Edizioni di Storia e Letteratura, 1962)

— *Sant'Alfonso: il mio maestro di vita cristiana* a c. di O. Gregorio (Roma: Edizioni di Storia e Letteratura, 1983)

U. Eco, *Trattato di semiotica generale* (Milano: Bompiani, 1975)

— *Lector in fabula. La cooperazione interpretativa nei testi narrativi* (Milano: Bompiani, 1979)

— *Semiotics and the Philosophy of Language* (Bloomington: Indiana U.P., 1984)

— *The Role of the Reader, Explorations in the Semiotics of Texts* (Bloomington: Indiana U.P., 1995)

G. Getto, *Letteratura dal Due al Novecento* (Firenze: Sansoni, 1967)

A. Gnisci (cur.), *Letteratura comparata* (Milano: Bruno Mondadori, 2002)

G. Pozzi, *Grammatica e retorica dei santi* (Milano: Vita e Pensiero, 1997)

M. Scotti (cur.), *Prose scelte di Daniello Bartoli e Paolo Segneri* (Torino: UTET, 1980)

**Noti**

1 G. Pozzi, *Alternatim* (Milano: Adelphi, 1996) 519.

2 G. Getto, *Letteratura e critica nel tempo* (Milano: Marzorati, 1968) 160.

3 C. Marazzini, *Il perfetto parlare* (Roma: Carocci, 2001) 164-165.

4 F. Ciappara, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (Malta: PEG, 2001) 83.

5 Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, I. S. Mifsud, Ms. Lib. 48, f. 1.

6 Skont Giovanni Pozzi (*Saggio sullo stile dell'oratoria sacra nel Seicento esemplificata sul P. Emmanuele Orchi*, Roma, Institutum Historicum Ord. Fr. Min. Cap., 1954, 20), Orchi miet fit-22 ta' Frar tal-1649 fil-gżira ta' Procida waqt li kien qiegħed jivvjaġġa lejn Malta fejn kellu jagħmel il-prietki tar-Randan.

7 R. Schechner, *Performance Theory. Revised and Expanded Edition* (New York & London: Routledge, 1988) 146.

8 Miġbura minn Ignazio Saverio Mifsud fil-kollezzjoni tal-*Istromata*.

9 J. Zammit Ciantar, *Il-Prietki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud* (Malta: Gutenberg, 2008).

10 Eżempju interessanti ta' tronkament poetiku.

11 I. S. Mifsud, ms. Lib. 48, f. 273.

12 Mifsud, f. 273.

13 Rigward l-influss ta' Muratori fuq Mifsud, ara S. Zammit, *Il Giornale Maltese di Ignazio Saverio Mifsud*, teżi mhux pubblikata għall-grad ta' M.A. fit-Taljan, Fakultà tal-Arti (Università ta' Malta, 1996) 141-150.

14 L-analiżi komparatistika ta' Emanuele Tesauro (*Il cannocchiale aristotelico o sia idea dell'arguta e ingeniosa eloquzione che serve a tutta l'arte oratoria, lapidaria e simbolica, esaminata co' princìpi del divino Aristotele*, Torino, Bartolomeo Zavatta, 1670, 501-502) rigward l-oratorja ta' Panigarola u Musso tidher ferm rilevanti f'dan il-kuntest proprju għaliex taċċenna, indirettament, għall-istess karatteristiċi ta' Mifsud: "[...] *formò Cornelio Musso, detto il Bitonto, un novello stile di Oration Sacra, per modo di un rapacissimo torrente di eloquenza più copiosa ch'elaborata: mista di argomenti infiniti, alti e bassi; di Dottrine frequentemente, più che sottilmente toccate; di citationi più di Scrittura, che di Scritturali; d'interpretationi letterali, e piane, più che argute, e scabrose, e se pur si servia di Simboli, e Figure, delle quali è piena la vecchia, e nuova legge; le applicationi eran savie, e sode piuttosto che acute, ed inopinate: e queste cose con tanta affluenza, e tanta opera di memoria; che di una Predica sola se ne sarian fatte diece; non finendo di predicare, finché non avesse finito di evacuare tutta la proposta materia. Seguì questa maniera, stimata allora miracolo, il Panigarola suo discepolo quanto all'età, ma più perfettionato con lo studio, e col talento. Peroché havendo congiunta un'esquisita Dottrina di*

*gran Maestro, che si vede nella sua Teologia Davidica manoscritta, con un'esquisita peritia delle retoriche, la qual si vede nel suo Demetrio, e sopra tutto la gratia, e leggiadria da Cavaliero; l'avvenenza, la facilità, la natural facondia, e la dolcezza della lingua; formò le sue Prediche non men faticose, ma più culte, più ordinate, e soavi, che il suo Maestro*".

15 Ara V. Xuereb S.J., "Franġisku Saverju Baldacchino, Prepostu tal-Oratorjani ta' San Filippu tal-Isla. Kittieb bikri ta' Proża u Poeżija bil-Malti", *Journal of Maltese Studies*, n. 25-26 (1994-95) 40-51; O. Friggieri, "Prietki bil-Malti ta' Franġisku Saverju Baldacchino", *Journal of Maltese Studies*, n. 19-20 (1989-90) 76-94; Friggieri, "Aktar Prietki bil-Malti ta' Franġisku Saverju Baldacchino", *Symposia Melitensia*, n. 3 (2006) 21-38.

16 F. Giano, ara ms. F. S. Baldacchino, cit., f. 147r.